**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 651/2014

## tas-17 ta' Ġunju 2014

## li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 | L 156 | 1 | 20.6.2017 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 | L 215 | 3 | 7.7.2020 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/452 tal-15 ta' Marzu 2021 | L 89 | 1 | 16.3.2021 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta' Lulju 2021 | L 270 | 39 | 29.7.2021 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 26, 31.1.2018, p. 53 (2017/1084)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 410, 18.11.2021, p. 209 (2017/1084)

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 651/2014

## tas-17 ta' Ġunju 2014

## li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

WERREJ


| | |
|---|---|
| KAPITOLU I | Dispożizzjonijiet komuni |
| KAPITOLU II | Monitoraġġ |
| KAPITOLU III | Dispożizzjonijiet speċifiċi għal kategoriji differenti ta' għajnuna |
| Taqsima 1 — | Għajnuna reġjonali |
| Taqsima 2 — | Għajnuna għall-SMEs |
| Taqsima 2a — | TAQSIMA 3 — |
| Taqsima 3 — | Għajnuna biex l-SMEs jkollhom aċċess għall-finanzjament |
| Taqsima 4 — | Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni |
| Taqsima 5 — | Għajnuna għat-taħriġ |
| Taqsima 6 — | Għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġati u għall-ħaddiema b'diżabilità |
| Taqsima 7 — | Għajnuna għall-protezzjoni ambjentali |
| Taqsima 8 — | Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn ċerti diżastri naturali |
| Taqsima 9 — | Għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda |
| Taqsima 10 — | Għajnuna għall-infrastrutturi tal-broadband |
| Taqsima 11 — | Għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju |
| Taqsima 12 — | Għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali |
| Taqsima 13 — | Għajnuna għall-infrastrutturi lokali |
| Taqsima 14 — | Għajnuna għal ajruporti reġjonali |
| Taqsima 15 — | Għajnuna għal portijiet |
| Taqsima 16 — | Għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU |
| KAPITOLU IV | Dispożizzjonijiet finali |

▼B

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin:

(a) l-għajnuna reġjonali;

(b) l-għajnuna lill-SMEs f'għamla ta' għajnuna għall-investiment, għajnuna operatorja u biex l-SMEs jkollhom aċċess għall-finanzjament;

(c) l-għajnuna għall-protezzjoni ambjentali;

(d) l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(e) l-għajnuna għat-taħriġ;

(f) l-għajnuna għar-reklutaġġ u l-impjieg ta' ħaddiema żvantaġġati u ta' ħaddiema b'diżabilità;

(g) l-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali;

(h) l-għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda;

(i) l-għajnuna għall-infrastrutturi tal-broadband;

(j) l-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju;

▼M1

(k) l-għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali;

(l) l-għajnuna għall-infrastrutturi lokali;

▼M4

(m) għajnuna għall-ajruporti reġjonali;

(n) għajnuna għall-portijiet;

(o) għajnuna għal proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea; u

(p) għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU.

▼B

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

▼M4

(a) skemi skont it-Taqsimiet 1 (bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15), 2, 3, 4, 7 (bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 44) u 10 tal-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament, u għajnuna implimentata fil-forma ta’ prodotti finanzjarji skont it-Taqsima 16 ta’ dak il-Kapitolu, jekk il-baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat għal kull Stat Membru jaqbeż EUR 150 miljun, minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħhom. Għall-għajnuna skont it-Taqsima 16 tal-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament, huma biss il-kontribuzzjonijiet minn Stat Membru għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-garanzija tal-UE,

▼M4

imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li huma allokati għal prodott finanzjarju speċifiku għandhom jitqiesu biex jiġi vvalutat jekk il-baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat ta' dak l-Istat Membru relatat mal-prodott finanzjarju jaqbiżx l-EUR 150 miljun. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dan ir-Regolament għandu jkompli japplika għal perjodu itwal għal kwalunkwe waħda minn dawn l-iskemi ta' għajnuna wara li tkun ivvalutat il-pjan ta' evalwazzjoni rilevanti nnotifikat mill-Istat Membru lill-Kummissjoni, fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ tal-iskema. Fejn il-Kummissjoni tkun diġà estendiet l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lil hinn mis-sitt xhur inizjali fir-rigward ta' skemi bħal dawn, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu dawk l-iskemi sa tmiem il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun ippreżenta rapport ta' evalwazzjoni f'konformità mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni. Madankollu, l-għajnuna reġjonali mogħtija skont dan ir-Regolament tista' tiġi estiża, b'deroga, sa tmiem il-perjodu ta' validità tal-mapep rilevanti tal-għajnuna reġjonali;

▼B

(b) kull tibdil fl-iskemi msemmija f'Art. 1 (2) (a), minbarra modifikazzjonijiet li ma jistgħux jaffettwaw il-kompatibilità tal-iskema ta' għajnuna skont dan ir-Regolament jew ma jistgħux jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kontenut approvat tal-pjan ta' evalwazzjoni;

(c) għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, it-twaqqif u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew spejjeż oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;

(d) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' oġġetti domestiċi fuq dawk importati;

▼M1

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

▼M4

(a) għajnuna mogħtija fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, kif koperta mir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bl-eċċezzjoni tal-għajnuna għat-taħriġ, għajnuna għall-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, għajnuna fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs, għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġati u ħaddiema b'diżabilità, għajnuna għall-investiment reġjonali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, skemi ta' għajnuna għall-operazzjoni reġjonali, għajnuna għal Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali dwar il-produttività u s-sostenibbiltà agrikola (SEI), għajnuna għal proġetti ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD"), għajnuna għal proġetti ta' Kooperazzjoni

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30);

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

▼M4

Territorjali Ewropea, u għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU, ħlief għall-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 ([1]);

(b) għajnuna mogħtija fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja, bl-eċċezzjoni ta’ għajnuna għall-investiment reġjonali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, skemi ta’ għajnuna operatorja reġjonali, għajnuna għal konsulenza favur l-SMEs, għajnuna għal finanzjament ta’ riskju, għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs, għajnuna ambjentali, għajnuna għat-taħriġ, għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u ħaddiema b’diżabilità, għajnuna għal Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali dwar il-produttività u s-sostenibbiltà agrikola (SEI),, għajnuna għal proġetti ta’ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (“CLLD”), għajnuna għal proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea u għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU;

▼M1

(c) għajnuna mogħtija lis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn l-ammont tal-għajnuna jiġi stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;

(ii) fejn l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;

(d) għajnuna biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi, kif kopert bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE ([2]);

(e) il-kategoriji ta' għajnuna reġjonali msemmija fl-Artikolu 13.

▼B

Meta intrapriża hija attiva fis-setturi esklużi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu, kif ukoll f'setturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija fir-rigward ta' dawk is-setturi jew attivitajiet tal-aħħar, bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jiżguraw b'mezzi adatti bħalma huma s-separazzjoni tal-attivitajiet jew id-distinzjoni fl-ispejjeż, li l-attivitjiet fis-setturi esklużi ma jibbenefikawx mill-għajnuna mogħtija skont dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta’ Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24).

▼M4

4. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) skemi ta' għajnuna li ma jeskludux espliċitament il-ħlas ta' għajnuna individwali favur impriża li tkun soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna mogħtija mill-istess Stat Membru illegali u inkompatibbli mas-suq intern, bl-eċċezzjoni tal-iskemi tal-għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali u skemi ta' għajnuna koperti mill-Artikolu 19b, it-Taqsima 2a kif ukoll it-Taqsima 16 tal-Kapitolu III;

(b) għajnuna *ad hoc* favur impriża kif imsemmi fil-punt (a);

(c) għajnuna lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali, skemi ta' għajnuna għall-bidu ta' negozju, skemi ta' għajnuna operatorja reġjonali, skemi ta' għajnuna koperti mill-Artikolu 19b, għajnuna lill-SMEs skont l-Artikolu 56f u għajnuna lil intermedjarji finanzjarji skont l-Artikoli 16, 21, 22 u 39 kif ukoll is-Sezzjoni 16 tal-Kapitolu III, sakemm impriżi f'diffikultà ma jiġux trattati b'mod aktar favorevoli minn impriżi oħrajn. Madankollu, dan ir-Regolament għandu japplika b'deroga għal impriżi li ma kinux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda li saru impriżi f'diffikultà matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

▼B

5. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, li minnhom infushom, mill-kundizzjonijiet marbuta magħhom jew mill-metodu finanzjarju tagħhom jinvolvu ksur inseparabbli tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari:

(a) miżuri ta' għajnuna fejn l-għoti ta' għajnuna huwa soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju jkollu l-kwartieri tiegħu fl-Istat Membru rilevanti jew li jkun stabbilit b'mod predominanti f'dak l-Istat Membru; Madankollu, ir-rekwiżit li wieħed ikollu stabbiliment jew fergħa fl-Istat Membru li jagħti l-għajnuna fil-mument tal-ħlas tal-għajnuna huwa permess.

(b) miżuri ta' għajnuna fejn l-għoti ta' għajnuna huwa soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju juża oġġetti prodotti nazzjonalment jew servizzi nazzjonali;

(c) miżuri ta' għajnuna li jillimitaw il-possibbiltà li l-benefiċjarji jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "għajnuna" tfisser kull miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat;

2. "intrapriżi ta' daqs żgħir u medju" jew "SMEs" jfissru intrapriżi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

▼B

3. "ħaddiem b'diżabilità" tfisser kull persuna li:

(a) hija rikonoxxuta bħala ħaddiem b'diżabilità skont il-liġi nazzjonali; jew

(b) li għandha diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorjali, li f'interazzjoni ma' ostakli differenti, jistgħu jxekkluha milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fl-ambjent ta' xogħol, meta pparagunat ma' ħaddiema oħra;

4. "ħaddiem żvantaġġat" tfisser kull persuna li:

(a) ma kellhiex impjieg regolari bi ħlas matul is-6 xhur ta' qabel; jew

(b) għandha bejn il-15 u l-24 sena; jew

(c) ma kisbitx kwalifika vokazzjonali jew edukattiva minn skola sekondarja superjuri (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni 3) jew m'ilhiex aktar minn sentejn minn meta lestiet edukazzjoni full time u għadha ma ngħatatx l-ewwel impjieg regolari tagħha bi ħlas; jew

(d) għandha 'l fuq minn 50 sena; jew

(e) tgħix bħala adulta mhux miżżewwġa b'persuna dipendenti waħda jew aktar; jew

(f) li taħdem f'settur jew professjoni fi Stat Membru fejn l-iżbilanċ bejn is-sessi jkun ta' mill-anqas 25 % ogħla mill-iżbilanċ medju bejn is-sessi fis-setturi kollha ekonomiċi f'dak l-Istat Membru, u li tkun tagħmel parti mis-sess sottorappreżentat; jew

(g) li tkun membru ta' minorità etnika fi Stat Membru u li jkun/tkun irid/trid j/tiżviluppa l-profil lingwistiku tiegħu/tagħha, it-taħriġ vokazzjonali jew l-esperjenza tax-xogħol biex itejjeb/ittejjeb il-prospetti li jsib/issib impjieg stabbli;

5. "Trasport" tfisser trasport ta' passiġġieri permezz ta' inġenji tal-ajru, bit-trasport marittimu, bit-triq, ferrovjarju u permezz ta' passaġġi tal-ilma interni jew servizzi ta' trasport ta' merkanzija b'kiri jew b'kumpens;

6. "spejjeż ta' trasport" tfisser spejjeż ta' trasport f'isem ħaddieħor fil-fatt imħallsa mill-benefiċjarji għal kull vjaġġ, li jinkludu:

(a) spejjeż tal-merkanzija, spejjeż tat-tqandil u spejjeż tal-ħżin temporanju, diment li dawn l-ispejjeż huma relatati mal-vjaġġ;

(b) spejjeż tal-assigurazzjoni applikati għall-merkanzija;

(c) taxxi, dazji u levies applikati għall-merkanzija u, jekk applikabbli, għad-deadweight, kemm fil-punt ta' oriġini kif ukoll fil-punt ta' destinazzjoni; kif ukoll

(d) spejjeż tal-kontroll tas-sikurezza u s-sigurtà, soprataxxi għall-ispejjeż tal-karburant miżjuda;

▼B

7. “reġjuni remoti” tfisser ir-reġjuni l-aktar imbiegħda, Malta, Ċipru, Ceuta, Mellilla, gżejjer, li huma parti mit-territorju ta' Stat Membru u ftit li xejn populati;

8. “kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli” tfisser iż-żamma jew il-wiri bil-għan ta' bejgħ, offerta ta' bejgħ, kunsinna jew kull mod ieħor ta' tqegħid fis-suq, minbarra l-ewwel bejgħ minn produttur primarju lil min jerġa' jbigħ jew lil proċessuri u kull attività li tħejji prodott għat-tali l-ewwel bejgħ; bejgħ minn produttur primarju lill-konsumaturi aħħarin jitqies bħala tqegħid fuq is-suq jekk isir f'post separat riżervat għal dak il-għan;

9. “Il-produzzjoni agrikola primarja” tfisser il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħamrija u tat-trobbija tal-bhejjem, elenkati fl-Anness I tat-Trattat, mingħajr it-twettiq ta' kwalunkwe operazzjoni ulterjuri li tbiddel in-natura ta' dawn il-prodotti;

10. “l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli” tfisser kull operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, minbarra attivitajiet li jsiru fir-razzett meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott minn annimal jew pjanta għall-ewwel bejgħ;

11. “prodott agrikolu” tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat, minbarra prodotti tas-sajd u l-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013;

12. “reġjuni l-aktar imbiegħda” tfisser reġjuni kif definiti fl-Artikolu 349 tat-Trattat. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2010/718/UE, mill-1 ta' Jannar 2012, Saint-Barthélemy m'għad-hiex aktar reġjun ultraperiferiku. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE fl-1 ta' Jannar 2014, il-Majott saret reġjun l-aktar imbiegħed;

13. “faħam” tfisser faħam tal-kategoriji A u B bi grad għoli, grad medju, u grad baxx fis-sens tas-sistema ta' kodifikazzjoni internaz-zjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u ċċarata fid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam mhux kompetittivi ([1]);

14. “għajnuna individwali” tfisser:

(i) għajnuna *ad hoc*; kif ukoll

(ii) għotjiet ta' għajnuna lil benefiċjarji individwali abbażi ta' skema ta' għajnuna;

15. “skema ta' għajnuna” tfisser kull att li abbażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri oħra ta' implimentazzjoni, jistgħu jsiru għotjiet ta' għajnuna individwali lil impriżi li fl-att jkunu ddefiniti b'mod ġenerali u astratt, u kull att li abbażi tiegħu għajnuna li mhijiex marbuta ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil intrapriża waħda jew lil diversi intrapriżi għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew f'ammont indefinit;

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24.

▼B

16. "pjan ta' valutazzjoni" tfisser dokument li fih minn tal-inqas l-elementi minimi li ġejjin: l-objettivi tal-iskema ta' għajnuna li għandhom jiġu vvalutati, il-mistoqsijiet ta' valutazzjoni, l-indikaturi tar-riżultat, il-metodoloġija prevista biex titwettaq il-valutazzjoni, ir-rekwiżiti għall-ġbir tad-dejta, iż-żmien propost tal-valutazzjoni inkluża d-data tas-sottomissjoni tar-rapport ta' valutazzjoni finali, id-deskrizzjoni tal-korp indipendenti li jwettaq il-valutazzjoni jew il-kriterji li se jintużaw għas-selezzjoni tiegħu u l-modalitajiet biex jiżguraw id-divulgazzjoni tal-valutazzjoni;

17. "għajnuna *ad hoc*" tfisser għajnuna mhux mogħtija abbażi ta' skema ta' għajnuna;

18. "intrapriża f'diffikultà" tfisser intrapriża li sseħħ fir-rigward tagħha mill-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li fi żmien 7 snin minn meta l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħha jikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan hu l-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi kollha l-oħra ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi, b'mod partikolari, għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE [1] u "kapital azzjonarju" jinkludi, fejn rilevanti, kull primjum ta' ishma.

(b) Fil-każ ta' kumpanija fejn mill-anqas xi membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li fi żmien 7 snin minn meta l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħha jikkwalifika għal investimenti ta' finanzjament ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija fejn mill-anqas xi membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija" tirreferi, b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

---

[1] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE.

▼B

(c) Meta l-intrapriża tkun suġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex titqiegħed fi proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-kredituri tagħha.

(d) Meta l-intrapriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u tkun għadha ma rrimborżatx is-self jew ma temmitx il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u għadha soġġetta għal pjan ta' ristrutturar.

(e) Fil-każ ta' intrapriża li mhijiex SME, meta, għall-aħħar sentejn:

(1) id-dejn kontabilistiku għall-proporzjon ta' ekwità tal-intrapriża jkun akbar minn 7,5 u

(2) il-proporzjoni ta' imgħax kopert tal-EBITDA tal-intrapriża jkun taħt il-1,0.

19. "obbligi ta' nfiq territorjali": tfisser l-obbligi imposti fuq il-benefiċjarji, mill-awtorità li tagħti l-għajnuna, biex jonfqu ammont minimu u/jew iwettqu livell minimu ta' attività ta' produzzjoni f'territorju partikolari;

20. "ammont aġġustat tal-għajnuna" tfisser l-ammont massimu permissibbli ta' għajnuna għal proġett ta' investiment kbir, ikkalkulat skont il-formula li ġejja:

ammont massimu ta' għajnuna = R × (A + 0,50 × B + 0 × C)

fejn: l-R hija l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli fiż-żona kkonċernata, stabbilita fuq mappa reġjonali approvata u li tkun fis-seħħ fid-data li tingħata l-għajnuna, minbarra ż-żieda fl-intensità tal-għajnuna għall-SMEs; L-A hija l-ewwel EUR 50 miljun tal-ispejjeż eliġibbli, il-B hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli bejn EUR 50 miljun u EUR 100 miljun u ċ-C hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli 'l fuq minn EUR 100 miljun

21. "pagament bil-quddiem li jitħallas lura" tfisser self għal proġett li jitħallas fi ħlas parzjali wieħed jew aktar u li l-kundizzjonijiet għar-rimborż tiegħu jiddependu fuq ir-riżultat tal-proġett;

22. "l-ekwivalenti tal-għotja gross" tfisser l-ammont tal-għajnuna kieku kienet ipprovduta f'forma ta' għotja lill-benefiċjarju, qabel kull tnaqqis tat-taxxa jew xi imposta oħra.

23. "bidu tax-xogħlijiet" tfisser l-iktar kmieni possibbli jew tal-bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legali vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli. Ix-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' vijabilità, mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħlijiet. Għall-akkwiżizzjonijiet, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument li fih jiġu akkwistati assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

24. "intrapriżi kbar" tfisser intrapriżi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

▼B

25. "skema fiskali suċċessiva" tfisser skema fil-forma ta' vantaġġi fiskali li tikkostitwixxi verżjoni emendata ta' skema li preċedentement kienet teżisti fil-forma ta' vantaġġi fiskali, u li tissostitwiha.

26. "intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont tal-għajnuna gross espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra;

▼M2

27. "żoni megħjuna" tfisser żoni indikati f'mappa tal-għajnuna reġjonali approvata skont l-Artikoli 107(3)(a) u (c) tat-Trattat għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021 għal għajnuna reġjonali mogħtija sal-31 ta' Diċembru 2021 u żoni indikati f'mappa ta' għajnuna reġjonali approvata skont l-Artikoli 107(3) (a) u (c) tat-Trattat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2027 għal għajnuna reġjonali mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2021;

▼B

28. "data tal-għoti tal-għajnuna" tfisser id-data li fiha l-benefiċjarju jingħata d-dritt legali li jirċievi l-għajnuna skont l-iskema legali nazzjonali applikabbli;

29. "assi tanġibbli" tfisser assi li jikkonsistu f'art, bini u impjanti, makkinarju u tagħmir;

30. "assi intanġibbli" tfisser assi li ma għandhomx tfassil fiżiku jew finanzjarju bħal privattivi, liċenzji, kompetenzi jew proprjetà intelletwali oħra;

31. "spiża tal-paga" tfisser l-ammont totali effettivament pagabbli mill-benefiċjarju tal-għajnuna fir-rigward tal-impjieg ikkonċernat, li jinkludi fuq perjodu ta' żmien definit, il-paga gross qabel it-taxxa kif ukoll il-kontribuzzjonijiet obbligatorji bħas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż għall-kura tat-tfal u tal-ġenituri.

32. "żieda netta fin-numru ta' impjegati" tfisser żieda netta fl-għadd ta' impjegati fl-istabbiliment kkonċernat meta mqabbla mal-medja matul perjodu partikolari fiż-żmien, u li għalhekk kull post mitluf waqt dan il-perjodu għandu jiġi mnaqqas, u li l-għadd ta' persuni impjegati full-time, part-time u staġjonali għandhom jitqiesu bil-frazzjonijiet annwali tal-unitajiet lavorattivi tagħhom;

33. "infrastruttura ddedikata" tfisser infrastruttura li hija mibnija għal intrapriża(i) *ex-ante* identifikabbli u mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom.

34. "intermedjarji finanzjarji" tfisser kull istituzzjoni finanzjarja, irrispettivament mill-forma u mis-sjieda tagħha, inklużi fond ta' fondi, fondi ta' investiment ta' ekwità privata, fondi ta' investiment pubbliku, banek, istituzzjonijiet ta' mikrofinanza u soċjetajiet ta' garanziji;

▼B

35. “vjaġġ” tfisser iċ-ċaqliq ta' oġġetti mill-punt ta' oriġini sal-punt ta' destinazzjoni, li jinkludi kull sezzjoni jew stadju intermedjarju ġewwa jew barra l-Istat Membru kkonċernat, magħmul bl-użu ta' mezz wieħed ta' trasport jew aktar;

36. “rata ta' redditu ġust (FRR)” tfisser ir-rata ta' redditu mistenni ekwivalenti għal rata ta' skont aġġustata għar-riskju li tirrifletti l-livell ta' riskju ta' proġett u n-natura u l-livell ta' kapital li l-investituri privati jippjanaw li jinvestu;

37. “finanzjament totali” tfisser l-ammont ta' investiment globali li jkun sar f'intrapriża jew proġett eliġibbli skont Taqsima 3 jew skont l-Artikoli 16 jew 39 ta' dan ir-Regolament bl-esklużjoni ta' investimenti kompletament privati pprovduti fuq patti tas-suq u barra mill-ambitu tal-miżura rilevanti ta' għajnuna mill-Istat;

38. “proċess kompetittiv ta' offerti” tfisser proċess vinkolanti mhux diskriminatorju li jipprovdi għall-parteċipazzjoni ta' numru suffiċjenti ta' intrapriżi u meta l-għajnuna hi mogħtija jew abbażi tal-offerta inizjali sottomessa mill-offerent jew mill-prezz tal-ikklirjar. Barra minn hekk, il-baġit jew il-volum relatat mal-proċess ta' offerti huwa restrittiv tant li jwassal għal sitwazzjoni fejn mhux l-offerenti kollha jistgħu jirċievu l-għajnuna;

▼M1

39. “qligħ operatorju” tfisser id-differenza bejn id-dħulijiet skontati u l-ispejjeż operatorji skontati tul il-ħajja ekonomika tal-investiment, meta dik id-differenza hija pożittiva. L-ispejjeż operatorji jinkludu spejjeż bħal spejjeż marbut mal-persunal, materjali, kuntratti ta' servizz, komunikazzjoni, enerġija, manutenzjoni, kera, amministrazzjoni, iżda jeskludu spejjeż b'rabta mad-deprezzament u l-ispejjeż tal-iffinanzjar jekk dawk ikunu ġew koperti mill-għajnuna għall-investiment. Meta d-dħul u l-ispejjeż operatorji jiġu skontati bl-użu ta' rata ta' skont xierqa jkun jista' jsir profitt raġonevoli;

▼B

**Definizzjonijiet applikabbli għal għajnuna reġjonali**

40. Definizzjonijiet applikabbli għal għajnuna għall-infrastrutturi tal-broadband (Taqsima 10) huma applikabbli għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' għajnuna reġjonali.

41. “għajnuna għall-investiment reġjonali” tfisser għajnuna reġjonali mogħtija għal investiment inizjali jew investiment inizjali favur attività ekonomika ġdida;

▼M1

42. “għajnuna operatorja reġjonali” tfisser għajnuna li tnaqqas in-nefqa kurrenti tal-impriża. Din tinkludi kategoriji ta' spejjeż bħal spejjeż ta' persunal, materjali, kuntratti ta' servizz, komunikazzjoni, enerġija, manutenzjoni, kera, amministrazzjoni, iżda teskludi l-ispejjeż marbuta mad-deprezzament u dawk tal-iffinanzjar jekk ikunu ġew inklużi fl-ispejjeż eleġibbli meta ngħatat l-għajnuna għall-investiment;

▼B

43. “is-settur tal-azzar” tfisser l-attivitajiet kollha marbutin mal-produzzjoni ta' prodott wieħed jew aktar fost dawn li ġejjin:

▼B

(a) ħadid fondut grezz u ligi tal-ħadid

ħadid fondut grezz għal xogħol fuq l-azzar, funderija u ħadid fondut grezz ieħor, spiegeleisen u ferromanganiż b'karbonju għoli, li ma jinkludix ligi tal-ħadid oħrajn;

(b) prodotti tal-ħadid mhux maħduma u nofshom irfinuti, azzar ordinarju jew azzar speċjali:

azzar likwidu kemm jekk fondut jew le f'ingotti, li jinkludi ingotti għal prodotti bil-forġa nofshom irfinuti: ingotti, vireg tal-ħadid u blokok; sheet bars u tinplate bars; rollijiet illaminati fis-sħana, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni ta' azzar likwidu għall-iffundar minn funderiji zgħar u ta' daqs medju;

(c) prodotti tal-ħadid irfinati bis-sħana, azzar ordinarju jew azzar speċjali:

binarji, traversi, puntali u sottopuntali, travi, sezzjonijiet tqal tal-metall ta' 80 mm jew akbar, pili tal-folji, bars u sezzjonijiet ta' anqas minn 80 mm u pjanċi ta' anqas minn 150 mm, vireg tal-wajer, forom tondi u kwadri għat-tubi, ċineg u strippi tal-ħadid irrumblati bit-tisħin (inklużi l-istrippi għat-tubi), folji rrumblati bit-tisħin (miksija u mhumiex), pjanċi u folji ta' ħxuna ta' 3 mm u aktar, pjanċi universali ta' 150 mm u akbar, ħlief għall-wajer u l-prodotti tal-wajer, bars illustrati u ħadid fondut;

(d) prodotti ffurmati bil-kesħa:

folji tal-landa, pjanċi biċ-ċomb, pjanċa sewda, folji ggalvanizzati, folji oħra miksija, folji rrumblati bil-ksieħ, folji manjetiċi u strippi maħsuba għall-manifattura tal-folji tal-landa, pjanċi rrumblati bil-kesħa, f'koljaturi jew fi strippi;

(e) tubi:

it-tubi kollha tal-azzar mingħajr saldaturi, tubi tal-azzar iwweldjati b'dijametru ta' aktar minn 406.4 mm;

44. “settur tal-fibri sintetiċi” tfisser:

(a) l-estrużjoni/it-testurizzazzjoni tat-tipi ġeneriċi kollha tal-fibra u l-ħjut ibbażati fuq il-polijester, il-polijamide, l-akriliku jew il-polipropilen, irrispettivament mill-użi finali tagħhom; jew

(b) il-polimerizzazzjoni (inkluża l-polikondensazzjoni) fejn tkun integrata mal-estrużjoni f'termini tal-makkinarju użat; jew

(c) kull proċess anċillari marbut mal-istallazzjoni kontemporanju tal-kapaċità tal-estrużjoni/testurizzazzjoni mill-benefiċjarju prospettiv jew minn xi kumpanija oħra fil-grupp tiegħu u li, fl-attività speċifika ta' negozju kkonċernat, ġeneralment huwa integrat ma' din il-kapaċità skont il-makkinarju li ntuża;

45. “is-settur tat-trasport” tfisser it-trasport ta' passiġġieri permezz ta' inġenji tal-ajru, bit-trasport marittimu, bit-triq, ferrovjarju u permezz ta' passaġġi tal-ilma interni jew servizzi ta' trasport ta' merkanzija b'kiri jew b'kumpens; b'mod aktar speċifiku, “is-settur tat-trasport” tfisser l-attivitajiet li ġejjin skont NACE Rev. 2:

▼B

(a) NACE 49: Trasport minn fuq l-art u permezz ta' linji ta' pajpijiet, minbarra NACE 49.32 operazzjoni ta' Taxi, 49.42 Servizzi ta' ġarr, 49.5 Trasport permezz ta' sistemi ta' pajpijiet;

(b) NACE 50: Trasport fuq l-ilma

(c) NACE 51: Trasport bl-ajru, minbarra NACE 51.22 Trasport fl-ispazju.

46. “Skema mmirata lejn numru limitat ta' setturi speċifiċi ta' attività ekonomika” tfisser skema li tkopri attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu ta' inqas minn ħames kategoriji (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tan-NACE Rev. 2.

47. “attività turistika” tfisser l-attivitajiet li ġejjin skont NACE Rev. 2:

(a) NACE 55: Akkomodazzjoni;

(b) NACE 56: Attivitajiet ta' servizzi ta' ikel u ta' xorb;

(c) NACE 79: Aġenziji tal-ivvjaġġar, servizzi ta' prenotazzjoni ta' operaturi tal-ivvjaġġar u attivijitajiet relatati;

(d) NACE 90: Attivitajiet kreattivi, tal-arti u tad-divertiment;

(e) NACE 91: Libreriji, arkivji, mużewijiet u attivitajiet kulturali oħra;

(f) NACE 93: Attivitajiet tal-isport u attivitajiet tal-mogħdija ta' żmien u tar-rikreazzjoni;

▼M1

48. “żoni skarsament popolati” tfisser reġjuni tan-NUTS 2 b'inqas minn 8 abitanti għal kull km$^2$ jew reġjuni tan-NUTS 3 b'inqas minn 12,5 abitanti għal kull km$^2$ jew żoni li huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni bħala tali f'deċiżjoni individwali fuq mappa ta' għajnuna reġjonali fis-seħħ fil-mument li tingħata l-għajnuna;

48a. “żoni ħafna skarsament popolati” tfisser reġjuni tan-NUTS 2 b'inqas minn 8 abitanti għal kull km$^2$ jew żoni li huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni bħala tali f'deċiżjoni individwali fuq mappa ta' għajnuna reġjonali fis-seħħ fil-mument li tingħata l-għajnuna;

▼B

49. “investiment inizjali” tfisser:

(a) investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli relatat mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti, diversifikazzjoni tar-riżultat ta' stabbiliment fi prodotti li ma kinux jiġi magħmula fl-istabbilment jew bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti; jew

(b) akkwist tal-assi li jappartjenu lil stabbiliment, li jkun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ u li jeskludi l-akkwist uniku tal-ishma ta' intrapriża;

▼B

50. “l-istess attività jew waħda simili” tfisser attivita li taqa' taħt l-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2 kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (ŻEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika [1];

51. “investiment inizjali favur attività ekonomika ġdida” tfisser:

(a) investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli relatati mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, jew għad-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida mhijiex l-istess attività, jew attività simili għal dik mwettqa qabel fl-istabbiliment;

(b) l-akkwist ta' assi li jappartjenu lil stabbiliment li jkun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li għandha ssir permezz tal-użu tal-assi akkwistati mhijiex l-istess attività jew waħda simili għall-attività li seħħet fl-istabbiliment qabel l-akkwist;

52. “proġett kbir ta' investiment” tfisser investiment inizjali bi spejjeż eliġibbli li jaqbżu l-EUR 50 miljun, ikkalkolat bil-prezzijiet u r-rati tal-kambju fid-data tal-għoti tal-għajnuna;

53. “punt ta' destinazzjoni” tfisser il-post fejn jinħattu l-oġġetti;

54. “punt ta' oriġini” tfisser il-post fejn jitgħabbew l-oġġetti għat-trasport;

▼M1

55. “iż-żoni eliġibbli għall-għajnuna operatorja” tfisser reġjun ultraperiferiku msemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat, żona skarsament popolata, jew żona ħafna skarsament popolata;

▼B

56. “mezz ta' trasport” tfisser trasport ferrovjarju, trasport ta' merkanzija bit-triq, trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, trasport marittimu, trasport bl-ajru u trasport intermodali;

57. “fond għall-iżvilupp urban” (“UDF”) tfisser strument ta' investiment speċjalizzat stabbilit bl-iskop li jsir investiment fi proġetti għall-iżvilupp urban skont miżura ta' għajnuna għall-iżvilupp urban. L-UDFs huma ġestiti minn maniġer tal-fondi għall-iżvilupp urban;

58. “maniġer tal-fondi għall-iżvilupp urban” tfisser kumpanija maniġerjali professjonali b'personalità ġuridika, li tagħżel u tagħmel investimenti fi proġetti eliġibbli għall-iżvilupp urban;

[1] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

▼B

59. “proġett għall-iżvilupp urban” (“UDP”) tfisser proġett ta' investiment li għandu l-potenzjal li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-interventi previsti minn approċċ integrat għal żvilupp urban sostenibbli kif ukoll jikkontribwixxi biex jinkisbu l-objettivi definiti fih, inklużi proġetti b'rata interna ta' redditu (IRR) li tista' ma tkunx biżżejjed biex tattira finanzjament fuq bażi purament kummerċjali. Proġett għall-iżvilupp urban jista' jiġi organizzat bħala blokk separat ta' finanzi fl-istrutturi ġuridiċi tal-investitur privat benefiċjarju jew bħala entità ġuridika separata, eż. entità bi skop speċjali;

60. “strateġija integrata għall-iżvilupp urban sostenibbli” tfisser strateġija proposta uffiċjalment u ċċertifikata minn awtorità lokali jew aġenzija ta' settur pubbliku rilevanti, definita għal żona ġeografika urbana u għal perjodu speċifiku, li jistabbilixxu azzjonijiet integrati biex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali li jaffettwaw żoni urbani;

61. “għajnuna mhux finanzjarja” tfisser il-kontribut tal-art jew ta' proprjetà immobbli fejn l-art jew il-proprjetà immobbli jkunu parti minn proġett ta' żvilupp urban;

▼M1

61a. “rilokazzjoni” tfisser it-trasferiment ta' attività identika jew simili jew parti minnha minn stabbiliment f'parti kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE (l-istabbiliment inizjali) għall-istabbiliment fejn l-investiment megħjun għandu jseħħ f'parti kontraenti oħra tal-Ftehim taż-ŻEE (l-istabbiliment li ġie megħjun). Ikun hemm trasferiment jekk il-prodott jew is-servizz fl-istabbiliment inizjali u dak megħjun iservi tal-inqas parzjalment l-istess għanijiet u jilħaq it-talbiet jew il-ħtiġijiet tal-istess tip ta' klijenti u jintilfu impjiegi f'attività identika jew simili f'wieħed mill-istabbilimenti tal-benefiċjarju fiż-ŻEE;

▼B

**Definizzjonijiet għall-għajnuna lill-SMEs**

62. “impjieg maħluq direttament minn proġett ta' investiment” tfisser impjieg li jikkonċerna l-attività li l-investiment huwa relatat magħha, inkluż impjieg maħluq wara żieda fir-rata ta' użu tal-kapaċità maħluqa mill-investiment;

▼M4

---

▼B

**Definizzjonijiet għal Għajnuna biex l-SMEs jkollhom aċċess għall-finanzjament**

66. “investiment ta' kważi ekwità” tfisser tip ta' finanzjament li jikkwalifika bejn ekwità u dejn, li għandu riskju ogħla minn dejn superjuri u anqas riskju minn ekwità komuni u li l-qligħ tiegħu lid-detentur ikun ibbażat fil-biċċa l-kbira fuq il-profitti jew it-telf tal-intrapriża fil-mira sottostanti u li mhumiex żgurati f'każ ta' inadempjenza. L-investimenti ta' kważi ekwità jistgħu jiġu strutturati bħala dejn mhux assigurat u subordinat, inkluż id-dejn intermedjarju, u f'xi każijiet konvertibbli f'ekwità, jew bħala ekwità ta' preferenza;

▼B

67. “garanzija” fil-kuntest ta' taqsimiet 1, 3 u 7 ta' dan ir-Regolament tfisser impenn bil-miktub biex wieħed jerfa' r-responsabbiltà għat-tranżazzjonijiet kollha ta' self li għadhom kif oriġinaw minn parti terza, jew għal parti minnhom, bħal strumenti ta' dejn jew lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta' kważi ekwità

68. “rata ta' garanzija” tfisser il-kopertura ta' telf perċentwali minn investitur pubbliku ta' kull tranżazzjoni eliġibbli taħt il-miżura rilevanti tal-għajnuna mill-Istat;

69. “ċessjoni” tfisser il-likwidazzjoni tal-ishma minn investitur jew intermedjarju finanzjarju, inklużi bejgħ kummerċjali, kanċellamenti, ħlas lura ta' ishma/self, bejgħ lil intermedjarju finanzjarju ieħor jew lil investitur ieħor, bejgħ lil istituzzjoni finanzjarja u bejgħ b'offerta pubblika, inkluża offerta inizjali għall-pubbliku (IPO);

70. “allokazzjoni finanzjarja” tfisser investiment pubbliku rimborżabbli magħmul lil intermedjarju finanzjarju biex jagħmel investimenti taħt miżuri għall-finanzjament tar-riskju, u fejn d-dħul kollu jmur lura għand l-investitur pubbliku;

71. “investiment ta' finanzjament ta' riskju” tfisser investiment ta' ekwità u kważi ekwità, self inklużi lokazzjonijiet, garanziji jew taħlita tagħhom lill-intrapriżi eliġibbli bl-skop li jagħmlu investimenti ġodda;

72. “investitur privat indipendenti” tfisser investitur privat li mhux azzjonist tal-intrapriża eliġibbli li fiha jinvesti, inklużi investituri informali u istituzzjonijiet finanzjarji, irrispettivament mis-sjieda tagħhom, sal-punt li huma jġorru r-riskju sħiħ fir-rigward tal-investiment tagħhom. Mal-ħolqien ta' kumpanija ġdida, l-investituri privati, inklużi l-fundaturi, jitqiesu bħala indipendenti mill-kumpanija;

73. “persuna fiżika” għall-fini tal-Artikoli 21 u 23 tfisser persuna għajr entità li mhijiex intrapriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat;

74. “investiment ta' ekwità” tfisser id-dispożizzjoni ta' kapital lil intrapriża, investiti direttament jew indirettament, għal pussess ta' sehem korrispondenti ta' dik l-intrapriża;

75. “l-ewwel bejgħ kummerċjali” tfisser l-ewwel bejgħ minn kumpanija f'suq tal-prodotti jew tas-servizzi, minbarra l-bejgħ limitat biex jiġi ttestjat is-suq;

76. “SME mhux elenkata” tfisser SME li mhijiex elenkata fuq il-lista uffiċjali tal-borża, ħlief għal pjattaformi multilaterali għan-negozjar.

77. “investiment ta' segwitu” tfisser investiment ta' finanzjament ta' riskju addizzjonali f'kumpanija sussegwenti għal serje waħda jew aktar ta' investimenti preċedenti ta' finanzjament ta' riskju;

78. “kapital ta' sostituzzjoni” tfisser ix-xiri ta' ishma eżistenti f'kumpanija minn investitur jew azzjonist preċedenti;

▼B

79. “entità fdata” tfisser il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li fiha Stat Membru huwa azzjonist, jew istituzzjoni finanzjarja stabbilita fi Stat Membru li timmira lejn il-ksib tal-interess pubbliku taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika, korp tal-liġi pubblika, jew korp tal-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku: l-entità fdata tista' tintgħażel jew tinħatar direttament skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, ([1]) jew kull leġiżlazzjoni sussegwenti li tissostitwixxi dik id-Direttiva kollha kemm hi jew parti minnha;

80. “intrapriża innovattiva” tfisser intrapriża:

(a) li tista' turi, permezz ta' evalwazzjoni mwettqa minn espert estern tista' turi li fil-futur qrib sejra tiżviluppa prodotti, servizzi jew proċessi li huma ġodda jew imtejba b'mod sostanzjali meta mqabbla mal-ogħla livell fl-industrija tagħha, u li jġorru riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali, jew

(b) l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp li jirrappreżentaw mill-anqas 10 % tal-ispejjeż operazzjonali totali tagħha f'mill-anqas waħda mit-tliet snin ta' qabel l-għoti tal-għajnuna jew, fil-każ ta' intrapriża tal-bidu mingħajr ebda rekord finanzjarju, fl-awditjar tal-perjodu fiskali kurrenti tagħha, kif iċċertifikat minn awditur estern;

81. “pjattaforma multilaterali għan-negozjar” tfisser faċilità multilaterali għall-kummerċ skont l-Artikolu 4(1)(15) tad-Direttiva 2004/39/KE, fejn il-biċċa l-kbira tal-istrumenti finanzjarji ammessi biex ikunu nnegozjati jinħarġu mill-SMEs;

82. “self” tfisser ftehim li jobbliga lill-mutwanti li jqiegħed ammont miftiehem ta' flus disponibbli għall-mutwatarju għal perjodu ta' żmien miftiehem u li skont dan il-mutwatarju huwa obbligat iħallas l-ammont lura fil-perjodu miftiehem. Huwa jista' jieħu l-forma ta' self, jew strument ieħor ta' finanzjament, inkluża l-lokazzjoni, li tipprovdi lill-mutwanti b'komponent predominanti ta' rendita minima. Il-finanzjament mill-ġdid ta' self eżistenti ma jkunx self eliġibbli.

**Definizzjonijiet għal Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni**

83. “organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien” tfisser entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewlieni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

▼B

Meta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. L-intrapriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq entità bħal din, pereżempju fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti jew membri, jaf ma jgawdu l-ebda aċċess preferenzjali għar-riżultati ġġenerati minnha;

84. "riċerka fundamentali" tfisser xogħol sperimentali jew teoriku mwettaq primarjament biex jinkiseb għarfien ġdid tal-pedamenti bażiċi ta' fenomeni u fatti osservabbli, mingħajr ebda applikazzjoni jew użu kummerċjali dirett previst;

85. "riċerka industrijali" tfisser ir-riċerka ppjanata jew l-investigazzjoni kritika mmirata lejn il-kisba ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew biex iseħħ titjib sinifikanti fi prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti. Tinkludi l-ħolqien ta' partijiet ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, u tista' tinkludi l-kostruzzjoni ta' prototipi f'ambjent ta' laboratorju jew f'ambjent b'interfaċċji simulati għal sistemi eżistenti kif ukoll ta' linji pilota, meta jkun meħtieġ għar-riċerka industrijali u notevolment għall-validazzjoni tat-teknoloġija ġenerika;

86. "żvilupp sperimentali" tfisser l-akkwist, il-kombinament, l-iffurmar u l-użu tal-għarfien u l-ħiliet eżistenti ta' natura xjentifika, teknoloġika, kummerċjali u ta' tip ieħor, bl-iskop li jiġu żviluppati prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda jew imtejba. Dan jista' jinkludi wkoll, pereżempju, attivitajiet immirati lejn id-definizzjoni kunċettwali, l-ippjanar u d-dokumentazzjoni ta' prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda;

L-iżvilupp sperimentali jista' jinkludi l-prototipi, il-wiri, il-pilotaġġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' prodotti ġodda jew imtejba, il-proċessi jew is-servizzi f'ambjenti rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet operattivi reali tal-ħajja meta l-għan ewlieni huwa li jkun hemm titjib tekniku ġdid għall-prodotti, il-proċessi jew s-servizzi li mhumiex sostanzjalment stabbiliti. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' prototip jew pilota li jkun kummerċjalment utilizzabbli u li huwa neċessarjament il-prodott kummerċjali finali u li huwa għali wisq biex jiġi prodott biex jintuża biss għal finijiet ta' dimostrazzjoni u validazzjoni.

L-iżvilupp sperimentali ma jinkludix tibdiliet ta' rutina jew perjodiċi magħmula lill-prodotti eżistenti, il-linji ta' produzzjoni, il-proċessi ta' manifattura, is-servizzi u operazzjonijiet oħra li jkun għaddejjin, anke jekk dawn it-tibdiliet jistgħu jirrappreżentaw titjib;

87. "l-istudju ta' vijabilità" tfisser l-evalwazzjoni u l-analiżi tal-potenzjal ta' proġett, li għandhom l-għan li jappoġġaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi oġġettivament u razzjonalment jindividwaw il-qawwiet u d-dgħufijiet, l-opportunitajiet u r-riskji, kif ukoll jidentifikaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex il-proġett ikun jista' jitwettaq, u fl-aħħar mill-aħħar jkollu prospetti għas-suċċess;

▼B

88. “spejjeż tal-persunal” tfisser l-ispejjeż marbutin mar-riċerkaturi, t-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq il-proġett jew l-attività rilevanti;

89. “distakkament” tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jiġu stipulati bejn intrapriżi indipendenti, u ma jkunx fihom element ta' kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja hija kkunsidrata li tilħaq il-prinċipju ta' distakkament;

90. “kollaborazzjoni effettiva” tfisser kollaborazzjoni bejn mill-inqas żewġ partijiet indipendenti għall-iskambju ta' għarfien jew teknoloġija, jew biex jintlaħaq għan komuni bbażat fuq id-diviżjoni tax-xogħol fejn il-partijiet konġuntement jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett kollaborattiv, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu u jaqsmu r-riskji, kif ukoll ir-riżultati tiegħu. Parti waħda jew diversi partijiet jistgħu jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-proġett u b'hekk iserrħu lill-partijiet l-oħra mir-riskji finanzjarji tiegħu. Riċerka kuntrattwali u d-dispożizzjoni ta' servizzi ta' riċerka mhumiex meqjusa forom ta' kollaborazzjoni.

91. “infrastruttura tar-riċerka” tfisser faċilitajiet, riżorsi u servizzi relatati li jintużaw mill-komunità xjentifika biex issir riċerka fl-oqsma rispettivi tagħhom u tkopri tagħmir xjentifiku jew settijiet ta' strumenti, riżorsi bbażati fuq l-għarfien bħal ġabriet, arkivji jew informazzjoni xjentifika strutturata sabiex tgħin infrastutturi bbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bħall-grilja, l-informatika, is-softwer u l-komunikazzjoni, jew kull entità oħra ta' natura unika essenzjali għat-twettiq tar-riċerka. Tali infrastrutturi jistgħu jkunu “f'sit wieħed” jew “imqassma” (netwerk ta' riżorsi organizzat) b'konformità mal-Artikolu 2(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERIC) ([1]);

92. “ragruppamenti tal-innovazzjoni” tfisser strutturi jew gruppi organizzati ta' partijiet indipendenti (bħal intrapriżi innovattivi li għadhom jibdew, intrapriżi żgħar, medji u kbar, kif ukoll organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, organizzazzjonijiet bla skop ta' profitt u atturi ekonomiċi oħra relatati) maħsuba biex jistimolaw l-attività innovattiva permezz tal-promozzjoni, il-qsim tal-faċilitajiet u l-iskambju tal-għarfien u l-kompetenzi, u billi jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-trasferiment tal-għarfien, in-networking, it-tixrid tal-informazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-intrapriżi u organizzazzjonijiet oħra fir-ragruppament;

93. “persunal bi kwalifiki għolja” tfisser persunal bi grad ta' edukazzjoni terzjarja u mill-anqas 5 snin esperjenza professjonali rilevanti li jistgħu jinkludu wkoll taħriġ fil-livell ta' dottorat;

94. “servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni” tfisser konsulenza, assistenza u taħriġ fl-oqsma ta' trasferiment tal-għarfien, ix-xiri, il-protezzjoni u l-isfruttament ta' assi intanġibbli, u l-użu ta' standards u regolamenti li jsostnuhom;

([1]) ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1.

▼B

95. "servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni" tfisser il-forniment ta' spazju għall-uffiċċji, banek tad-dejta, libreriji, ir-riċerka tas-suq, laboratorji, il-ħruġ ta' tikketta tal-kwalità, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni, bl-iskop li jiġu żviluppati prodotti, proċessi jew servizzi aktar effettivi;

96. "innovazzjoni organizzattiva" tfisser l-implimentazzjoni ta' metodu organizzazzjonali ġdid fil-prassi tal-operat tal-intrapriża, l-organizzazzjoni fil-post tax-xogħol jew ir-relazzjonijiet esterni u teskludi bidliet li huma bbażati fuq metodi organizzazzjonali diġà użati fl-intrapriża, bidliet fl-istrateġija ta' amministrazzjoni, il-fużjonijiet u l-akkwisti, it-tmiem ta' proċess, il-bdil jew l-estensjoni sempliċi tal-kapital, il-bidliet li jirriżultaw purament mill-bidliet fil-prezzijiet tal-fatturi, il-personalizzazzjoni, il-post, il-bidliet staġjonali regolari u bidliet ċikliċi oħrajn u l-kummerċ ta' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti;

97. "innovazzjoni tal-proċess" tfisser l-implimentazzjoni ta' metodu ta' produzzjoni jew twassil ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti (inkluż tibdil sinifikanti fit-tekniki, it-tagħmir jew is-softwer) u teskludi bidliet jew titjib minuri, żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni jew tas-servizzi permezz taż-żieda fis-sistemi ta' manifattura jew loġistiċi li huma simili ħafna għal dawk li diġà qegħdin jintużaw, it-tmiem ta' proċess, il-bidliet li jirriżultaw purament mill-bidliet fil-prezzijiet tal-fatturi, il-personalizzazzjoni, il-post, il-bidliet staġjonali regolari u bidliet ċikliċi oħrajn u l-kummerċ ta' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti;

98. "sekondar" tfisser l-impjieg b'mod temporanju ta' persunal minn benefiċjarju bid-dritt għall-persunal li jmur lura għall-impjegatur ta' qabel;

**Definizzjonijiet għall-għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġati u għall-ħaddiema b'diżabilità**

99. "ħaddiem żvantaġġat serjament" tfisser kull persuna li:

(a) ma kellhiex impjieg regolari bi ħlas għal mill-inqas 24 xahar; jew

(b) ma kellhiex impjieg regolari bi ħlas għal mill-anqas 12-il xahar u tagħmel parti minn waħda mill-kategoriji minn (b) sa (g) imsemmija taħt id-definizzjoni ta' "ħaddiem żvantaġġat".

100. "impjieg protett" tfisser impjieg f'intrapriża fejn mill-inqas 30 % tal-ħaddiema huma ħaddiema b'diżabilità;

**Definizzjonijiet li japplikaw għall-għajnuna għall-protezzjoni ambjentali**

101. "protezzjoni ambjentali" tfisser kull azzjoni mfassla biex tirrimedja jew tipprevjeni ħsara lill-ambjenti fiżiċi tal-madwar jew lir-riżorsi naturali xi attivitajiet tal-benefiċjarju stess, biex tnaqqas ir-riskju ta' din il-ħsara jew biex twassal għal użu aktar effiċjenti ta' riżorsi naturali, inklużi miżuri għall-iffrankar tal-enerġija u l-użu ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli;

▼B

102. “standard tal-Unjoni” tfisser:

(a) standard tal-Unjoni obbligatorju li jistabbilixxi l-livelli li għandhom jintlaħqu minn intrapriżi individwali f'termini ambjentali; jew

(b) l-obbligu skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] biex jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu mhumiex ogħla milli kienu jkunu meta tiġi applikata l-BAT; għall-każijiet fejn il-livelli ta' emissjonijiet assoċċjati mal-BAT ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE, dawn il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dan ir-Regolament; meta dawn il-livelli huma espressi bħala medda, għandu jkun applikabbli l-limitu fejn il-BAT tintlaħaq l-ewwel.

▼M4

102a. “infrastruttura tal-iċċarġjarmill-ġdid” tfisser infrastruttura fissa jew mobbli li tforni lill-vetturi tat-triq bl-elettriku;

102b. “infrastruttura tar-riforniment tal-fjuwil” tfisser infrastruttura fissa jew mobbli li tforni lill-vetturi tat-triq bl-idroġenu;

102c. “idroġenu rinnovabbli” tfisser idroġenu prodott permezz tal-elettroliżi tal-ilma (f’elettrolizzatur, li jaħdem bl-elettriku li joriġina minn sorsi rinnovabbli), jew permezz tar-riforma tal-bijogass jew tal-konverżjoni bijokimika tal-bijomassa, jekk f’konformità mal-kriterji ta’ sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]

▼B

103. “effiċjenza tal-enerġija” tfisser ammont ta' enerġija ffrankata ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura ta' titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija;

▼M4

103a. “bini residenzjali” tfisser bini magħmul esklussivament minn djar ta’ familja waħda jew diversi familji;

103b. “servizzi soċjali” tfisser servizzi identifikati b’mod ċar, li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali, b’mod partikolari fir-rigward tas-saħħa u l-kura fit-tul, l-indukrar tat-tfal, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni mill-ġdid fih, l-akkomodazzjoni soċjali (li tfisser akkomodazzjoni għal ċittadini żvantaġġati jew gruppi soċjalment żvantaġġati li minħabba restrizzjonijiet ta’ solvenza ma jistgħux jiksbu akkomodazzjoni b’kundizzjonijiet tas-suq) u l-kura u l-inklużjoni soċjali ta’ gruppi vulnerabbli (kif spjegat fil-premessa 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE [3]);

---

(1) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

(2) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta’ Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta’ kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta’ servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

▼M4

103c. "diġitalizzazzjoni" tfisser l-adozzjoni ta' teknoloġiji mwettqa minn apparat u/jew sistemi elettroniċi li jagħmluha possibbli li tiżdied il-funzjonalità tal-prodotti, jiġu żviluppati servizzi online, jiġu modernizzati proċessi, jew issir migrazzjoni għal mudelli kummerċjali bbażati fuq id-diżintermedjazzjoni tal-produzzjoni tal-prodotti u l-forniment tas-servizzi, u eventwalment jinħoloq impatt trasformattiv;

103d. "tħejjija intelliġenti" tfisser il-kapaċità tal-bini (jew l-unitajiet tal-bini) li jadatta l-operat tiegħu għall-ħtiġijiet tal-okkupant, inkluż l-ottimizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni ġenerali, u li jadatta l-operat tiegħu b'reazzjoni għas-sinjali mill-grilja;

103e. "kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja żgħira" tfisser impriża li mhijiex SME u li n-numru ta' impjegati tagħha ma jaqbiżx l-499, ikkalkulat skont l-Artikoli 3 sa 6 tal-Anness I, li l-fatturat annwali tagħha ma jaqbiżx EUR 100 miljun jew li l-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma taqbiżx EUR 86 miljun; diversi entitajiet għandhom jitqiesu bħala impriża waħda jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I tkun sodisfatta;

▼B

104. "proġett għall-effiċjenza enerġetika" tfisser proġett ta' investiment li jżid l-effiċjenza enerġetika ta' bini;

105. "fond għall-effiċjenza enerġetika (EEF)" tfisser vettura ta' investiment speċjalizzata stabbilita bil-għan li tinvesti fi proġetti ta' effiċjenza enerġetika mmirati għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini kemm fis-setturi domestiċi kif ukoll dawk mhux domestiċi. L-EEFs huma ġestiti minn maniġer tal-fond għall-effiċjenza enerġetika;

106. "maniġer tal-fondi għall-effiċjenza enerġetika" tfisser kumpanija maniġerjali professjonali b'personalità ġuridika, li tagħżel u tagħmel investimenti fi proġetti eliġibbli għall-effiċjenza enerġetika;

107. "koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja" tfisser koġenerazzjoni li tissodisfa d-definizzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif stipulat fl-Artikolu 2(34) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l- effiċjenza f l-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE ([1]);

108. "koġenerazzjoni" jew sħana u enerġija kombinati (CHP) tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta' enerġija termali u enerġija elettrika u/jew mekkanika;

109. "enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli" tfisser l-enerġija prodotta minn impjanti li jużaw biss sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll il-proporzjon, f'termini ta' valur kalorifiku tal-enerġija prodotta minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'impjanti ibridi li jużaw ukoll sorsi ta' enerġija konvenzjonali. Tinkludi l-elettriku rinnovabbli użat fil-mili tas-sistemi ta' ħżin, iżda teskludi l-elettriku prodott bħala riżultat ta' sistemi ta' ħżin;

([1]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

▼B

110. “sorsi ta' enerġija rinnovabbli” tfisser is-sorsi mhux fossili ta' enerġija rinnovabbli li ġejjin: l-enerġija mir-riħ, mix-xemx, aerotermika, ġeotermika, idrotermika, mill-oċeani, idroelettrika, tal-bijomassa, mill-gass tal-miżbliet, mill-gass tal-impjanti għat-trattament tad-drenaġġ kif ukoll mill-bijogassijiet;

111. “bijokarburant” tfisser karburant likwidu jew gassuż għat-trasport prodott mill-bijomassa;

112. “bijofjuwil sostenibbli” tfisser bijofjuwil li jissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva (KE) Nru 2009/28/KE;

113. “bijofjuwils magħmula mill-ikel” tfisser bijofjuwil prodott minn ċereali u minn għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor u bi pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt kif definit fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]);

114. “teknoloġija ġdid u innovattiva” tfisser teknoloġija ġdida u mingħajr provi mqabbla mal-aktar stat avvanzat fl-industrija, li ġġorr riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali u mhix ottimizzazzjoni jew żieda ta' teknoloġija eżistenti;

115. “responsabbiltajiet ta' bilanċjar” tfisser ir-responsabbiltà għal żbilanċi (devjazzjonijiet bejn il-ġenerazzjoni, il-konsum u t-tranżazzjonijiet kummerċjali) ta' suq parteċipanti jew ir-rappreżentat magħżul tiegħu, imsemmi bħala “l-Parti Responsabbli mill-Bilanċ”, f'perjodu ta' żmien speċifiku msemmi bħala “Perjodu partikolari ta' Ħlas tal-Iżbilanċi”;

116. “responsabbiltajiet standard ta' bbilanċjar” tfisser responsabbiltajiet ta' bbilanċjar mhux diskriminatorji bejn it-teknoloġiji li ma jeżentawx xi wieħed mill-ġeneraturi minn dawk ir-responsabbiltajiet;

117. “bijomassa” tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli tal-prodotti, l-iskart u r-residwi agrikoli (inklużi s-sustanzi veġetali u tal-annimali), mill-forestrija u minn industriji oħrajn relatati, inkluż mis-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-bijogassijiet u l-frazzjoni bijodegradabbli tal-iskart industrijali u dak muniċipali;

118. “l-ispejjeż illivellati għall-produzzjoni tal-enerġija” huwa l-kalkolu tal-ispejjeż għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-punt ta' konnessjoni għal karga jew għal grilja tal-elettriku. Din tinkludi l-kapital inizjali, ir-rata ta' skont, kif ukoll l-ispejjeż ta' operazzjoni kontinwa, il-fjuwil u l-manutenzjoni;

119. “taxxa ambjentali” tfisser taxxa li l-bażi taxxabbli speċifika tagħha jkollha effett negattiv ċar fuq l-ambjent jew li tfittex li tintaxxa ċerti attivitajiet, prodotti jew servizzi biex l-ispejjeż ambjentali jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-prezz tagħhom u/jew biex il-produtturi u l-konsumaturi jkunu orjentati lejn attivitajiet li jirrispettaw l-ambjent aħjar;

([1]) Com (2012), 595, 17.10.2012.

▼B

120. “il-livell minimu tat-taxxa tal-Unjoni” tfisser il-livell minimu ta' tassazzjoni pprovduta fil-leġislazzjoni tal-Unjoni; għal prodotti tal-enerġija u l-elettriku hi tfisser il-livell minimu ta' tassazzjoni stipulat fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku ([1]);

121. “sit ikkontaminat” tfisser fejn ikun hemm preżenza kkonfermata, ikkawżata mill-bniedem, ta' sustanzi perikolużi ta' livell tali li dawn is-sustanzi jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent meta jitqies l-użu attwali u l-użu ġejjieni approvat tal-art ikkonċernata;

122. il-prinċipju ta' “min iniġġeż iħallas” jew “PPP” ifisser li l-ispejjeż marbutin mat-tneħħija tat-tniġġis għandu jbatihom min iniġġes;

123. “it-tniġġis” tfisser il-ħsara kkawżata minn min iniġġes b'mod dirett jew indirett li jagħmel ħsara lill-ambjent, jew billi joħloq kundizzjonijiet li jwasslu għal din it-tip ta' ħsara, fl-ambjent fiżiku ta' madwarna jew fir-riżorsi naturali;

124. “l-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali” tfisser sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali li tissodisfa d-definizzjoni ta' tisħin distrettwali effiċjenti u sistema ta' tkessiħ kif stabbiliti fl-Artikolu 2(41) u (42) tad-Direttiva 2012/27/UE. Id-definizzjoni tinkludi impjanti ta' produzzjoni ta' tisħin/tkessiħ u n-netwerk (inklużi faċilitajiet relatati) neċessarji għad-distribuzzjoni tas-sħana/tkessiħ mill-unitajiet ta' produzzjoni għall-bini tal-konsumaturi;

125. “inkwinatur” tfisser xi ħadd li direttament jew indirettament jagħmel ħsara lill-ambjent jew joħloq kundizzjonijiet li jwasslu għal din il-ħsara.

126. “użu mill-ġdid” tfisser kull operazzjoni li biha l-prodotti jew il-komponenti li ma jkunux skart jerġgħu jintużaw għall-istess skop li għalih kienu maħsubin;

127. “preparazzjoni għal użu mill-ġdid” tfisser il-verifika, it-tindif jew it-tiswija ta' operazzjonijiet ta' rkupru, li biha prodotti jew komponenti ta' prodotti li saru skart jiġu ppreparati biex jintużaw mill-ġdid mingħajr ebda proċessar bil-quddiem ieħor;

128. “riċiklaġġ” tfisser kull operazzjoni ta' rkupru li biha l-materjali tal-iskart jiġu pproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi kemm jekk għall-użu oriġinali jew għal finijiet oħrajn. Dan jinkludi l-proċessar mill-ġdid ta' materjal organiku iżda ma jinkludix irkupru ta' enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li għandhom jintużaw bħala karburanti jew għal operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid;

129. “l-ogħla livell” tfisser proċess li fih l-użu mill-ġdid ta' prodott ta' skart għall-manifattura ta' prodott aħħari jkun prattika normali ekonomikament profittabbli. Fejn ikun xieraq, il-kunċett tal-ogħla livell irid jiġi interpretat mill-perspettiva tat-teknoloġija u s-suq intern tal-Unjoni;

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

▼B

130. "l-infrastruttura tal-enerġija" tfisser kull tagħmir fiżiku jew faċilità li jinsab fl-Unjoni jew li jorbot lill-Unjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar u li jaqa' taħt il-kategoriji li ġejjin;

(a) dwar l-elettriku:

(i) infrastruttura għat-trażmissjoni, kif definita fl-Artikolu 2(3) mid-Direttiva 2009/72/KE tat-13 Lulju 2009 dwar regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku ([1]);

(ii) infrastruttura għad-distribuzzjoni, kif definita fl-Artikolu 2(5) mid-Direttiva 2009/72/KE;

(iii) ħżin tal-elettriku, definit bħala fażilitajiet użati għall-ħċin tal-elettriku fuq bażi permanenti jew temporanja f'infrastruttura 'l fuq mill-art jew taħt l-art jew f'siti ġeoloġiċi, sakemm dawn ikunu konnessi direttament ma' fili għat-trażmissjoni b'vultaġġ għoli ddisinjati għal vultaġġ ta' 110 kV jew iżjed;

(iv) kull tagħmir jew istallazzjoni essenzjali biex is-sistemi definiti f'punti (i) sa (iii) joperaw b'mod sikur, b'sikurezza, sigurtà u effiċjenza, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll fil-livelli kollha tal-vultaġġ u fis-substazzjonijiet kollha; kif ukoll

(v) grilji intelliġenti, definiti bħala kull tagħmir, linja, kejbil jew istallazzjoni, kemm fil-livell tat-trażmissjoni u kif ukoll tad-distribuzzjoni b'vultaġġ baxx u medju, li jimmira lejn komunikazzjoni diġitali bidirezzjonali, f'ħin reali jew viċin il-ħin reali, monitoraġġ u ġestjoni interattivi u intelliġenti tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-elettriku f'netwerk tal-elettriku bil-għan li jiġi żviluppat netwerk li b'mod effiċjenti jintegra l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi miegħu — ġeneraturi, konsumaturi u dawk li jagħmlu t-tnejn — sabiex tiġi żgurata sistema tal-elettriku ekonomikament effiċjenti, sostenibbli, b'telf baxx u b'livelli għoljin ta' kwalità, sigurtà tal-provvista u sikurezza.

(b) dwar il-gass:

(i) linji ta' pajpijiet tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għat-trasport tal-gass naturali u l-bijogass li jiffurmaw parti minn netwerk, apparti l-linji ta' pajpijiet bi pressa għolja li jintużaw għal distribuzzjoni upstream jew ta' gass naturali;

(ii) faċilitajiet ta' ħażna taħt l-art li huma konnessi ma' linji ta' pajpijiet minn fejn jgħaddi l-gass bi pressjoni għolja msemmija fil-punt (i);

(iii) faċilitajiet ta' riċeviment, ħżin u rigassifikazzjoni jew dekompressjoni għal gass naturali likwifikati ("LNG") jew gass naturali kkompressat ("CNG"); kif ukoll

(iv) kull tagħmir jew istallazzjoni essenzjali biex is-sistemi joperaw b'sikurezza, sigurtà u effiċjenza jew biex jippermettu kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' kompressjoni;;

([1]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55.

▼B

(c) dwar iż-żejt:

(i) linji ta' pajpijiet użati biex jiġi ttrasportat iż-żejt mhux maħdum;

(ii) stazzjonijiet tal-ippumpjar u faċilitajiet ta' ħażna neċessarji għall-operazzjoni ta' pajpijiet ta' żejt mhux maħdum; kif ukoll

(iii) kull tagħmir jew istallazzjoni essenzjali biex is-sistema inkwistjoni topera b'mod adattat, b'sigurtà u b'effiċjenza, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll u l-apparat ta' inverżjoni tal-fluss;

(d) dwar $CO_2$: netwerk ta' linji ta' pajpijiet, inklużi stazzjonijiet ta' booster; għat-trasport tas-siti tal-ħżin tas-$CO_2$, bl-għan li s-$CO_2$ jiġi injettat f'formazzjonijiet ġeoloġiċi addattati taħt l-art għall-ħażna permanenti;

131. "il-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija" tinkludi d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku, id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (1), ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni ta' Regolaturi tal-Enerġija (2); Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kundizzjonijiet għal aċċess għan-netwerk għal skambji transfruntieri (3) u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kundizzjonijiet għal aċċess tan-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass naturali (4) jew kull leġiżlazzjoni sussegwenti li tissostitwixxi dawn l-atti b'mod sħiħ jew parzjali;

**Definizzjonijiet li japplikaw għall-għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda**

132. "residenza normali" tfisser il-post fejn persuna fiżika tgħix għal mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba rabtiet personali u tax-xogħol; fil-każ ta' persuna li r-rabtiet tax-xogħol tagħha jkunu f'post differenti minn dak tar-rabtiet personali tagħha/tiegħu u li tgħix f'żewġ Stati Membri jew aktar, il-post ta' residenza normali huwa meqjus bħala l-post tar-rabtiet personali tagħha/tiegħu sakemm dik il-persuna tirritorna hemmhekk regolarment; meta persuna tkun qed tgħix fi Stat Membru biex twettaq missjoni b'tul ta' żmien stipulat, il-post tar-residenza tagħha jibqa' meqjus bħala dak il-post li miegħu għandha/għandu rabtiet personali, irrispettivament jekk tirritornax/jirritornax hemmhekk matul din l-attività; l-attendenza f'università jew skola fi Stat Membru ieħor ma tikkostitwixxix trasferiment ta' residenza normali; Alternattivament, "residenza normali" jkollha t-tifsira attribwita lilha fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

(1) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.
(2) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.
(3) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15.
(4) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36.

▼B

**Definizzjonijiet ta' għajnuna għal infrastrutturi tal-broadband**

▼M4

__________

▼B

134. "Xogħlijiet tal-inġinerija ċivili relatati mal-broadband" tfisser ix-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili li huma meħtieġa għall-iskjerament ta' netwerk tal-broadband, bħalma huma t-tħaffir ta' triq sabiex jgħin fit-tqegħid tat-tubi (broadband).

135. "Tubi" tfisser pajpijiet jew kondjuwits ta' taħt l-art li jintużaw biex minnhom jgħaddu kejbils (tal-fibra, tar-ram jew koassjali) ta' netwerk tal-broadband.

136. "diżaggregazzjoni fiżika" tagħti aċċess lill-utenti aħħarija għal-linja ta' aċċess u tippermetti biex is-sistemi tat-trażmissjoni tal-kompetitur innifsu jittrażmettu fuqha direttament.

▼M4

(137) "network passiv" tfisser network mingħajr ebda element attiv, bħal: infrastruttura tal-inġinerija ċivili, pajpijiet, kanali, kmamar tal-ispezzjoni, toqob tal-ispezzjonar, fibra skura, kabinetti, provvista tal-enerġija, installazzjonijiet tal-antenni, antenni passivi, arbli u torrijiet

__________

▼B

139. "L-aċċess bl-ingrossa" tfisser aċċess li jippermetti lil operatur li juża l-faċilitajiet ta' operatur ieħor. L-aċċess l-aktar wiesa' possibbli li għandu jiġi pprovdut fuq in-netwerk relevanti, abbażi tal-iżviluppi teknoloġiċi attwali, ikunu jinkludu mill-inqas dawn il-prodotti ta' aċċess. Għan-netwerks tal-FTTH/FTTB: aċċess għat-tubi, aċċess għall-fibra skura, aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwiti lokali, u aċċess għall-bitstream. Għan-netwerks tal-kejbil: aċċess għat-tubi u aċċess għall-bitstream. Għan-netwerks tal-FTTC: aċċess għat-tubi, id-diżaggregazzjoni tas-sottoċirkwit lokali u l-aċċess għal bitstream. Għall-infrastrutturi passivi tan-netwerk: l-aċċess għat-tubi, l-aċċess għall-fibra skura u/jew l-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali. Għan-netwerks tal-broadband ibbażati fuq l-ADSL: l-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali, l-aċċess għall-bitstream. Għan-netwerks tal-mowbajl jew bla fili: il-bitstream, il-qsim tal-arbli fiżiċi u l-aċċess għal netwerks backhaul. Għall-pjattaformi tas-satelliti: l-aċċess bitstream.

▼M4

(139a) "bini mgħoddi" tfisser bini li jista' jiġi konness f'perjodu ta' żmien qasir bit-tariffa ta' attivazzjoni normali għall-utent aħħari, irrispettivament minn jekk dak il-bini jkunx konness man-network. Operatur għandu jirrapporta l-post kif għadda biss jekk, wara talba minn utent aħħari, jimpenja ruħu li jikkonnettja l-bini għal tariffi ta' attivazzjoni normali, jiġifieri mingħajr ebda kost addizzjonali jew eċċezzjonali u, fi kwalunkwe każ, ma jaqbiżx it-tariffa medja tal-attivazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat. Il-fornitur tan-networks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandu jkun jista' jikkonnettja u jattiva s-servizz fil-bini speċifiku fi żmien erba' ġimgħat mid-data tat-talba;

▼M4

(139b) “muturi soċjoekonomiċi” tfisser entitajiet li permezz tal-missjoni, in-natura jew il-lokalità tagħhom jistgħu jiġġeneraw direttament jew indirettament benefiċċji soċjoekonomiċi importanti għaċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet lokali li jinsabu fit-territorju tal-madwar tagħhom jew fiż-żona ta’ influwenza tagħhom, inkluż fost oħrajn awtoritajiet pubbliċi, entitajiet pubbliċi jew privati fdati bl-operat ta’ servizzi ta’ interess ġenerali jew ta’ servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali kif stabbilit fl-Artikolu 106(2) tat-Trattat u intrapriżi diġitalment intensivi;

(139c) “kuritur 5G” tfisser mogħdija ta’ trasport, triq, linja ferrovjarja jew passaġġ fuq l-ilma intern t, koperti kollha b’infrastruttura ta’ konnettività diġitali u b’mod partikolari b’sistemi 5G, u li tippermetti l-provvista mingħajr interruzzjoni ta’ servizzi diġitali ta’ sinerġija kif definiti fir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), bħal mobilità konnessa u awtomatizzata, servizzi ta’ mobilità intelliġenti simili għal-linji ferrovjarji jew konnettività diġitali f’passaġġi fuq l-ilma interni;

▼B

**Definizzjonijiet għall-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju:**

140. “xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli” tfisser ix-xogħlijiet identifikati bħala tali minn Stat Membru abbażi ta' kriterji predefiniti meta jiġu stabbiliti skemi jew meta tingħata l-għajnuna, u tista' tinkludi films li l-unika verżjoni oriġinali tagħhom hija f'lingwa ta' Stat Membru b'territorju, popolazzjoni jew żona lingwistika limitati, films qosra, films minn diretturi li qed jaħdmu għall-ewwel darba u għat-tieni darba, dokumentarji, jew xogħlijiet b'baġit baxx jew inkella kummerċjalment xogħlijiet diffiċli.

141. Lista tal-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD: tfisser il-pajjiżi u t-territorji kollha li huma eliġibbli li jirċievu assistenza uffiċjali għall-iżvilupp u inklużi fil-lista kkompilata mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD);

142. “profitt raġonevoli” jiġu ddeterminat fir-rigward tal-profitt tipiku għas-settur ikkonċernat. F'kull każ, rata ta' redditu fuq il-kapital li ma taqbiżx ir-rata ta' tpartit relevanti flimkien ma' primjum ta' 100 punt bażi għandha tkun ikkunsidrata bħala raġonevoli.

**Definizzjonijiet għall-għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali.**

143. “l-isport professjonali” tfisser il-prattika tal-isport taħt forma ta' impjieg bi qligħ jew servizz rimunerat, irrispettivament minn jekk ġiex stabbilit kuntratt tax-xogħol formali bejn l-isportiv professjonali u l-organizzazzjoni sportiva rilevanti, fejn il-kumpens jaqbeż l-ispejjeż ta' parteċipazzjoni u jikkostitwixxi parti sinifikanti mid-dħul tal-isportiv. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni għall-parteċipazzjoni f'manifestazzjoni sportiva ma jitqisux bħala kumpens għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

([1]) Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Lulju 2021 li jistabilixxi Faċilita Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

▼M1

**Definizzjonijiet ta' Għajnuna għal ajruporti reġjonali**

144. “infrastruttura tal-ajruport” tfisser infrastruttura u tagħmir għall-provvista ta' servizzi tal-ajruport mill-ajruport lil-linji tal-ajru u lill-fornituri varji tas-servizzi, inklużi r-runways, it-terminals, ir-rampa tal-ajruport, it-taxiways, l-infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling u kull faċilità oħra li tappoġġa direttament lis-servizzi tal-ajruport, esklużi l-infrastruttura u t-tagħmir, li huma primarjament meħtieġa biex jiġu segwiti attivitajiet mhux ajrunawtiċi;

145. “linja tal-ajru” tfisser kull linja tal-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru jew minn Membru tal-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

146. “ajruport” tfisser entità jew grupp ta'entitajiet li jwettqu l-attività ekonomika li tipprovdi servizzi tal-ajruport lil-linji tal-ajru;

147. “servizzi tal-ajruport” tfisser servizzi pprovduti lil-linji tal-ajru minn ajruport jew kull wieħed mis-sussidjarji tiegħu biex ikun żgurat l-immaniġġar tal-inġenji tal-ajru, mill-inżul sat-tluq, u tal-passiġġieri u l-merkanzija, biex jippermettu li l-linji tal-ajru jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru; inkluża l-provvista ta' servizzi ta' groundhandling u l-provvista ta' infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling;

148. “traffiku annwali medju tal-passiġġieri” tfisser ċifra ddeterminata fuq il-bażi tat-traffiku tal-passiġġieri deħlin u dawk ħerġin matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha tkun ingħatat l-għajnuna;

149. “infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling” tfisser infrastruttura li normalment hija mħaddma mill-maniġer tal-ajruport u mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' diversi fornituri tas-servizzi tal-groundhandling li huma attivi f'ajruport bi skambju għal remunerazzjoni, eskluż tagħmir proprjetà ta' fornituri ta' servizzi ta' groundhandling jew imħaddma minnhom;

150. “tren ta' veloċità kbira” tfisser tren li kapaċi jlaħħaq veloċità ta' iktar minn 200 km/h;

151. “servizzi ta' groundhandling” tfisser is-servizzi pprovduti lill-utenti tal-ajruporti fl-ajruporti kif deskritt fl-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE ([2]);

152. “attivitajiet mhux ajrunawtiċi” tfisser servizzi kummerċjali lil-linji tal-ajru jew lil utenti oħra tal-ajruport, bħal servizzi anċillari għal passiġġieri, trasportaturi tal-merkanzija jew fornituri oħra tas-servizz, il-kiri ta' uffiċċji u ħwienet, parkeġġi u lukandi;

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36).

▼M1

153. "ajruport reġjonali" tfisser kull ajruport b'volum medju ta' traffiku annwali ta' passiġġieri sa 3 miljun passiġġier;

**Definizzjonijiet għall-Għajnuna għall-portijiet**

154. "port" tfisser żona ta' art u ilma b'infrastruttura u tagħmir simili, li jippermetti li jiġu akkomodati bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, l-aċċettazzjoni u l-kunsinna ta' dawk il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri, l-ekwipaġġ u persuni oħra u kull infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fiż-żona tal-port;

155. "port marittimu" tfisser port li prinċipalment jakkomoda bastimenti fuq l-ilma bil-baħar;

156. "port intern" tfisser port ieħor għajr port marittimu, biex jakkomoda bastimenti li jbaħħru fuq passaġġi fuq l-ilma interni;

157. "infrastruttura tal-portijiet" tfisser infrastruttura u faċilitajiet għall-forniment ta' servizzi portwarji relatati mat-trasport, inklużi irmiġġi użati għall-irmiġġ ta' bastimenti, ħitan tal-mollijiet, mollijiet u rampi tal-pontun varjabbli f'żoni tal-marea, baċiri interni, backfills u reklamazzjoni tal-art, infrastruttura ta' fjuwil alternattiv u infrastruttura għall-ġbir ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u r-residwi tal-merkanzija;

158. "sovrastruttura tal-port" tfisser arranġamenti tas-superfiċje (bħal pereżempju għall-ħżin), apparat fiss (bħal imħażen u bini tat-terminals) kif ukoll it-tagħmir mobbli (bħal krejnijiet) li jinsab f'port għall-forniment ta' servizzi portwarji relatati mat-trasport;

159. "infrastruttura għall-aċċess" tfisser kull tip ta' infrastruttura meħtieġa biex jiġu żgurati l-aċċess u d-dħul mill-art jew mill-baħar u mix-xmajjar mill-utenti għal port, jew f'port, bħal toroq, linji ferrovjarji, kanali ta' aċċess u locks;

160. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' sedimenti minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port jew f'port;

161. "infrastruttura għall-fjuwils alternattivi" tfisser infrastruttura tal-port fissa, mobbli jew offshore li tippermetti li port jipprovdi bastimenti b'sorsi ta' enerġija bħall-elettriku, l-idroġenu, il-bijofjuwils kif iddefiniti fil-punt (i) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/28/KE, il-karburanti sintetiċi u paraffiniċi, il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (gass naturali kkompressat (CNG)) u f'forma likwifikata (gass naturali likwifikat (LNG)) u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) li iservu, mill-inqas parzjalment, ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport;

162. "bastimenti" tfisser strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma, sew jekk awtopropulsivi jew le, li jkollhom buq ta' spostament wieħed jew iktar;

163. "bastimenti tal-baħar" tfisser bastimenti ta' xort'oħra minn dawk li jbaħħru biss jew prinċipalment fuq passaġġi fuq l-ilma interni jew f'ilmijiet imkennija jew li jmissu mill-qrib magħhom;

▼M1

164. "bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni" tfisser bastimenti maħsuba esklużivament jew prinċipalment biex ibaħħru f'passaġġi fuq l-ilma interni jew f'ilmijiet imkennija jew li jmissu mill-qrib magħhom;

165. "infrastrutturi għall-ġbir tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti u l-fdalijiet mill-merkanzija" tfisser faċilitajiet tal-port fissi, li jżommu f'wiċċ l-ilma jew mobbli u kapaċi jirċievu l-iskart iġġenerat mill-bastimenti u mill-fdalijiet tal-merkanzija kif definit fid-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

▼M4

**Definizzjonijiet għall-għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU (it-termini definiti taħt intestaturi oħra ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom l-istess tifsira kif stipulata fih ukoll għall-għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU)**

(166) "Fond InvestEU", "garanzija tal-UE", "prodott finanzjarju" "banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali" u "sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni" għandhom it-tifsira stabbilita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/523;

(167) "intermedjarju finanzjarju" għall-finijiet tat-Taqsima 16 tfisser intermedjarju finanzjarju fit-tifsira tal-punt (34), bl-eċċezzjoni tas-sħab inkarigati mill-implementazzjoni;

(168) "intermedjarju finanzjarju kummerċjali" tfisser intermedjarju finanzjarju li jopera fuq bażi ta' profitt u b'riskju sħiħ tiegħu stess, mingħajr garanzija pubblika, il-banek promozzjonali nazzjonali jew l-istituzzjonijiet ma jitqisux bħala intermedjarji finanzjarji kummerċjali;

(169) "nodu urban TEN-T" għandha t-tifsira stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt (p) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(170) "applikant ġdid" tfisser impriża ferrovjarja fit-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun irċeviet liċenzja skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2012/34/UE għas-segment rilevanti tas-suq inqas minn għoxrin sena qabel ma tingħata l-għajnuna

(b) mhijiex marbuta skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament ma' impriża ferrovjarja li rċeviet liċenzja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(14) tad-Direttiva 2012/34/UE qabel l-1 ta' Jannar 2010;

([1]) Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).";

▼M4

(171) "trasport urban" tfisser trasport ġewwa belt jew agglomerazzjoni u ż-żoni tal-ivvjaġġar tagħha;

(172) "ekosistema", "bijodiversità" u "il-kundizzjoni tajba ta' ekosistema" għandhom it-tifsira stabbilita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

▼B

*Artikolu 3*

**Kundizzjonijiet għal eżenzjoni**

Skemi ta' għajnuna, għajnuna individwali mogħtija minn skemi bħal dawn u għajnuna *ad hoc* ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2) jew (3) tat-Trattat u jkunu eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat sakemm din l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-kategorija rilevanti ta' għajnuna stabbiliti f'Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Limiti tan-notifika**

1. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-għajnuna li teċċedi l-limiti li ġejjin:

(a) għal għajnuna għall-investiment reġjonali: "l-ammont aġġustat tal-għajnuna" ta' għajnuna, kif ikkalkulat skont il-mekkaniżmu definit fl-Artikolu 2 il-punt 20 għal investiment bi spejjeż eliġibbli ta' EUR 100 miljun;

(b) għal għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali, EUR 20 miljun kif stabbilit fl-Artikolu 16(3);

(c) għal għajnuna għall-investiment lill-SMEs: EUR 7,5 miljun għal kull intrapriża għal kull proġett ta' investiment;

(d) għal għajnuna għal konsulenza favur l-SMEs: EUR 2 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett;

(e) għal għajnuna lill-SMEs għall-parteċipazzjoni fil-fieri: EUR 2 miljun għal kull intrapriża, għal kull sena;

▼M4

(f) għal għajnuna għal impriżi li jipparteċipaw fi proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea: għal għajnuna skont l-Artikolu 20, EUR 2 miljun għal kull impriża, għal kull proġett; għal għajnuna skont l-Artikolu 20a, l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 20a(2) għal kull impriża, għal kull proġett;

▼B

(g) għal għajnuna għal finanzjament ta' riskju: EUR 15 miljun għal kull intrapriża eliġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 21(9);

([1]) Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13)

▼B

(h) għal għajnuna għall-bidu ta' negozju, l-ammonti stabbiliti għal kull intrapriża fl-Artikolu 22(3), (4) u (5);

(i) għal għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp:

(i) jekk il-proġett huwa b'mod predominanti riċerka fundamentali: EUR 40 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett; dan ikun il-każ meta aktar minn nofs tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett jiġġarrbu permezz ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kategorija ta' riċerka fundamentali;

(ii) jekk il-proġett huwa b'mod predominanti riċerka industrijali: EUR 20 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett; dan ikun il-każ meta aktar minn nofs tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett isiru permezz ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kategorija ta' riċerka industrijali jew fil-kategoriji ta' riċerka industrijali u tar-riċerka fundamentali meħudin flimkien;

(iii) jekk il-proġett huwa b'mod predominanti żvilupp sperimentali: EUR 15 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett; dan ikun il-każ meta aktar minn nofs tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett jiġġarrbu permezz ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-kategorija ta' żvilupp sperimentali;

(iv) jekk il-proġett ikun proġett EUREKA jew jiġi implimentat minn Intrapriża Konġunta stabbilita abbażi tal-Artikolu 185 jew tal-Artikolu 187 tat-Trattat, l-ammonti msemmija fil-punti (i) sa (iii) jirduppjaw.

(v) jekk l-għajnuna għall-proġetti ta' riċerka u żvilupp tingħata fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem li jitħallsu lura li, fin-nuqqas ta' metodoloġija aċċettata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti tal-għotja gross tagħhom, jiġi espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli u l-miżura tipprovdi li fil-każ ta' eżitu ta' suċċess tal-proġett, kif definit abbażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti, l-avvanzi jitħallsu lura b'rata tal-imgħax mill-inqas daqs ir-rata ta' skont applikabbli fi żmien l-għotja, l-ammonti msemmija fil-punti minn (i) sa (iv) jiżdiedu b'50 %;

(vi) l-għajnuna għall-studji ta' vijabilità fit-tħejjija tal-attivitajiet ta' riċerka: EUR 7,5 miljun għal kull studju;

▼M4

(vii) għal għajnuna għall-SMEs għal proġetti ta’ riċerka u żvilupp mogħtija tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza u implimentata skont l-Artikolu 25a, l-ammont imsemmi fl-Artikolu 25a;

(viii) għall-għajnuna għall-azzjonijiet Maria Skłodowska Curie u l-prova tal-kunċett tal-ERC tal-azzjonijiet implimentati skont l-Artikolu 25b, l-ammonti msemmija fl-Artikolu 25b;

(ix) għall-għajnuna involuta fi proġetti kofinanzjati ta’ riċerka u żvilupp implimentati skont l-Artikolu 25c, l-ammonti msemmija fl-Artikolu 25c;

(x) għall-għajnuna għall-azzjonijiet ta’ Ħolqien ta’ Timijiet, l-ammonti msemmija fl-Artikolu 25d;

▼B

(j) għal għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi ta' riċerka: EUR 20 miljun għal kull infrastruttura;

▼B

(k) għal għajnuna għar-ragruppamenti ta' innovazzjoni: EUR 7,5 miljun għal kull ragruppament;

(l) għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs: EUR 5 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett;

(m) għal għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni: EUR 7.5 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett;

(n) għal għajnuna għat-taħriġ: EUR 2 miljun għal kull proġett ta' taħriġ;

(o) għal għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati: EUR 5 miljun għal kull intrapriża, għal kull sena;

(p) għal għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi: EUR 10 miljun għal kull intrapriża, għal kull sena;

(q) għal għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità: EUR 10 miljun għal kull intrapriża, għal kull sena;

(r) għal għajnuna għall-kumpens tal- ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati: EUR 5 miljun għal kull intrapriża, għal kull sena;

▼M4

(s) għal għajnuna għall-investiment għall-protezzjoni ambjentali, minbarra għajnuna għall-investiment għal infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero, għajnuna għall-investiment għar-rimedjarta' siti kkontaminati u għajnuna għall-parti tan-network ta' distribuzzjoni tal-installazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fl-użu tal-enerġija effiċjenti: EUR 15-il miljun għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment; EUR 30 miljun għal għajnuna għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'ċerti binjiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 38(3a); u EUR 30 miljun tat-total ta' finanzjament pendenti nominali għal għajnuna għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'ċerti binjiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 38(7);

(s a) għal għajnuna għall-investiment għal infrastruttura tal-iċċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero: EUR 15-il miljun għal kull impriża għal kull proġett u, fil-każ ta' skemi, baġit annwali medju sa EUR 150 miljun;

(t) għall-għajnuna għal investiment għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija, l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 39(5);

▼B

(u) għal għajnuna għall-investiment għar-rimedjar ta' siti kkontaminati: EUR 20 miljun għal kull intrapriża għal kull proġett ta' investiment;

(v) għal għajnuna operatorja għall-produzzjoni ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli u l-għajnuna operatorja għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'installazzjonijiet fuq skala żgħira: EUR 15 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett. Meta l-għajnuna hi mogħtija abbażi ta' proċess kompetittiv tal-offerti skont l-Artikolu 42: EUR 150 miljun għal kull sena billi jitqies il-baġit kombinat tal-iskemi kollha li jaqgħu taħt l-Artikolu 42;

▼B

(w) għal għajnuna għan-netwerk għad-distribuzzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali: EUR 20 miljun għal kull intrapriża għal kull proġett ta' investiment;

(x) għal għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-enerġija EUR 50 miljun għal kull intrapriża, għal kull proġett ta' investiment;

▼M4

(y) għall-għajnuna għat-tnedija ta’ networks fissi tal-broadband mogħtija fil-forma ta’ għotja: EUR 100 miljun ta’ kostijiet totali għal kull proġett; għall-għajnuna għal infrastrutturi fissi tal-broadband mogħtija fil-forma ta’ strument finanzjarju, l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju aħħari għal kull proġett ma jridx jaqbeż EUR 150 miljun;

(y a) għall-għajnuna għat-tnedija tan-networks mobbli 4G jew 5G mogħtija fil-forma ta’ għotja: EUR 100 miljun ta’ kostijiet totali għal kull proġett; għall-għajnuna għan-networks mobbli 4G jew 5G mogħtija fil-forma ta’ strument finanzjarju, l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju aħħari għal kull proġett ma jridx jaqbeż EUR 150 miljun;

(y b) għal għajnuna għal ċerti proġetti ta’ interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi tal-konnettività diġitali trans-Ewropeja ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 jew mogħtija tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza skont dak ir-Regolament (UE) mogħtija fil-forma ta’ għotja: EUR 100 miljun ta’ kostijiet totali għal kull proġett; għall-għajnuna għal ċerti proġetti ta’ interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi tal-konnettività diġitali trans-Ewropea mogħtija fil-forma ta’ strument finanzjarju, l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju aħħari għal kull proġett ma jridx jaqbeż EUR 150 miljun;

(y c) għal għajnuna fil-forma ta’ skemi ta’ vawċers tal-konnettività: il-baġit totali tal-għajnuna mill-Istat fuq perjodu ta’ 24 xahar għall-iskemi kollha ta’ vawċers tal-konnettività fi Stat Membru ma jridx jaqbeż il-EUR 50 miljun (ammont totali inkluż skemi ta’ vawċers nazzjonali u reġjonali jew lokali);

▼M1

(z) għal għajnuna għall-investiment għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju: EUR 150 miljun għal kull proġett; l-għajnuna operatorja għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju: EUR 75 miljun għal kull impriża kull sena;

▼B

(aa) għal skemi ta' għajnuna għal xogħlijiet awdjoviżivi: EUR 50 miljun għal kull intrapriża għal kull sena;

▼M1

(bb) għal għajnuna għall-ininvestiment għall-isport u għall-infrastrutturi rikreazzjonali multifunzjonali: EUR 30 miljun jew l-ispejjeż totali li jaqbżu EUR 100 miljun għal kull proġett; l-għajnuna operatorja għall-infrastruttura sportiva: EUR 2 miljuni għal kull infrastruttura fis-sena;

▼B

(cc) għal għajnuna għall-investiment għal infrastrutturi lokali: EUR 10 miljun jew l-ispejjeż totali li jaqbżu l-EUR 20 miljun għall-istess infrastruttura;

▼M1

(dd) għal għajnuna għal ajruporti reġjonali: l-intensitajiet tal-għajnuna u l-ammonti ta' għajnuna stabbiliti fl-Artikolu 56a;

(ee) għal għajnuna għal portijiet marittimi: spejjeż eleġibbli ta' EUR 130 miljun għal kull proġett (jew EUR 150 miljun għal kull proġett f'port marittimu inkluż fil-pjan ta' ħidma ta' Kuritur tan-Netwerk Ewlieni kif imsemmi fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]; fir-rigward tat-tħammil, proġett hu definit bħala kwalunkwe tħammil imwettaq f'perjodu ta' sena kalendarja;

(ff) għal għajnuna għal portijiet interni: spejjeż eleġibbli ta' EUR 40 miljun għal kull proġett (jew EUR 50 miljun għal kull proġett f'port intern inkluż fil-pjan ta' ħidma ta' Kuritur tan-Netwerk Ewlieni kif imsemmi fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013); fir-rigward tat-tħammil, proġett hu definit bħala kwalunkwe tħammil imwettaq f'perjodu ta' sena kalendarja;

▼M4

(gg) għall-għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU: l-ammonti stabbiliti fit-Taqsima 16 tal-Kapitolu III;

(hh) għall-għajnuna lill-SMEs għall-kostijiet imġarrba mill-parteċipazzjoni fi proġetti ta' żvilupp immexxija mill-komunità ("CLLD") u proġetti tal-Grupp Operazzjomali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola ("SEI"): għall-għajnuna skont l-Artikolu 19a, EUR 2 miljun għal kull impriża, għal kull proġett; għall-għajnuna skont l-Artikolu 19b, l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 19b(2) għal kull proġett.

▼B

2. Il-limiti stabbiliti jew imsemmija fil-paragrafu 1 mhumiex ser ikunu evitati mill-qsim artifiċjali tal-iskemi ta' għajnuna jew proġetti ta' għajnuna.

*Artikolu 5*

**It-trasparenza tal-għajnuna**

1. Dan ir-Regolament japplika biss għall-għajnuna li għaliha huwa possibbli li tiġi kkalkulata b'mod preċiż l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajnuna *ex ante* mingħajr il-ħtieġa ta' valutazzjoni tar-riskju ("għajnuna trasparenti").

2. Il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin jitqiesu bħala trasparenti:

(a) l-għajnuna li tinvolvi għotjiet u sussidji fir-rati tal-imgħax;

(b) l-għajnuna li tinvolvi self, meta l-ekwivalenti tal-għotja gross jkun ġie kkalkulat abbażi tar-rata ta' referenza prevalenti fiż-żmien tal-għotja;

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

▼B

(c) l-għajnuna li tikkonsisti f'garanziji:

(i) meta l-ekwivalenti tal-għotja gross ġie kkalkulat abbażi ta' primjums fil-limitu ta' eżenzjoni stabbiliti f'avviż tal-Kummissjoni; jew

(ii) meta qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-garanzija ġiet aċċettata abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ([1]), jew abbażi ta' kull avviż suċċċessiv, wara li ġiet innotifikata din il-metodoloġija lill-Kummissjoni skont kull regolament adottat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat applikabbli dak iż-żmien, u l-metodoloġija approvata tindirizza espliċitament it-tip ta' garanzija u t-tip ta' t-tranżazzjoni involuta kkonċernata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(d) l-għajnuna fil-forma ta' vantaġġi fiskali, meta l-miżura tipprevedi kwota biex jiġi żgurat li l-limitu applikabbli ma jinqabiżx;

(e) l-għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16 ikunu ġew issodisfati;

▼M4

(e a) għajnuna lill-impriżi għall-parteċipazzjoni tagħhom fi proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea skont l-Artikolu 20a, fejn tipprevedi limitu li jiżgura li l-limitu applikabbli stabbilit fl-Artikolu 20a ma jinqabiżx;

▼B

(f) l-għajnuna li tinvolvi miżuri ta' finanzjament ta' riskju jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21 jiġu ssodisfati;

(g) l-għajnuna għal negozji li jkun għadhom kemm jiftħu jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22 ikunu ġew issodisfati;

(h) l-għajnuna għall-proġetti ta' effiċjenza enerġetika jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39 ikunu ġew issodisfati;

(i) l-għajnuna fil-forma ta' primjums flimkien mal-prezz tas-suq jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 42 ikunu ġew issodisfati;

(j) l-għajnuna fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem li jitħallsu lura, jekk l-ammont nominali totali tal-pagament bil-quddiem li jitħallas lura ma jaqbiżx il-limiti applikabbli skont dan ir-Regolament jew jekk, qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-pagament bil-quddiem li jitħallas lura tkun ġiet aċċettata wara n-notifika tagħha lill-Kummissjoni;

▼M1

(k) għajnuna fil-forma ta' bejgħ jew kiri ta' assi tanġibbli b'rati iktar baxxi mir-rati tas-suq fejn il-valur huwa stabbilit permezz ta' evalwazzjoni minn esperti indipendenti qabel it-tranżazzjoni jew b'referenza għal punt ta' riferiment disponibbli pubblikament u aġġornat regolarment u ġeneralment aċċettat;

▼M4

(l) għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 16 tal-Kapitolu III jiġu sodisfatti.

---

([1]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

▼B

*Artikolu 6*

**Effett ta' inċentiv**

1. Dan ir-Regolament japplika biss għal għajnuna li għandha effett ta' inċentiv.

2. L-għajnuna tiġi kkunsidrata li għandha effett ta' inċentiv jekk il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni bil-miktub għal għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat qabel ma jkun inbeda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività. L-applikazzjoni għall-għajnuna jkun fiha għal-linqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u d-daqs tal-intrapriża;

(b) id-deskrizzjoni tal-proġett, inklużi d-dati ta' meta se jibda u jispiċċa;

(c) il-lok tal-proġett;

(d) il-lista tal-ispejjeż tal-proġett;

(e) it-tip ta' għajnuna (għotja, self, garanzija, pagament bil-quddiem li jitħallas lura, injezzjoni ta' ekwità jew oħrajn) u l-ammont ta' finanz-jament pubbliku meħtieġ għall-proġett;

3. L-għajnuna *ad hoc* mogħtija lil intrapriżi kbar titqies li jkollha effett ta' inċentiv jekk, flimkien mat-twettiq tal-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2, l-Istat Membru jkun ivverifika, qabel jagħti l-għajnuna kkonċernata, li d-dokumentazzjoni ppreparata mill-benefiċjarju tistabbi-lixxi li l-għajnuna tirriżulta f'wieħed jew f'aktar minn dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' għajnuna għall-investiment reġjonali: li proġett jitwettaq, li l-proġett ma kienx jitwettaq fiż-żona kkonċernata jew ma kienx jiġġenera biżżejjed profitt għall-benefiċjarju fiż-żona kkonċernata li kieku ma kienx hemm l-għajnuna.

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, li jkun hemm:

— żieda materjali fl-ambitu tal-proġett/l-attività minħabba l-għajnuna; jew

— żieda materjali fl-ammont totali minfuq mill-benefiċjarju fuq il-proġett/l-attività minħabba l-għajnuna; jew

— żieda materjali fil-ħeffa tat-tlestija tal-proġett/l-attività kkonċer-nat(a);

4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, miżuri fil-forma ta' vantaġġi fiskali jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-miżura tistabbilixxi d-dritt għall-għajnuna skont kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru; kif ukoll

(b) il-miżura ġiet adottata u ddaħħlet fis-seħħ qabel ma x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna jkunu nbeda, ħlief fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi, dejjem jekk l-attività tkun diġà ġiet koperta minn skemi preċedenti fil-forma ta' vantaġġi fiskali.

▼B

5. B'deroga mill-paragrafi 2, 3 u 4, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin mhumiex meħtieġa li jkollhom jew huma meqjusa li jkollhom effett ta' inċentiv:

▼M1

(a) l-għajnuna operatorja reġjonali u l-għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali, fejn il-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 ikunu ġew issodisfati;

▼B

(b) l-għajnuna għall-SMEs biex ikollhom aċċess għall-finanzjament, jekk il-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 21 u 22 ikunu ġew issodisfati,

(c) l-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji fuq il-pagi u l-għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji fuq il-pagi, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33 rispettivament skont l-Artikoli 32 u 33,

▼M1

(d) l-għajnuna li tikkumpensa għall-spejjeż addizzjonali biex jiġu impjegati ħaddiema b'diżabilità u għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati, fejn il-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 ikunu ġew issodisfati;

▼B

(e) l-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva 2003/96/KE, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati;

(f) l-għajnuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati minn ċerti diżastri naturali, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 50 ikunu ġew issodisfati;

(g) l-għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 51 ikunu ġew issodisfati;

(h) l-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 53 ikunu ġew issodisfati;

▼M4

(i) għajnuna għal impriżi li jipparteċipaw fi proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, jekk il-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 20 jew l-Artikolu 20a jiġu sodisfatti;

(j) għajnuna għal proġetti ta’ riċerka u żvilupp mogħtija tikketta ta’ kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza, azzjonijiet Maria Skłodowska-Curie u azzjonijiet tal-prova ta’ kunċett tal-ERC mogħtija tikketta ta’ kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza, għajnuna involuta fi proġetti kofinanzjati u f’azzjonijiet kofinanzjati tal-Ħolqien ta’ Timijiet, jekk il-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 25a, l-Artikolu 25b, l-Artikolu 25c jew l-Artikolu 25d ikunu sodisfatti;

(k) għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU, jekk il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima 16 tal-Kapitolu III jiġu sodisfatti;

▼M4

(l) għajnuna għall-SMEs li jipparteċipaw fi jew li jibbenefikaw minn proġetti ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità ("CLLD") u proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola ("SEI"), jekk il-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 19a jew l-Artikolu 19b jiġu sodisfatti

▼B

*Artikolu 7*

**L-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli**

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, jittieħdu ċ-ċifri użati kollha qabel kull tnaqqis fit-taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli jkunu appoġġati b'evidenza dokumentata li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja. ►M4 L-ammonti tal-kostijiet eliġibbli jistgħu jiġu kkalkulati skont l-għażliet tal-kostijiet simplifikati stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], jew ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], liema minnhom ikun applikabbli sakemm l-operazzjoni tkun iffinanzjata mill-inqas parzjalment permezz ta' fond tal-Unjoni li jippermetti l-użu ta' dawk l-għażliet ta' kostijiet simplifikati u l-kategorija ta' kostijiet tkun eliġibbli skont id-dispożizzjoni ta' eżenzjoni rilevanti. ◄

2. Fejn għajnuna tingħata f'forma oħra differenti minn għotja, l-ammont ta' għajnuna jkun l-ekwivalenti tal-għajnuna bħala għotja gross.

3. ►M1 L-għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna f'għadd ta' pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. ◄ L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li jingħataw. Ir-rata tal-interessi li għandha tintuża għal finijiet ta' skont tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

▼M1

__________

▼B

5. Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem li jitħallsu lura li, fin-nuqqas ta' metodoloġija aċċettata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti tal-għotja gross tagħhom, jiġu espressi bħala perċentwali tal-ispejjeż

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).";

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

▼B

eliġibbli u l-miżura tipprovdi li fil-każ ta' eżitu ta' suċċess tal-proġett, kif iddefinit abbażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti, l-avvanzi jitħallsu lura b'rata tal-imgħax mill-inqas daqs ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument tal-għotja tal-għajnuna, il-massimu tal-intensitajiet ta' għajnuna stabbiliti fil-Kapitolu III jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali.

6. Meta l-għajnuna reġjonali tingħata fil-forma ta' self bil-quddiem li jitħallas lura, l-intensitajiet massimi ta' għajnuna stabbiliti f'mappa ta' għajnuna reġjonali fis-seħħ fil-mument tal-għoti tal-għajnuna ma jistgħux jiżdiedu.

*Artikolu 8*

**Akkumulazzjoni**

1. Biex jiġi stabbilit jekk il-limiti ta' notifika stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna stabbiliti f'Kapitolu III ġewx irrispettati, l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat għall-attività jew għall-proġett jew għall-intrapriża megħjuna jittieħdu inkonsiderazzjoni.

2. Meta finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, aġenziji, intrapriżi konġunti jew korpi oħra tal-Unjoni li mhux direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru huwa kkumbinat flimkien ma' għajnuna mill-Istat, dan tal-aħħar biss jitqies biex jiġi stabbilit jekk il-limiti ta' notifika u tal-intensitajiet massimi ta' għajnuna jew l-ammonti massimi ta' għajnuna ġewx irrispettati, sakemm l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti għal dawn l-spejjeż eliġibbli ma jaqbiżx ir-rata ta' finanzjament l-aktar favorevoli stabbilita fir-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni.

3. L-għajnuna bi spejjeż eliġibbli identifikabbli eżentati minn dan ir-Regolament tista' tiġi akkumulata ma':

(a) kull għajnuna oħra mill-Istat, dejjem jekk dawn il-miżuri jikkonċernaw spejjeż eliġibbli differenti li jistgħu jiġu identifikati,

▼M4

(b) kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat, fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, li jitrikkbu parzjalment jew kompletament, biss jekk tali kumulazzjoni ma tirriżultax fil-qbiż tal-ogħla intensità ta’ għajnuna jew ammont ta’ għajnuna applikabbli għal din l-għajnuna skont dan ir-Regolament.

Il-finanzjament ipprovdut lill-benefiċjarji aħħarin bl-appoġġ mill-Fond InvestEU kopert mit-Taqsima 16 tal-Kapitolu III u l-kost kopert minn dan il-finanzjament ma għandhomx jitqiesu biex tiġi ddeterminata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ akkumulazzjoni stabbiliti fl-ewwel sentenza ta’ dan il-punt. Minflok, l-ammont rilevanti għad-determinazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kumulazzjoni tal-ewwel sentenza ta’ dan il-punt għandu jiġi kkalkulat kif ġej. L-ewwel nett, l-ammont nominali tal-finanzjament appoġġat mill-Fond InvestEU għandu jitnaqqas mill-kostijiet totali eliġibbli tal-proġett, u b’hekk jinkisbu l-kostijiet eliġibbli totali li jifdal; it-tieni, l-għajnuna massima għandha tiġi kkalkulata billi tiġi applikata l-ogħla intensità ta’ għajnuna rilevanti jew l-ammont ta’ għajnuna biss għall-kostijiet eliġibbli totali li jifdal.

▼M4

F'każijiet ta' Artikoli li għalihom il-limitu tan-notifika huwa espress bħala ammont massimu ta' għajnuna, l-ammont nominali ta' finanzjament ipprovdut lill-benefiċjarji finali bl-appoġġ mill-Fond InvestEU ukoll ma għandux jitqies biex jiġi ddeterminat jekk il-limiti tan-notifika fl-Artikolu 4 humiex rispettati.

Alternattivament, għal self superjuri jew garanziji fuq self superjuri appoġġat mill-Fond InvestEU skont it-Taqsima 16 tal-Kapitolu III, l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajnuna involuta f'tali self jew garanziji pprovduti lill-benefiċjarji finali jista' jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (b) jew (c) kif xieraq. Dan l-ekwivalent tal-għotja gross tal-għajnuna jista' jintuża biex jiżgura, skont l-ewwel sentenza ta' dan il-punt, li dik l-akkumulazzjoni ma' kwalunkwe għajnuna oħra għall-istess kostijiet eliġibbli identifikabbli ma tirriżultax fil-qbiż tal-ogħla intensità ta' għajnuna jew l-ammont ta' għajnuna applikabbli għall-għajnuna skont dan ir-Regolament jew il-limitu ta' notifika rilevanti skont dan ir-Regolament.

4. Għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli eżentata skont l-Artikoli 19b, 20a, 21, 22 jew 23, l-Artikolu 56e(5), il-punt (a) (ii) jew (iii), l-Artikolu 56e(8), il-punt (d), l-Artikolu 56e(10) u l-Artikolu 56f tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat b'kostijiet eliġibbli identifikabbli. Għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna mill-Istat oħra mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli, sal-ogħla limitu tal-finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' dan ir-regolament jew deċiżjoni ta' eżenzjoni ta' kategorija jew regolament jew deċiżjoni oħra adottata mill-Kummissjoni. Għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli eżentata skont l-Artikolu 56e(5), il-punt (a) (ii) jew (iii), l-Artikolu 56e(8), il-punt (d), l-Artikolu 56e(10) u l-Artikolu 56f tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli eżentati skont dawn l-Artikoli.

▼B

5. L-għajnuna mill-Istat li hija eżentata skont dan ir-Regolament ma tiġix akkumulata ma' kull għajnuna *de minimis* fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jekk it-tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna li taqbeż dawk stabbiliti f'Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

6. B'deroga minn paragrafu 3(b), l-għajnuna favur ħaddiema b'diżabilità, kif previst fl-Artikoli 33 u 34, tista' tiġi akkumulata b'għajnuna oħra eżentata skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli aktar mill-ogħla limitu applikabbli skont dan ir-Regolament, sakemm din l-akkumulazzjoni ma tirriżultax f'intensità ta' għajnuna li taqbeż il-100 % tal-ispejjeż rilevanti fuq kull perjodu li matulu l-ħaddiema kkonċernati jkunu impjegati.

▼M1

7. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 6, meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-limiti massimi ta' għajnuna operatorja reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 15(4), humiex rispettati, għandha titqies biss l-għajnuna operatorja reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi implimentata skont dan ir-Regolament.

▼B

*Artikolu 9*

**Pubblikazzjonijiet u informazzjoni**

▼M4

1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura l-pubblikazzjoni fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, ta':

(a) l-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11 fil-format standardizzat stabbilit fl-Anness II jew link li tipprovdi aċċess għaliha;

(b) it-test sħiħ ta' kull miżura ta' għajnuna, kif imsemmi fl-Artikolu 11 jew link li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Anness III dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż EUR 500 000, jew, għal benefiċjarji attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, minbarra dawk li għalihom tapplika t-Taqsima 2a, kull għotja ta' għajnuna individwali għal tali produzzjoni li taqbeż EUR 60 000 u għal benefiċjarji attivi fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, minbarra dawk li għalihom tapplika t-Taqsima 2a, kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż EUR 30 000.

Fir-rigward ta' għajnuna mogħtija lil proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20, l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Istat Membru li fih tkun tinsab l-Awtorità ta' Ġestjoni kkonċernata, kif definit fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], jew l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], skont liema jkun applikabbli. Alternattivament, l-Istat Membru parteċipanti jista' jiddeċiedi li kull wieħed minnhom għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar il-miżuri tal-għajnuna fit-territorju tagħhom fuq is-siti web rispettivi.

L-obbligi ta' pubblikazzjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw għal għajnuna mogħtija lil proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20a, kif ukoll għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola ("SEI") u proġetti ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità ("CLLD") skont l-Artikolu 19b.

2. Fil-każ ta' skemi fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, u għal skemi koperti mill-Artikoli 16 u 21 [3], il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu sodisfatti jekk l-Istati Membri jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti tal-għajnuna individwali fil-meded li ġejjin (f'miljuni ta' EUR):

---

[1] Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

[2] Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94)

[3] Għal skemi skont l-Artikolu 16 u 21 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżit li tiġi ppubblikata informazzjoni dwar kull għotja individwali li taqbeż EUR 500 000 jista' jitneħħa fir-rigward ta' SMEs li ma jkunu wettqu l-ebda bejgħ kummerċjali fl-ebda suq.

▼M4

0,03-0,5 (għas-sajd u l-akkwakultura biss);

0,06-0,5 (għall-produzzjoni agrikola primarja biss);

0,5-1;

1-2;

2-5;

5-10;

10-30; u

30 u aktar.

▼B

3. Għal skemi skont l-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament, l-obbligi tal-pubblikazzjoni stabbiliti f'dan l-artikolu ma japplikawx għal konsumaturi finali.

▼M4

3a. Jekk prodott finanzjarju jkun ġie implimentat minn Stat Membru taħt il-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU jew minn bank promozzjonali nazzjonali li jaġixxi bħala sieħeb inkarigat mill-implementazzjoni jew li jaġixxi bħala intermedjarju finanzjarju taħt InvestEU, l-Istat Membru jibqa' taħt l-obbligu li jiżgura l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) u. Madankollu, dan l-obbligu jitqies li ġie ssodisfat jekk is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, punt (c) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja li fiha tkun ingħatat l-għajnuna u jekk il-ftehim ta' garanzija ffirmat bejn il-Kummissjoni u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jistipula r-rekwiżit li l-Kummissjoni tingħata l-informazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrfu, punt (c).

▼B

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(c) ta' dan l-Artikolu tiġi organizzata u tkun aċċessibbli b'mod standardizzat, kif deskritt fl-Anness III, kif ukoll tippermetti funzjonijiet effettivi ta' riċerka u ddawnlowdjar. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppubblikata fi żmien 6 xhur mid-data li tkun ingħatat l-għotja, jew l-għajnuna f'forma ta' vantaġġ fiskali, fi żmien sena mid-data li d-dikjarazzjoni tat-taxxa trid tintbagħat, u tkun disponibbli għal mill-inqas 10 snin mid-data li fiha l-għajnuna tkun ingħatat.

5. Il-Kummissjoni tippubblika fuq il-websajt tagħha:

(a) il-links għall-websajts dwar l-għajnuna mill-Istat msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11.

6. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu sa mhux aktar tard minn sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

▼B

KAPITOLU II

**MONITORAĠĠ**

*Artikolu 10*

**L-irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija**

Meta l-Istat Membru kkonċernat jagħti għajnuna li hija allegatament eżentanta mir-rekwiżit ta' notifika skont dan ir-Regolament mingħajr ma tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli I sa III, il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jispjega fehemtu, tadotta deċiżjoni li tiddikjara li l-miżuri ta' għajnuna futuri kollha jew xi wħud minnhom, adottati mill-Istat Membru kkonċernat li kieku jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Il-miżuri li għandhom jiġu nnotifikati jistgħu jkunu limitati għall-miżuri li jagħtu ċerti tipi ta' għajnuna jew favur ċerti benefiċjari jew ċerti miżuri ta' għajnuna adottati minn ċerti awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

▼M2

*Artikolu 11*

**Rapportar**

▼M4

1. L-Istati Membri, jew fil-każ ta' għajnuna mogħtija għal proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea skont l-Artikolu 20, alternattivament l-Istat Membru li fih tinsab l-Awtorità ta' Ġestjoni, kif definita fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, jew l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/1059, skont liema jkun applikabbli, għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni:

(a) permezz tas-sistema ta' notifika elettronika tal-Kummissjoni, l-informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament fil-format standardizzat stabbilit fl-Anness II, flimkien ma' link li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna, inklużi l-emendi tagħha, fi żmien 20 jum tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tiegħu; u

(b) rapport annwali, kif imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([1]) f'forma elettronika, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jkun fih l-informazzjoni indikata f'dak ir-Regolament, għal kull sena sħiħa jew għal kull parti tas-sena li matulha japplika dan ir-Regolament. Għall-prodotti finanzjarji implimentati minn Stat Membru taħt il-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU jew minn bank promozzjonali nazzjonali li jaġixxi bħala sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jew li jaġixxi bħala intermedjarju finanzjarju taħt InvestEU, dan l-obbligu tal-Istat Membru jitqies li jkun ġie ssodisfat jekk is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jipprovdi r-rapporti annwali lill-Kummissjoni, skont ir-rekwiżiti ta' rapportar rilevanti stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija ffirmat bejn il-Kummissjoni u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxu regoli dettaljata dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Tratttat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

▼M4

Dan l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward ta’ għajnuna mogħtija għall-proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20a, kif ukoll għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola (“SEI”) u għal proġetti mmexxija mill-komunità għall-iżvilupp lokali (“CLLD”) kif imsemmi fl-Artikolu 19b.

▼M2

2. Fejn, bħala konsegwenza tal-estensjoni tal-perjodu ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament sal-31 ta’ Diċembru 2023 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 ([1]) Stat Membru jippjana li jestendi l-miżuri li fir-rigward tagħhom tkun ġiet ippreżentata l-informazzjoni fil-qosor lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, dak l-Istat Membru għandu jaġġorna dik l-informazzjoni fil-qosor rigward l-estensjoni ta’ dawk il-miżuri u jikkomunika dak l-aġġornament lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tal-att li jestendi l-miżura rispettiva mill-Istat Membru.

▼M1

*Artikolu 12*

**Monitoraġġ**

▼M4

1. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista’ timmonitorja l-għajnuna eżentata min-notifika b’dan ir-Regolament, l-Istati Membri, jew alternattivament, fil-każ ta’ għajnuna mogħtija għall-proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20, l-Istat Membru li fih tinsab l-Awtorità ta’ Ġestjoni, għandhom iżommu rekords dettaljati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta’ appoġġ meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f’dan ir-Regolament huma sodisfatti. Dawn ir-rekords għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna *ad hoc* jew li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna taħt l-iskema.

Dan l-ewwel suboparagrafu ma għandux japplika fir-rigward ta’ għajnuna mogħtija għall-proġetti ta’ Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20a, kif ukoll għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività agrikola u s-sostenibbiltà tal-Agrikoltura u għal proġetti ta’ żvilupp lokali mmexxija mill-komunità (“CLLD”) kif imsemmi fl-Artikolu 19b.

▼M1

2. Fil-każ ta' skemi li fihom tingħata għajnuna fiskali fuq bażi awtomatika, bħal dawk ibbażati fuq dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-benefiċjarji, u fejn ma tkun saret l-ebda verifika *ex ante* li l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà jkunu ġew issodisfati kollha minn kull benefiċjarju, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw b'mod regolari, mill-inqas fuq bażi *ex post* u fuq bażi ta' kampjuni, li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà huma ssodisfati, u għandhom jaslu għall-konklużjonijiet neċessarji. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistri dettaljati tal-verifiki għal mill-inqas 10 snin mid-data tal-kontrolli.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob, minn kull Stat Membru, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li l-Kummissjoni tqis neċessarji biex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti (ĠU L 215, 7.7.2020, p. 3).

▼M1

msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba u d-dokumenti ta' sostenn fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta jirċievi it-talba jew f'perjodu itwal li jista' jiġi stabbilit fit-talba.

▼B

KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL KATEGORIJI DIFFERENTI TA' GĦAJNUNA

*TAQSIMA 1 —*

### *Għajnuna reġjonali*

Subtaqsima A —

### L-investiment Reġjonali u l-għajnuna operatorja

▼M1

*Artikolu 13*

### Il-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna reġjonali

Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) għajnuna li tiffavorixxi attivitajiet fis-settur tal-azzar, fis-settur tal-faħam, fis-settur tal-bini tal-bastimenti u fis-settur tal-fibri sintetiċi;

(b) għajnuna għas-settur tat-trasport kif ukoll għall-infrastruttura relatata, u għajuna għall-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni u l-infrastruttura tal-enerġija ħlief għal għajnuna ta' investiment reġjonali u skemi tal-għajnuna operatorja reġjonali;

(c) għajnuna reġjonali fil-forma ta' skemi li huma mmirati lejn għadd limitat ta' setturi speċifiċi ta' attività ekonomika; skemi mmirati lejn attivitajiet turistiċi, l-infrastrutturi broadband jew l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli mhumiex ikkunsidrati li huma mmirati lejn setturi speċifiċi tal-attività ekonomika;

(d) l-għajnuna operatorja reġjonali li tingħata lil impriżi li l-attività ewlenija tagħhom taqa' taħt it-Taqsima K "Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni" tan-NACE Rev. 2 jew lil impriżi li jwettqu attivitajiet intragrupp li l-attività ewlenija tagħhom taqa' taħt il-klassijiet 70.10 "Attivitajiet tal-uffiċċji ċentrali" jew 70.22 "In-negozju u attivitajiet oħra ta' konsulenza maniġerjali" tan-NACE Rev. 2.

▼B

*Artikolu 14*

### Għajnuna għall-investiment reġjonali

1. Il-miżuri ta' għajnuna għall-investiment reġjonali jkunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jkunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. F'żoni megħjuna tingħata l-għajnuna.

▼B

3. F'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat, l-għajnuna tista' tingħata għal investiment inizjali irrispettivament mid-daqs tal-benefiċjarju. F'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, l-għajnuna tista' tingħata lil SMEs għal kull tip ta' investiment inizjali. L-għajnuna lil intrapriżi kbar tingħata biss għal investiment inizjali favur attività ekonomika ġdida fiż-żona kkonċernata.

4. L-ispejjeż eliġibbli jkunu kif ġej:

(a) l-ispejjeż tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli;

(b) l-ispejjeż stmati tal-pagi li jirriżultaw mill-ħolqien tax-xogħol bħala riżultat ta' investiment inizjali, ikkalkulati fuq perjodu ta' sentejn; jew

(c) il-kombinament ta' punti (a) u (b) li ma jaqbżux l-ammont ta' (a) jew (b), skont liema minnhom ikun l-ogħla.

5. L-investiment jinżamm fiż-żona tar-riċevitur għal mill-inqas ħames snin, jew tliet snin fil-każ ta' SMEs, wara t-tlestija tal-investiment. Dan ma jimpedixxix s-sostituzzjoni ta' impjant jew apparat li ma jkunx għadu aktar validu jew li nkiser, sakemm l-attività ekonomika tinżamm fiż-żona kkonċernata għall-perjodu minimu rilevanti.

6. L-assi akkwistati jkunu ġodda ħlief għall-SMEs u għall-akkwist ta' stabbiliment. L-ispejjeż marbuta mal-lokazzjoni ta' assi tanġibbli jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) għall-art u l-bini, il-lokazzjoni trid tkompli għal mill-inqas ħames snin wara d-data mistennija tat-tlestija tal-proġett ta' investiment għal intrapriżi kbar jew għal tliet snin fil-każ ta' SMEs;

(b) għall-impjant jew makkinarju, il-lokazzjoni għandha tieħu l-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u trid tinkludi obbligu għall-benefiċjarju tal-għajnunaa biex jixtri l-proprjetà mal-iskadenza tal-perjodu tal-lokazzjoni.

►M1 Fil-każ ta' akkwist tal-assi ta' stabbiliment skont it-tifsira tal-punt 49 jew il-punt 51 tal-Artikolu 2, jitqiesu biss l-ispejjeż ta' xiri tal-assi mingħand partijiet terzi mhux relatati max-xerrej. ◄ It-tranżazzjoni sseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk diġà tkun ingħatat għajnuna għall-akkwiżizzjoni ta' assi qabel jinxtraw, l-ispejjeż ta' dawn l-assi jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli relatati mal-akkwist ta' stabbiliment. Meta membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f'idejh intrapriża żgħira, il-kundizzjoni li l-assi jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej tiġi rinunzjata. L-akkwist ta' ishma ma għandux jikkostitwixxi investiment inizjali.

▼B

7. ►M1 Għal għajnuna mogħtija lil impriż kbar biex iwettqu bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, l-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu iktar mid-deprezzament tal-assi marbuta mal-attività li tkun trid tiġi mmodernizzata matul it-tliet snin fiskali preċedenti. ◄ Għal għajnuna mogħtija għad-diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jaqbżu b'mill-inqas 200 % l-valur kontabbli tal-assi li jintużaw mill-ġdid, kif irreġistrati fis-sena fiskali preċedenti ma nbdew ix-xogħlijiet.

8. Assi intanġibbli huma eliġibbli għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-investiment jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn iridu jintużaw b'mod esklussiv fl-istabbiliment li qed jirċievi l-għajnuna;

(b) dawn iridu jkunu jistgħu jiġu ammortizzati;

(c) dawn iridu jinxtraw skont il-kundizzjonijiet tas-suq minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej; kif ukoll

(d) dawn iridu jiġu inklużi fl-assi tal-intrapriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu marbutin mal-proġett li għalih ingħatat l-għajnuna għal mill-inqas ħames snin jew tliet snin fil-każ tal-SMEs.

Għal intrapriżi kbar, l-ispejjeż ta' assi intanġibbli huma eliġibbli biss sa limitu ta' 50 % tal-ispejjeż ta' investiment totali eliġibbli għall-investiment inizjali.

9. Meta l-ispejjeż eliġibbli jiġu kkalkulati b'referenza għall-ispejjeż stmati tal-pagi kif imsemmija fil-paragrafu 4(b), jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proġett ta' investiment iwassal għal żieda netta fin-numru ta' impjegati fl-istabbiliment ikkonċernat, meta kkumparat mal-medja tul it-12-il xahar ta' qabel, jiġifieri jitnaqqas kull xogħol li jkun intilef min-numru apparenti ta' xogħlijiet maħluqa matul dak il-perjodu;

(b) kull inkarigu jimtela fi żmien tliet snin mit-tlestija tax-xogħlijiet; kif ukoll

▼M4

(c) kull impjieg li jinħoloq permezz tal-investiment għandu jinżamm fiż-żona kkonċernata għal perjodu ta’ mill-inqas ħames snin mid-data li fiha tkun imtliet il-pożizzjoni għall-ewwel darba, jew għal tliet snin fil-każ ta’ SMEs, ħlief jekk l-impjieg jintilef bejn l-1 ta’ Jannar 2020 u t-30 ta’ Ġunju 2021.

▼B

10. L-għajnuna reġjonali għall-iżvilupp ta' netwerk tal-broadband għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna tingħata biss lil żoni fejn m'hemm ebda netwerk tal-istess kategorija (kemm jekk broadband bażiku jew inkella NGA), u fejn tali netwerk mhux probabbli li jiġi żviluppat fuq termini kummerċjali fi żmien tliet snin mid-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna; kif ukoll

▼B

(b) l-operatur tan-netwerk issussidjat għandu joffri aċċess attiv u passiv lill-operaturi b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji inkluża d-diżaggregazzjoni fiżika fil-każ tan-netwerks tal-NGA; kif ukoll

(c) l-għajnuna tiġi allokata abbażi ta' proċess kompetittiv ta' għażla.

11. L-għajnuna reġjonali għal infrastrutturi ta' riċerka tingħata biss jekk l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li jingħata aċċess trasparenti u nondiskriminatorju għall-infrastruttura megħjuna.

12. L-intensità tal-għajnuna fl-ekwivalenti tal-għotja gross ma taqbiżx l-intensità massima tal-għajnuna stabbilita fil-mappa tal-għajnuna reġjonali li tkun fis-seħħ fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna fiż-żona kkonċernata. Meta l-intensità tal-għajnuna hija kkalkulata abbażi tal-paragrafu 4(c), l-intensità massima tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż l-ammont l-aktar favorevoli li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' din l-intensità abbażi ta' spejjeż ta' investiment jew spejjeż tal-pagi. Għal proġetti kbar ta' investiment l-ammont ta' għajnuna ma jaqbiżx l-ammont ta' għajnuna aġġustata kkalkulat skont il-mekkaniżmu definit fl-Artikolu 2, punt 20;

13. Kull investiment inizjali li nbeda mill-istess benefiċjarju (fil-livell ta' grupp) f'perjodu ta' tliet snin mid-data tal-bidu tax-xogħlijiet fuq investiment megħjun ieħor, fl-istess reġjun ta' Klassifikazzjoni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ta' livell 3, jiġi meqjus bħala parti minn proġett uniku ta' investiment. Fejn tali proġett uniku ta' investiment huwa proġett kbir ta' investiment, l-ammont ta' għajnuna totali għall-proġett uniku ta' investiment ma jaqbiżx l-ammont ta' għajnuna aġġustata għal proġetti kbar ta' investiment.

14. Il-benefiċjarju tal-għajnuna jrid jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' mill-inqas 25 % tal-ispejjeż eliġibbli, jew permezz tar-riżorsi tiegħu stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'forma li tkun ħielsa minn kull appoġġ pubbliku. Fir-reġjuni l-aktar imbiegħda investiment magħmul minn SME jista' jirċievi għajnuna b'intensità ta' għajnuna massima ogħla minn 75 %, f'tali sitwazzjonijiet, il-bqija għandha tingħata permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-benefiċjarju tal-għajnuna.

▼M4

15. Għal investiment inizjali marbut ma’ proġetti ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea koperti mir-Regolament (UE) Nru 1299/2013, jew ir-Regolament (UE) 2021/1059, l-intensità tal-għajnuna taż-żona li fiha jinsab l-investiment inizjali għandha tapplika għall-benefiċjarji kollha li jipparteċipaw fil-proġett. Jekk l-investiment inizjali jkun jinsab f’żewġ żoni megħjuna jew aktar, l-intensità massima tal-għajnuna għandha tkun dik applikabbli fiż-żona megħjuna fejn jiġġarrab l-akbar ammont tal-kostijiet eliġibbli. F’żoni megħjuna eliġibbli għall-għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, din id-dispożizzjoni għandha tapplika għal impriżi kbar biss jekk l-investiment inizjali jikkonċerna attività ekonomika ġdida.

▼M1

16. Il-benefiċjarju għandu jikkonferma li ma wettaqx rilokazzjoni tal-istabbiliment fejn għandu jsir l-investiment inizjali li għalih tintalab l-għajnuna, fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna u jimpenja ruħu li mhux se jagħmel rilokazzjoni fi żmien sentejn wara li jitlesta l-investiment inizjali li għalih tintalab l-għajnuna. ►M2 Firrigward tal-impenji mogħtija qabel il-31 ta’ Diċembru 2019, kwalunkwe telf ta’ impjiegi, fl-istess attività jew simili f’wieħed mill-istabbilimenti inizjali tal-benefiċjarju fiż-ŻEE bejn l-1 ta’ Jannar 2020 u t-30 ta’ Ġunju 2021, ma għandux jitqies bħala trasferiment skont it-tifsira tal-Artikolu 2(61a) ta’ dan ir-Regolament. ◄

▼M1

17. Fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, l-għajnuna ma għandhiex tingħata lil impriżi li wettqu ksur wieħed jew iktar minn dawk elenkati fl-Artikolu 10(1)(a) sa (d) u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u għal operazzjonijiet tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Għajnuna operatorja reġjonali**

1. L-iskemi operatorji ta' għajnuna reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, fiż-żoni skarsament popolati u fiż-żoni ħafna skarsament popolati għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jkunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. F'żoni skarsament popolati, l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għandhom jikkumpensaw għall-ispejjeż addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li jkunu ġew prodotti fl-żoni eliġibbli għal għajnuna operatorja, kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li jkunu pproċessati iktar f'dawk iż-żoni, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna tkun kwantifikabbli oġġettivament bil-quddiem skont ammont fiss jew proporzjon għal kull tunnellata/kilometru jew xi unità oħra rilevanti;

(b) l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport huma kkalkulati abbażi tal-vjaġġ tal-oġġetti ġewwa l-fruntieri nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat permezz ta' mezz ta' trasport li jiswa l-inqas għall-benefiċjarju.

L-intensità tal-għajnuna ma tkunx iktar minn 100 % tal-ispejjeż ta' trasport addizzjonali stabbiliti f'dan il-paragrafu.

3. F'żoni ħafna skarsament popolati, l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għandhom jipprevjenu jew inaqqsu d-depopolazzjoni skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-benefiċjarji jkollhom l-attività ekonomika tagħhom fiż-żona kkonċernata;

(b) l-ammont annwali ta' għajnuna għal kull benefiċjarju taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna operatorja ma tkunx iktar minn 20 % tal-ispejjeż tax-xogħol annwali mġarrba mill-benefiċjarju fiż-żona kkonċernata.

4. ►C1 Fir-reġjuni ultraperiferiċi, skemi ta' għajnuna operatorja jikkumpensaw għall-ispejjeż operatorji addizzjonali mġarrba f'dawk ir-reġjuni bħala effett dirett ta' wieħed jew iktar mill-iżvantaġġi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, fejn il-benefiċjarji jkollhom l-attività ekonomika tagħhom f'reġjun ultraperiferiku sakemm l-ammont ta' għajnuna annwali għal kull benefiċjarju taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna operatorja implimentati skont dan ir-Regolament ma jkunx iktar minn wieħed mill-persentaġġi li ġejjin: ◄

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

▼M1

(a) 35 % tal-valur miżjud gross maħluq annwalment mill-benefiċjarju fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat;

(b) 40 % tal-ispejjeż annwali kollha tal-lavranti mġarrba mill-benefiċjarju fir- reġjun ultraperiferiku kkonċernat;

(c) 30 % tal-fatturat nett annwali tal-benefiċjarju magħmul mill-benefiċjarju fir-reġjun l-iktar imbiegħed ikkonċernat.

▼B

### Subtaqsima B —

### Għajnuna għall-iżvilupp urban

*Artikolu 16*

**Għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali:**

1. L-għajnuna għall-iżvilupp urban għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. Proġetti ta' żvilupp urban jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) jiġu implimentati permezz tal-fondi għall-iżvilupp urban f'żoni megħjuna;

(b) ikunu kkofinanzjati mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment;

(c) jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' "strateġija integrata ta' żvilupp urban sostenibbli";

3. L-investiment totali fi proġett ta' żvilupp urban skont kull miżura ta' għajnuna għall-iżvilupp urban li ma jaqbiżx l-EUR 20 miljun.

▼M4

4. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet globali tal-proġett ta' żvilupp urban sal-punt li dawn jikkonformaw mal-Artikoli 37 u 65 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jew l-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (UE) 2021/1060, skont liema jkun applikabbli.

▼B

5. Għajnuna għall-iżvilupp urban mogħtija minn fond ta' żvilupp urban lil proġetti eliġibbli ta' żvilupp urban tista' tieħu l-forma ta' ekwità, kważi ekwità, self, garanziji, jew taħlita tagħhom.

6. Il-miżura ta' għajnuna għall-iżvilupp urban tgħin biex jingrana aktar investiment minn investituri privati fil-livell ta' fondi għall-iżvilupp urban jew proġetti ta' żvilupp urban, biex jinkiseb ammont aggregat li jilħaq il-minimu ta' 30 % tal-finanzjament totali pprovdut għal proġett ta' żvilupp urban.

7. Investituri privati u pubbliċi jistgħu jipprovdu flus jew kontribut mhux finanzjarju, jew taħlita ta' dawn, għall-implimentazzjoni ta' proġett ta' żvilupp urban. Kontribut mhux finanzjarju jkun ikkunsidrat bil-valur tas-suq tiegħu, kif iċċertifikat minn espert ikkwalifikat indipendenti jew korp uffiċjali adegwatament awtorizzat.

▼B

8. Il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban jiġu magħżula permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja skont il-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali. B'mod partikolari, ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban abbażi tal-post ta' stabbiliment jew tal-inkorporazzjoni tagħhom f'xi Stat Membru. Il-maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban jistgħu jiġu mitluba biex jissodisfaw kriterji predefiniti oġġettivament iġġustifikati min-natura tal-investimenti;

(b) l-investituri privati jiġu magħżula permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja u skont il-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, mmirata lejn it-twaqqif ta' arranġamenti xierqa ta' qsim tar-riskji u l-benefiċċji fejn, il-qsim asimmetriku tal-profitt jingħata preferenza fuq il-protezzjoni minn ċaqliq 'l isfel, għall-investimenti aktar milli għall-garanziji. Jekk l-investituri privati ma jintgħażlux b'tali sejħa, ir-rata ta' redditu ġust għall-investituri privati tiġi stabbilita minn espert indipendenti magħżul permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja;

(c) fil-każ ta' qsim asimettriku tat-telf bejn investituri pubbliċi u dawk privati, l-ewwel telf li jsir minn investitur pubbliku jiġi limitat għal 25 % tal-investiment totali;

(d) fil-każ ta' garanziji lil investituri privati fi proġetti għall-iżvilupp urban, ir-rata ta' garanzija tkun limitata għal 80 % u t-telf totali li jagħmel Stat Membru jiġi limitat għal 25 % tal-portafoll iggarantit sottostanti;

(e) l-investituri jitħallew jiġu rrappreżentati f'korpi ta' governanza tal-fond għall-żvilupp urban, bħall-bord ta' sorveljanza jew il-kumitat konsultattiv;

(f) il-fond għall-iżvilupp urban jiġi stabbilit skont il-liġijiet applikabbli. L-Istat Membru jipprovdi għal proċess ta' diliġenza dovuta biex jiżgura strateġija ta' investiment kummerċjalment soda għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' għajnuna għall-iżvilupp urban.

9. Il-fondi ta' iżvilupp urban jiġu ġestiti abbażi kummerċjali u jiżguraw deċiżjonijiet finanzjarji xprunati mill-qligħ. Dan huwa l-każ meta l-maniġers għall-iżvilupp urban jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban ikunu obbligati bil-liġi jew b'kuntratt biex jaġixxu bid-diliġenza ta' maniġer professjonali ta' rieda tajba u mingħajr kunflitti ta' interess; l-aħjar prattiki u s-sorveljanza regolatorja japplikaw;

(b) ir-remunerazzjoni tal-maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban tikkonforma ma' prattiki tas-suq. Dan ir-rekwiżit jitqies li ntlaħaq meta jintgħażel maniġer permezz ta' sejħa kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, ibbażata fuq kriterji oġġettivi marbuta mal-esperjenza, il-kompetenza u l-kapaċità operatorja u finanzjarja;

▼B

(c) il-maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban jirċievu remunerazzjoni marbuta mal-prestazzjoni, jew jaqsmu parti mir-riskju tal-investiment billi jikkoinvestu riżorsi tagħhom stess biex jiġi żgurat li l-interessi tagħhom huma permanentement allinjati mal-interessi tal-investituri pubbliċi;

(d) il-maniġers ta' fondi għall-iżvilupp urban jistabbilixxu strateġija ta' investiment, kriterji u l-għażla taż-żmien li pproponew għall-investiment fi proġetti għall-iżvilupp urban, u jistabbilixxu l-vijabilità finanzjarja *ex-ante* u l-impatt mistenni tagħhom fuq l-iżvilupp urban;

(e) strateġija ta' ħruġ ċara u realistika teżisti għal kull investiment ta' ekwità u kważi ekwità;

10. Meta fond għall-iżvilupp urban jipprovdi self jew garanziji lil proġetti ta' żvilupp urban, il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati:

(a) f'każ ta' self, l-ammont nominali tas-self jitqies fil-kalkolu tal-ammont massimu tal-investiment għall-finijiet ta' paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) f'każ ta' garanziji, l-ammont nominali tas-self sottostanti jitqies fil-kalkolu tal-ammont massimu tal-investiment għall-finijiet ta' paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

11. L-Istat Membru jista' jafda l-implimentazzjoni tal-miżura ta' għajnuna għall-iżvilupp urban lil entità ta' fiduċja.

*TAQSIMA 2 —*

***Għajnuna għall-SMEs***

*Artikolu 17*

**Għajnuna għall-investiment għall-SMEs**

1. L-għajnuna għall-investiment għall-SMEs li joperaw fit-territorju jew barra t-territorju tal-Unjoni tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-ispejjeż eliġibbli jkunu wieħed jew l-ispejjeż kollha li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli;

(b) l-ispejjeż stmati tal-pagi ta' xogħlijiet maħluqa direttament mill-proġett ta' investiment, ikkalkulati fuq perjodu ta' sentejn.

3. Biex jitqies bħala spiża eliġibbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, investiment jikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(a) investiment f'assi tanġibbli u/jew intanġibbli relatati mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, l-estensjoni ta' stabbiliment eżistenti, id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni ta' stabbiliment fi prodotti addizzjonali ġodda jew bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti; jew

▼B

(b) l-akkwiżizzjoni tal-assi li jappartjenu lil stabbiliment, meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

— l-istabbiliment ikun għalaq jew kien jagħlaq kieku ma ġiex mixtri;

— l-assi huma mixtrija minn partijiet terzi li mhumiex relatati max-xerrej;

— It-tranżazzjoni trid isseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

Meta membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f'idejh intrapriża żgħira, il-kundizzjoni li l-assi jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej tiġi rinunzjata. L-akkwist uniku tal-ishma ta' intrapriża ma jikkostitwixxi investiment.

4. L-assi intanġibbli jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jintużaw esklussivament fl-istabbiliment li qed jirċievi l-għajnuna;

(b) dawn iridu jiġu meqjusa bħala assi li jistgħu jiġu amortizzati;

(c) dawn iridu jinxtraw skont il-kundizzjonijiet tas-suq minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej;

(d) dawn iridu jiġu inklużi fl-assi tal-impriża għal mill-inqas tliet snin;

5. Xogħlijiet maħluqa direttament minn proġett ta' investiment jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ix-xogħol jinħoloq fi żmien tliet snin minn meta jitlesta l-investiment;

(b) il-proġett ta' investiment jwassal għal żieda netta fin-numru ta' impjegati fl-istabbiliment ikkonċernat, imqabbel mal-medja matul it-12-il xahar ta' qabel;

(c) jinżamm għal perjodu minimu ta' tliet snin mid-data li fiha mtliet il-kariga għall-ewwel darba.

6. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż:

(a) l-20 % tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ tal-intrapriżi ż-żgħar;

(b) l-10 % tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs medju.

*Artikolu 18*

**Għajnuna għal konsulenza favur l-SMEs**

1. L-għajnuna għal konsulenza favur l-SMEs tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

3. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż ta' servizzi ta' konsulenza pprovduti minn konsulenti esterni.

4. Is-servizzi kkonċernati ma jkunux attività kontinwa jew perjodika u lanqas ma jkunu relatati mal-ispejjeż amministrattivi ordinarji tal-intrapriża, bħal servizzi ta' rutina ta' konsulenza dwar it-taxxa, servizzi legali regolari jew riklamar.

▼B

*Artikolu 19*

**Għajnuna lill-SMEs għall-parteċipazzjoni fil-fieri**

1. L-għajnuna għall-SMEs għall-parteċipazzjoni fil-fieri tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż involuti biex tinkera, titwaqqaf u titħaddem l-istand għall-ewwel parteċipazzjoni ta' intrapriża ġo fiera jew eżibizzjoni partikolari.

3. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

▼M4

*Artikolu 19a*

**L-għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD") jew tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività agrikola u s-sostenibbiltà ("SEI")**

1. Għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, indikati bħala żvilupp lokali LEADER skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, koperti mir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew ir-Regolament (UE) 2021/1060, kif ukoll għall-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-SEI koperti mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mill-ħtieġa ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. Il-kostijiet li ġejjin stabbiliti fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, skont liema minnhom ikun applikabbli, għandhom ikunu eliġibbli għall-proġetti tas-CLLD u tal-Grupp Operazzjonali tas-SEI:

(a) il-kostijiet tal-appoġġ preparatorju, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-networking bil-ħsieb tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġija tas-CLLD jew proġett tal-Grupp Operazzjonali tas-SEI;

(b) l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet approvati;

(c) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-grupp;

(d) kostijiet operazzjonali marbuta mal-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-CLLD jew tal-proġett tal-Grupp Operazzjonali tas-SEI;

(e) animazzjoni tal-komunità SEI jew tal-istrateġija CLLD sabiex tiffaċilita l-iskambju bejn il-partijiet interessati biex jipprovdu informazzjoni u jippromwovu l-istrateġija u l-proġetti, u biex jappoġġaw benefiċjarji potenzjali bil-ħsieb li jiżviluppaw operazzjonijiet u jħejju applikazzjonijiet.

▼M4

3. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż ir-rati massimi ta' kofinanzjament previsti fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond li jappoġġaw il-Gruppi Operazzjonali tas-CLLD u tas-SEI.

*Artikolu 19b*

**Ammonti limitati ta' għajnuna lill-SMEs li jibbenefikaw minn żvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD") jew mill-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea ta' Innovazzjoni għall-produttività agrikola u s-sostenibbiltà ("SEI")**

1. Għajnuna lil impriżi li jipparteċipaw fi, jew li jibbenefikaw minn, proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-CLLD jew tas-SEI, kif imsemmi fl-Artikolu 19a(1), għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mill-ħtieġa ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. L-ammont totali ta' għajnuna mogħti skont dan l-Artikolu għal kull proġett ma għandux jaqbeż EUR 200 000 għall-proġetti tas-CLLD, u EUR 350 000 għall-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-SEI.

*TAQSIMA 2a*

***Għajnuna għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea***

*Artikolu 20*

**Għajnuna għall-kostijiet imġarrba minn impriżi li jipparteċipaw fil-proġett tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea**

1. L-għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-impriżi li jipparteċipaw fil-proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea koperti mir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jew mir-Regolament (UE) 2021/1059 għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. Sal-punt li huma marbuta mal-proġett ta' kooperazzjoni, il-kostijiet li ġejjin, li għandu jkollhom it-tifsira attribwita lilhom fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 ([1]), jew l-Artikoli 38 sa 44 tar-Regolament (UE) 2021/1059, skont liema minnhom ikun applikabbli, għandhom ikunu kostijiet eliġibbli:

(a) kostijiet relatati mal-persunal;

(b) kostijiet tal-uffiċċju u amministrattivi;

(c) kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni;

(d) kostijiet tal-għarfien espert u tas-servizzi esterni;

(e) kostijiet tat-tagħmir;

(f) kostijiet għall-infrastruttura u x-xogħlijiet.

---

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli speċifiċi dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programmi ta' kooperazzjoni (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 45).

▼M4

3. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż ir-rata massima ta' kofinanzjament prevista fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew fir-Regolament (UE) 2021/1060 u/jew fir-Regolament (UE) 2021/1059, skont liema minnhom ikun applikabbli.

*Artikolu 20a*

**Ammonti limitati ta' għajnuna lill-impriżi għall-parteċipazzjoni fil-proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea**

1. L-għajnuna għall-impriżi għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea koperti mir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jew mir-Regolament (UE) 2021/1059 għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. L-ammont totali ta' għajnuna skont dan l-Artikolu mogħti lil impriża għal kull proġett ma għandux jaqbeż EUR 20 000.

▼B

*TAQSIMA 3 —*

***Ghajnuna biex l-SMEs jkollhom aċċess għall-finanzjament***

*Artikolu 21*

**L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju**

1. L-iskemi ta' għajnuna għall-finanzjament tar-riskju favur l-SMEs tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. Fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji, għajnuna għall-finanzjament tar-riskju lil investituri privati indipendenti tista' tieħu l-forma ta':

(a) ekwità jew kważi ekwità jew allokazzjoni finanzjarja biex jiġu pprovduti investimenti ta' finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lill-intrapriżi eliġibbli;

(b) self sabiex jiġu pprovduti investimenti ta' finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lill-intrapriżi eliġibbli;

(c) garanziji biex ikopru l-investimenti ta' finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament għall-intrapriżi eliġibbli;

3. Fil-livell ta' investituri privati indipendenti, l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tieħu l-forom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jew tkun fil-forma ta' inċentivi fiskali għal investituri privati li huma persuni fiżiċi li jipprovdu finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lill-intrapriżi eliġibbli.

▼B

4. Fil-livell ta' intrapriżi eliġibbi, l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju tista' tieħu l-forma ta' ekwità, kważi ekwità, self, garanziji, jew taħlita tagħhom.

5. Intrapriżi eliġibbli jkunu intrapriżi li fiż-żmien tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali huma SMEs mhux elenkati u għall-inqas jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jkunu qed joperaw fl-ebda suq;

(b) ilhom joperaw f'xi suq għal inqas minn 7 snin wara l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom;

(c) huma jeħtieġu investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali li, abbażi ta' pjan tan-negozju mħejji minħabba prodott ġdid jew id-dħul f'suq ġeografiku ġdid, huwa ogħla minn 50 % tal-fatturat annwali medju tagħhom tal-5 snin preċedenti.

6. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tkopri wkoll investimenti ta' segwitu li saru f'intrapriżi eliġibbli, inkluż wara l-perjodu ta' 7 snin imsemmi fil-paragrafu 5(b), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-ammont totali ta' finanzjament ta' riskju msemmi fil-paragrafu 9 ma jinqabiżx;

(b) il-possibbiltà ta' investimenti ta' segwitu kienet prevista fil-pjan ta' negozju oriġinali;

(c) l-intrapriża li tirċievi l-investimenti ta' segwitu ma kellhiex x'taqsam, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tal-Anness I ma' intrapriża oħra għajr l-intermedjarju finanzjarju jew l-investitur privat indipendenti, li jipprovdi l-finanzjament ta' riskju taħt il-miżura, dejjem jekk l-entità l-ġdida ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tad-definizzjoni tal-SMEs.

7. Għall-investimenti ta' ekwità u kważi ekwità f'intrapriżi eliġibbli, miżura ta' finanzjament tar-riskju tista' tipprovdi appoġġ għall-kapital ta' sostituzzjoni biss jekk dan tal-aħħar ikun marbut ma' kapital ġdid li jirrappreżenta mill-inqas 50 % ta' kull serje ta' investimenti fl-intrapriżi eliġibbli.

8. Għall-investimenti ta' ekwità u kważi ekwità li jaqgħu taħt paragrafu 2 (a), mhux iktar minn 30 % tal-kontribuzzjonijiet tal-kapital aggregat tal-intermedjarju finanzjarju u l-kapital impenjat mhux mitlub jistgħu jintużaw għal finijiet ta' ġestjoni ta' likwidità.

9. L-ammont totali ta' finanzjament ta' riskju msemmi fil-paragrafu 4 ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun għal kull intrapriża eliġibbli taħt xi miżura ta' finanzjament ta' riskju.

10. Għall-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jipprovdu investimenti ta' ekwità, kważi ekwità jew self lill-intrapriżi eliġibbli, il-miżura ta' finanzjament ta' riskju tgħin biex jingrana aktar finanzjament minn investituri privati indipendenti fuq il-livell ta' intermedjarji finanzjarji jew ta' intrapriżi eliġibbli, biex tintlaħaq rata ta' parteċipazzjoni privata aggregata li tilħaq il-limiti minimi li ġejjin:

▼B

(a) 10 % tal-finanzjament ta' riskju mogħti lill-intrapriżi eliġibbli qabel jagħmlu l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom f'xi suq;

(b) 40 % tal-finanzjament ta' riskju mogħti lill-intrapriżi eliġibbli msemmija fil-paragrafu 5 (b) ta' dan l-Artikolu;

(c) 60 % tal-finanzjament ta' riskju għal investiment mogħti lill-intrapriżi eliġibbli msemmija fil-paragrafu 5(c) u għal investimenti ta' segwitu f'intrapriżi eliġibbli wara l-perjodu ta' 7 snin imsemmi fil-paragrafu 5(b).

11. Meta miżura ta' finanzjament ta' riskju hija implimentata permezz ta' intermedjarju finanzjarju li jimmira lejn intrapriżi eliġibbli fi stadji ta' żvilupp differenti kif imsemmi fil-paragrafu 10 u ma jipprovdix għal parteċipazzjoni ta' kapital privat fil-livell tal-intrapriżi eliġibbli, l-intermedjarju finanzjarju jikseb rata ta' parteċipazzjoni privata aggregata li tirrappreżenta għall-inqas il-medja peżata bbażata fuq il-volum tal-investimenti individwali fil-portafoll sottostanti u li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-rati minimi ta' parteċipazzjoni għal tali investimenti kif imsemmija fil-paragrafu 10.

12. Miżura ta' finanzjament ta' riskju ma tiddiskriminax bejn intermedjarji finanzjarji abbażi tal-post ta' stabbiliment jew tal-inkorporazzjoni tagħhom f'xi Stat Membru. L-intermedjarji finanzjarji jistgħu jiġu mitluba biex jissodisfaw kriterji predefiniti oġġettivament iġġustifikati min-natura tal-investimenti.

13. Miżura ta' finanzjament ta' riskju tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din tiġi implimentata permezz ta' intermedjarju finanzjarju jew aktar, ħlief għall-inċentivi fiskali għall-investituri privati fir-rigward tal-investimenti diretti tagħhom f'intrapriżi eliġibbli;

(b) intermedjarji finanzjarji, kif ukoll investituri jew maniġers ta' fondi jiġu magħżula permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja li ssir skont il-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli u mmirata biex tistabbilixxi arranġamenti adegwati tal-qsim tar-riskji u l-gwadanji, fejn għall-investimenti li mhumiex garanziji l-qsim tal-profitti assimmetriċi jingħata preferenza fuq il-protezzjoni miċ-ċaqliq 'l isfel;

(c) fil-każ ta' qsim asimettriku tat-telf bejn investituri pubbliċi u dawk privati, l-ewwel telf li jsir minn investitur pubbliku jiġi limitat għal 25 % tal-investiment totali;

(d) fil-każ ta' garanziji li jaqgħu taħt il-punt 2(c) ir-rata ta' garanzija għandha tkun limitata għal 80 % u t-telf totali li jassumi l-Istat Membru jiġi limitat għal massimu ta' 25 % tal-portafoll iggarantit sottostanti. Garanziji li jkopru telf mistenni tal-portafoll iggarantit sottostanti biss jistgħu jiġu pprovduti b'xejn. Jekk garanzija tkun tkopri t-telf mhux mistenni, l-intermedjarju finanzjarju jħallas għal dik il-parti tal-garanzija li tkopri t-telf mhux mistenni, primjum ta' garanzija konformi mas-suq.

▼B

14. Miżuri ta' finanzjament ta' riskju jiżguraw deċiżjonijiet ta' finanzjament immexxija mill-profitti. Dan jitqies li huwa l-każ meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) intermedjarji finanzjarji jiġu stabbiliti skont il-liġijiet applikabbli.

(b) l-Istat Membru, jew l-entità fdata bl-implimentazzjoni tal-miżura, tipprovdi għal proċess ta' diliġenza dovuta biex tiżgura strateġija ta' investiment kummerċjalment soda għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju, inkluża politika ta' diversifikazzjoni tar-riskju xierqa mmirata lejn il-kisba ta' vijabilità ekonomika u skala effiċjenti f'termini ta' daqs u kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-portafoll ta' investimenti rilevanti;

(c) l-għoti ta' finanzjament ta' riskju lill-intrapriżi eliġibbli jkun ibbażat fuq pjan ta' direzzjoni tan-negozju vijabbli, li fih dettalji tal-prodott, bejgħ u żvilupp ta' profitabbiltà, u li jistabbilixxi l-vijabilità finanzjarja *ex-ante*;

(d) strateġija ta' ħruġ ċara u realistika teżisti għal kull investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

15. L-intermedjarji finanzjarji jiġu ġestiti fuq bażi kummerċjali. Dan ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat meta l-intermedjarju finanzjarju u, skont it-tip ta' miżura ta' finanzjament ta' riskju, il-maniġer tal-fond, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma obbligati bil-liġi jew b'kuntratt biex jaġixxu bid-diliġenza ta' maniġer professjonali ta' rieda tajba u mingħajr kunflitti ta' interess; l-aħjar prattiki u s-sorveljanza regolatorja japplikaw;

(b) ir-rimunerazzjoni tagħhom tkun konformi mal-prattiki tas-suq; Dan ir-rekwiżit jitqies li ntlaħaq meta jintgħażel maniġer jew intermedjarju finanzjarju permezz ta' sejħa kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, ibbażata fuq kriterji oġġettivi marbuta mal-esperjenza, il-kompetenza u l-kapaċità operatorja u finanzjarja;

(c) huma jirċievu remunerazzjoni marbuta mal-prestazzjoni, jew jaqsmu parti mir-riskji tal-investiment billi jikkoinvestu r-riżorsi tagħhom biex jiġi żgurat li l-interessi tagħhom huma permanentement allinjati mal-interessi tal-investitur pubbliku;

(d) huma jistabbilixxu l-istrateġija ta' investiment, il-kriterji u l-għażla taż-żmien għall-investiment;

(e) l-investituri jitħallew jiġu rrappreżentati f'korpi ta' governanza tal-fond għall-investiment, bħall-bord ta' sorveljanza jew il-kumitat konsultattiv.

16. ►M1 Miżura ta' finanzjament ta' riskju li tipprovdi garanziji jew self lill-impriżi eliġibbli jew tipprovdi investiment ta' kważi ekwità bħala dejn lil intrapriżi eliġibbli, għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: ◄

▼B

(a) bħala riżultat tal-miżura, l-intermedjarju finanzjarju jagħmel investimenti li kieku ma kinux jitwettqu, jew kienu jitwettqu b'mod ristrett jew differenti mingħajr l-għajnuna. L-intermedjarju finanzjarju jkun kapaċi juri li huwa jopera mekkaniżmu li jiżgura li l-vantaġġi kollha jiġu mgħoddija kemm jista' jkun lill-benefiċjarji finali fil-forma ta' volumi ogħla ta' finanzjament, portafolli aktar riskjużi, inqas rekwiżiti kollaterali, primjums ta' garanzija aktar baxxi jew rati ta' interess aktar baxxi;

▼M1

(b) f'każ ta' self u investimenti ta' kważi ekwità strutturati bħala dejn, huwa l-ammont nominali tal-istrument li jitqies fil-kalkolu tal-ammont massimu tal-investiment għall-iskopijiet ta' paragrafu 9;

▼B

(c) f'każ ta' garanziji, l-ammont nominali tas-self sottostanti jitqies fil-kalkolu tal-ammont massimu tal-investiment għall-finijiet ta' paragrafu 9. Il-garanzija ma għandhiex taqbeż it-80 % tas-self sottostanti.

17. Stat Membru jista' jafda l-implimentazzjoni ta' miżura ta' finanzjament ta' riskju lil entità ta' fiduċja.

18. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju lill-SMEs li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk

(a) f'livell ta' SMEs, l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1407/2013; kif ukoll

(b) il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti f'paragrafi 5, 6, 9, 10, u 11, jiġu ssodisfati; kif ukoll

(c) għall-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jipprovdu investimenti ta' ekwità, kważi ekwità jew self lill-intrapriżi eliġibbli, il-miżura tgħin biex jingrana aktar finanzjament minn investituri privati indipendenti fuq il-livell ta' intermedjarji finanzjarji jew ta' SMEs, biex tintlaħaq rata ta' parteċipazzjoni privata aggregata li tilħaq mill-inqas is-60 % tal-finanzjament ta' riskju pprovdut lill-SMEs.

*Artikolu 22*

**Għajnuna tal-bidu ta' negozju**

1. L-iskemi ta' għajnuna tal-bidu ta' negozju jkunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu milħuqa.

▼M1

2. L-impriżi eliġibbli huma kwalunkwe intrapriża żgħira li ma tkunx elenkata sa ħames snin wara r-reġistrazzjoni tagħha, li tissodisfa il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tkunx wirtet l-attività ta' intrapriża oħra;

(b) ma tkunx għadha iddistribwiet il-profitti;

▼M1

(c) ma tkunx ġiet iffurmata permezz ta' fużjoni.

Għal impriżi eliġibbli li mhumiex soġġetti għal reġistrazzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ta' ħames snin jista' jitqies li jibda mill-mument meta l-intrapriża tibda l-attività ekonomika tagħha jew tkun soġġetta għat-taxxa minħabba l-attività ekonomika tagħha.

B'deroga mill-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-intrapriżi ffurmati permezz ta' fużjoni bejn impriżi eliġibbli għall-għajnuna skont dan l-Artikolu għandhom ukoll jitqiesu bħala impriżi eliġibbli sa ħames snin mid-data tar-reġistrazzjoni tal-eqdem intrapriża li tipparteċipa fil-fużjoni.

▼B

3. L-għajnuna tal-bidu ta' negozju tieħu l-forma ta':

(a) self b'rati ta' imgħax li mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, b'tul ta' 10 snin u sa ammont nominali massimu ta' EUR 1 miljun, jew EUR 1,5 miljun għal intrapriżi stabbiliti f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jew EUR 2 miljun għal intrapriżi stabbiliti f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat. Għal self b'tul ta' bejn 5 u 10 snin l-ammonti massimi jistgħu jiġu aġġustati billi jiġu mmultiplikati l-ammonti ta' hawn fuq bil-proporzjon ta' bejn l-10 snin u t-tul effettiv tas-self. Għal self b'tul ta' inqas minn 5 snin, l-ammont massimu jkun l-istess bħal ma huwa għal self b'tul ta' 5 snin;

(b) garanziji bi primjums li mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, b'tul ta' 10 snin u sa ammont massimu garantit ta' EUR 1,5 miljun, jew EUR 2,25 miljun għal intrapriżi stabbiliti f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jew EUR 3 miljun għal intrapriżi stabbiliti f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat. Għal garanziji b'tul ta' bejn 5 u 10 snin l-ammont massimu ta' ammonti garantiti jista' jiġi aġġustat billi jiġu mmultiplikati l-ammonti ta' hawn fuq bil-proporzjon ta' bejn l-10 snin u t-tul effettiv tas-garanzija. Għal garanziji b'tul ta' inqas minn 5 snin, l-ammont massimu ggarantit ikun l-istess bħal ma huwa għal garanziji b'tul ta' 5 snin. Il-garanzija ma għandhiex tkun aktar minn 80 % tas-self sottostanti.

(c) l-għotjiet, inkluż it-tnaqqis fl-investiment ta' ekwità jew kważi ekwità, fir-rata ta' interessi u fil-primjum ta' garanzija sa mhux aktar minn EUR 0,4 miljun ta' ekwivalenti tal-għotja gross jew EUR 0,6 miljun għal intrapriżi stabbiliti f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jew EUR 0,8 miljun għal intrapriżi stabbiliti f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat.

4. Benefiċjarju jista' jirċievi appoġġ permezz ta' taħlita tal-istrumenti ta' għajnuna msemmija fil-paragrafu 3, ta' dan l-Artikolu, dejjem jekk il-proporzjon tal-ammont mogħti permezz ta' strument wieħed ta' għajnuna, ikkalkulat abbażi tal-ammont massimu ta' għajnuna permissibli għal dan l-istrument, jiġi kkunsidrat biex jiġi ddeterminat il-proporzjon residwu tal-ammont massimu ta' għajnuna permissibbbli għall-istrumenti l-oħra li jiffurmaw parti minn strument daqshekk imħallat.

5. Għal intrapriżi żgħar u innovattivi, l-ammonti massimi msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu jiġu rduppjati.

▼B

*Artikolu 23*

**Għajnuna lill-pjattaformi tal-kummerċ alternattivi speċjalizzati fl-SMEs**

1. L-għajnuna favur il-pjattaformi tal-kummerċ alternattivi speċjalizzati fl-SMEs tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. Meta l-operatur tal-pjattaforma jkun intrapriża żgħira, il-miżura ta' għajnuna tista' tieħu l-forma ta' għajnuna tal-bidu ta' negozju għall-operatur tal-pjattaforma, f'liema każ japplikaw il-kundizzjonijet stabbiliti fl-Artikolu 22.

Il-miżura ta' għajnuna tista' tieħu l-forma ta' inċentivi fiskali għal investituri privati indipendenti li huma persuni fiżiċi fir-rigward tal-investimenti għall-finanzjament ta' riskju tagħhom magħmula permezz ta' pjattaforma tal-kummerċ alternattiva f'intrapriżi eliġibbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21.

*Artikolu 24*

**Għajnuna għall-ispejjeż tat-tfittix**

1. L-għajnuna li tkopri parti mill-ispejjeż għat-tfittix tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż għall-iskrinjar inizjali u jkun hemm id-diliġenza formali dovuta mill-maniġers ta' intermedjarji finanzjarji jew ta' investituri biex jidentifikaw l-intrapriżi eliġibbli skont l-Artikoli 21 u 22.

3. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*TAQSIMA 4 —*

***Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni***

*Artikolu 25*

**Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp**

▼M4

1. Għajnuna għal proġetti ta’ riċerka u żvilupp, inklużi proġetti ta’ riċerka u żvilupp li rċevew tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza skont il-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa u proġetti kofinanzjati ta’ riċerka u żvilupp u, fejn applikabbli, għajnuna għal azzjonijiet kofinanzjati tal-Ħolqien ta’ Timijiet, għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stipulati f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

▼B

2. Il-parti megħjuna tal-proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp taqa' kollha taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

▼B

(a) riċerka fundamentali;

(b) riċerka industrijali;

(c) l-iżvilupp sperimentali;

(d) l-istudji ta' vijabilità.

3. L-ispejjeż eliġibbli ta' proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp jiġu allokati lil kategorija ta' riċerka u ta' żvilupp speċifika u jkunu dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż għall-persunal: riċerkaturi, tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sal-punt impjegati għall-proġett;

(b) spejjeż tal-istrumenti u t-tagħmir sal-punt u għall-perjodu użati fil-proġett. Jekk dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma jintużawx tul ħajjithom kollha fil-proġett, jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif kalkolati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà.

(c) Spejjeż għal bini u art, sal-punt u għat-tul taż-żmien użati mill-proġett. Fir-rigward tal-bini, jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif kalkulati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà. Għall-artijiet, huma eliġibbli l-ispejjeż tat-trasferiment kummerċjali jew l-ispejjeż tal-kapital realment imġarrba.

(d) l-ispejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien tekniku u l-privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet distakkati, kif ukoll l-ispejjeż tal-konsulenzi u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett;

(e) l-ispejjeż ġenerali addizzjonali u l-ispejjeż operattivi oħrajn, li jinkludu l-ispejjeż ta' materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett;

4. L-ispejjeż eliġibbli għall-istudji ta' vijabilità jkunu l-ispejjeż tal-istudju.

5. L-intensità tal-għajnuna għal kull benefiċjarju ma taqbiżx:

(a) il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli għal riċerka fundamentali;

(b) il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli għal riċerka industrijali;

(c) il-25 % tal-ispejjeż eliġibbli għal żvilupp sperimentali;

(d) il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli għal studji ta' vijabilità.

6. L-intensitajiet tal-għajnuna għar-riċerka industrijali u l-iżvilupp sperimentali jistgħu jiżdiedu sa intensità ta' għajnuna massima ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli kif ġej:

(a) b'10 punti perċentwali għal intrapriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal intrapriżi żgħar;

▼B

(b) bi 15-il punt perċentwali jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-proġett jinvolvi kollaborazzjoni effettiva:

— bejn intrapriżi li fosthom għall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unika ma tbati iktar minn 70 % tal-ispejjeż eliġibbli, jew

— bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, meta dawn tal-aħħar iġorru mill-inqas 1-10 % tal-ispejjeż eliġibbli u għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom;

(ii) ir-riżultati tal-proġett jixxerrdu sew permezz ta' konferenzi, pubblikazzjoni, repożitorji b'aċċess miftuħ, jew permezz ta' softwer b'xejn jew ta' sors miftuħ;

7. L-intensitajiet tal-għajnuna għal studji ta' vijabilità jistgħu jiġu miżjuda b'10 punti perċentwali għal intrapriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal intrapriżi żgħar;

▼M4

*Artikolu 25a*

**Għajnuna għal proġetti mogħtija tikketta ta' kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza**

1. L-għajnuna għall-SMEs għal proġetti ta' riċerka u żvilupp kif ukoll studji ta' fattibbiltà mogħtija tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont il-programm Orizzont 2020 jew il-programm Orizzont Ewropa, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. L-attivitajiet eliġibbli tal-proġett ta' riċerka u żvilupp megħjun jew l-istudju ta' fattibbiltà għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, esklużi attivitajiet li jmorru lil hinn mill-attivitajiet ta' żvilupp sperimentali.

3. Il-kategoriji, l-ammonti massimi u l-metodi tal-kalkolu tal-kostijiet eliġibbli tal-proġett ta' riċerka u żvilupp megħjun jew tal-istudju ta' fattibbiltà għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

4. L-ammont massimu tal-għajnuna ma għandux jaqbeż EUR 2,5 miljun għal kull SME għal kull proġett ta' riċerka u żvilupp jew studju ta' fattibbiltà.

5. Il-finanzjament pubbliku totali pprovdut għal kull proġett ta' riċerka u żvilupp jew studju ta' fattibbiltà ma għandux jaqbeż ir-rata ta' finanzjament stabbilita għal dak il-proġett ta' riċerka u żvilupp jew studju ta' fattibbiltà skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

▼M4

*Artikolu 25b*

**Għajnuna għall-azzjonijiet Maria Skłodowska-Curie u azzjonijiet tal-Prova tal-Kunċett tal-ERC**

1. L-għajnuna għall-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-azzjonijiet tal-Prova tal-Kunċett tal-ERC mogħtija tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont il-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata min-notifika tar-rekwiżit tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. L-attivitajiet eliġibbli tal-azzjoni megħjuna għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

3. Il-kategoriji, l-ammonti massimi u l-metodi tal-kalkolu tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni megħjuna għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

4. Il-finanzjament pubbliku totali pprovdut għal kull azzjoni megħjuna ma għandux jaqbeż il-livell massimu ta' appoġġ previst fil-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

*Artikolu 25c*

**Għajnuna involuta fi proġetti kofinanzjati ta' riċerka u żvilupp**

1. Għajnuna mogħtija lil proġetti kofinanzjati ta' riċerka u żvilupp jew studju ta' fattibbiltà (inklużi proġetti ta' riċerka u żvilupp implimentati taħt Sħubija istituzzjonalizzata Ewropea bbażata fuq l-Artikolu 185 jew l-Artikolu 187 tat-Trattat jew azzjoni kofinanzjata ta' programm, kif definit fir-regoli tal-programm Orizzont Ewropa) li tiġi implimentata minn mill-inqas tliet Stati Membri, jew alternattivament żewġ Stati Membri u mill-inqas pajjiż assoċjat wieħed, u magħżula fuq il-bażi ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni magħmula minn esperti indipendenti wara sejħiet tranżnazzjonali f'konformità mar-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. L-attivitajiet eliġibbli tal-proġett ta' riċerka u żvilupp megħjun jew l-istudju ta' fattibbiltà għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, esklużi attivitajiet li jmorru lil hinn mill-attivitajiet ta' żvilupp sperimentali.

3. Il-kategoriji, l-ammonti massimi u l-metodi tal-kalkolu tal-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

4. Il-finanzjament pubbliku totali pprovdut ma għandux jaqbeż ir-rata ta' finanzjament stabbilita għall-proġett ta' riċerka u żvilupp jew l-istudju ta' fattibbiltà wara l-għażla, il-klassifikazzjoni u l-evalwazzjoni skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

▼M4

5. Il-finanzjament ipprovdut mill-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa għandu jkopri mill-inqas 30 % tal-kostijiet eliġibbli totali ta' azzjoni ta' riċerka u innovazzjoni jew azzjoni ta' innovazzjoni kif definit skont il-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa.

*Artikolu 25d*

**Għajnuna għall-azzjonijiet ta' Ħolqien ta' Timijiet**

1. L-għajnuna mogħtija għall-azzjonijiet kofinanzjati tal-Ħolqien ta' Timijiet, li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri u magħżula fuq il-bażi ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni magħmula minn esperti indipendenti wara sejħiet transnazzjonali skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. L-attivitajiet eliġibbli tal-azzjoni kofinanzjata tal-Ħolqien ta' Timijiet għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa. L-attivitajiet li jmorru lil hinn mill-attivitajiet ta' żvilupp sperimentali huma esklużi.

3. Il-kategoriji, l-ammonti massimi u l-metodi tal-kalkolu tal-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu dawk definiti bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli relatati mal-proġett għandhom ikunu eliġibbli.

4. Il-finanzjament pubbliku totali pprovdut ma għandux jaqbeż ir-rata ta' finanzjament stabbilita għall-azzjoni ta' Ħolqien ta' Timijiet wara l-għażla, il-klassifikazzjoni u l-evalwazzjoni skont ir-regoli tal-programmi Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, għall-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli relatati mal-proġett, l-għajnuna ma għandhiex taqbeż is-70 % tal-kostijiet tal-investiment.

5. Għall-għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi taħt azzjoni ta' Ħolqien ta' Timijiet għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) fejn l-infrastruttura ssegwi attivitajiet kemm ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, il-finanzjament, il-kostijiet u d-dħul ta' kull tip ta' attività għandhom jiġu kkunsidrati separatament fuq il-bażi ta' prinċipji ta' kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli;

(b) il-prezz mitlub għall-operat jew għall-użu tal-infrastruttura għandu jikkorrispondi għal prezz tas-suq;

(c) l-aċċess għall-infrastruttura għandu jkun miftuħ għal diversi utenti u jingħata fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja. L-impriżi li jkunu ffinanzjaw mill-inqas 10 % tal-kostijiet tal-investiment tal-infrastruttura jistgħu jingħataw aċċess preferenzjali taħt kundizzjonijiet aktar favorevoli. Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, tali aċċess għandu jkun proporzjonali għall-kontribuzzjoni tal-impriża għall-kostijiet tal-investiment u dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku;

▼M4

(d) fejn l-infrastruttura tirċievi finanzjament pubbliku kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal attivitajiet mhux ekonomiċi, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta’ monitoraġġ u ta’ rkupru sabiex jiżguraw li l-intensità tal-għajnuna applikabbli ma tinqabiżx bħala riżultat ta’ żieda fis-sehem tal-attivitajiet ekonomiċi meta mqabbla mas-sitwazzjoni prevista fiż-żmien tal-għoti tal-għajnuna.

▼B

*Artikolu 26*

**L-għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi ta' riċerka**

1. L-għajnuna għall-bini jew it-titjib ta' infrastrutturi ta' riċerka li jwettqu attivitajiet ekonomiċi tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. Meta infrastuttura tar-riċerka twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll oħrajn li mhumiex, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul rispettivi tagħhom iridu jitqiesu b'mod separat abbażi ta' prinċipji ta' kontabbiltà tal-ispejjeż applikati b'mod konsistenti u ġustifikabbli b'mod oġġettiv.

3. Il-prezz mitlub għat-tħaddim jew l-użu tal-infrastruttura jkun jikkorrispondi għall-prezz tas-suq.

4. L-aċċess għall-infrastruttura jkun miftuħ għal diversi utenti u jingħata fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja. L-intrapriżi li jkunu ffinanzjaw mill-inqas 10 % tal-ispejjeż tal-investiment tal-infrastruttura jistgħu jingħataw aċċess preferenzjali b'kundizzjonijiet aktar favorevoli. Biex jiġi evitat kumpens żejjed, tali aċċess ikun proporzjonali għall-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-investiment tal-intrapriża u dawn il-kundizzjonijiet jkunu disponibbli pubblikament.

5. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-investiment f'assi intanġibbli u tanġibbli.

6. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

7. Meta infrastruttura tar-riċerka tirċievi finanzjament pubbliku kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll dawk mhux ekonomiċi, l-Istati Membri jimplimentaw mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru biex jiġi żgurat li l-intensità ta' għajnuna applikabbli ma tinqabiżx bħala riżultat ta' żieda fil-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi meta mqabbla mas-sitwazzjoni prevista fiż-żmien tal-għoti tal-għajnuna.

*Artikolu 27*

**Għajnuna għar-ragruppamenti ta' innovazzjoni**

1. Għajnuna għal ragruppamenti tal-innovazzjoni tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. Għajnuna għal ragruppamenti ta' innovazzjoni tingħata esklussivament lill-entità legali li tkun qed topera r-ragruppament ta' innovazzjoni (l-organizzazzjoni tar-ragruppament).

▼B

3. L-aċċess għal bini, faċilitajiet u l-attivitajiet tar-ragruppament jiġu pprovduti lil diversi utenti fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja. L-intrapriżi li jkunu ffinanzjaw mill-inqas 10 % tal-ispejjeż tal-investiment tar-ragruppamenti ta' innovazzjoni jistgħu jingħataw aċċess preferenzjali b'kundizzjonijiet aktar favorevoli. Biex jiġi evitat kumpens żejjed, tali aċċess ikun proporzjonali għall-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-investiment tal-intrapriża u dawn il-kundizzjonijiet jkunu disponibbli pubblikament.

4. It-tariffi mitluba għall-użu tal-faċilitajiet tar-ragruppament u għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppament jikkorrispondu mal-prezz tas-suq jew jirriflettu l-ispejjeż tagħhom.

5. L-għajnuna għall-investiment tista' tingħata għall-kostruzzjoni jew għat-titjib tar-ragruppament ta' innovazzjoni. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-investiment f'assi intanġibbli u tanġibbli.

6. L-intensità tal-għajnuna għall-investiment tar-ragruppamenti tal-innnovazzjoni ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għal ragruppamenti tal-innovazzjoni li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċent-wali għal ragruppamenti tal-innovazzjoni li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

7. L-għajnuna operatorja tista' tingħata għall-operat tar-ragruppamenti ta' innovazzjoni. Din ma tkunx taqbeż l-għaxar snin.

8. L-ispejjeż eliġibbli ta' għajnuna operatorja għal ragruppamenti ta' innovazzjoni huma l-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal (inklużi spejjeż ġenerali) li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) l-animazzjoni tar-ragruppament biex jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni, il-qsim tal-informazzjoni u d-dispożizzjoni jew id-direzzjoni ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u personalizzati għan-negozju;

(b) ir-riklamar tar-ragruppament biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' intra-priżi ġodda jew organizzazzjonijiet u biex tiżdied il-viżibilità;

(c) il-ġestjoni tal-faċilitajiet tar-ragruppament; l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi biex jiġu appoġġati l-qsim tal-għarfien u n-networking u l-kooperazzjoni transnazzjonali.

9. L-intensità tal-għajnuna għall-għajnuna operatorja ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż totali eliġibbli matul il-perjodu li fih tingħata l-għajnuna.

*Artikolu 28*

**L-għajnuna għall-innovazzjoni lill-SMEs**

1. L-għajnuna għall-innovazzjoni lill-SMEs tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżen-tata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I:

▼B

2. L-ispejjeż eliġibbli huma dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż għall-kisba, għall-validazzjoni u għad-difiża ta' privattivi u assi intanġibbli oħrajn;

(b) l-ispejjeż għall-issekondar ta' persunal bi kwalifiki għolja minn organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien jew intrapriża kbira, li jaħdmu fuq l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni f'funzjoni li għadha kif tkun ġiet maħluqa fi ħdan il-benefiċjarju u li ma jiħdux post persunal ieħor;

(c) l-ispejjeż għal servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ;

3. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

4. Fil-każ partikolari għal għajnuna għal servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ, l-intensità ta' għajnuna tista' tiżdied sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli sakemm l-ammont totali ta' għajnuna għal servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ ma taqbiżx il-EUR 200 000 għal kull intrapriża f'xi perjodu ta' tliet snin.

*Artikolu 29*

**L-għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni**

1. L-għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-għajnuna lil intrapriżi kbar tkun eliġibbli biss jekk jikkollaboraw b'mod effettiv ma' SMEs fl-attività megħjuna u jekk l-SMEs li jkunu qed jikkollaboraw iħallsu mill-inqas 30 % tal-ispejjeż totali eliġibbli.

3. L-ispejjeż eliġibbli jkunu dawn li ġejjin:

(a) spejjeż tal-persunal;

(b) l-ispejjeż tal-istrumenti, it-tagħmir, il-bini u l-art sal-punt li huma użati għall-proġett u għall-perjodu meta huma użati għall-proġett;

(c) l-ispejjeż tar-riċerka kuntrattwali, għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni b'kundizzjonijiet distakkati;

(d) l-ispejjeż ġenerali addizzjonali u operattivi oħrajn, li jinkludu l-ispejjeż ta' materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett.

4. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-15 % tal-ispejjeż eliġibbli għal intrapriżi kbar u l-50 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-SMEs.

▼B

*Artikolu 30*

**Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura**

1. L-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. Il-proġett ta' riċerka jkun ta' interess għall-intrapriżi kollha fis-settur partikolari jew fis-subsettur ikkonċernat.

3. Qabel id-data tal-bidu tal-proġett megħjun l-informazzjoni li ġejja tiġi ppubblikata fuq l-Internet:

(a) li l-proġett megħjun se jitwettaq;

(b) l-għanijiet tal-proġett megħjun;

(c) id-data għall-pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun u l-post tal-pubblikazzjoni tagħha fuq l-Internet;

(d) referenza li r-riżultati tal-proġett megħjun huma disponibbli għall-intrapriżi kollha attivi fis-settur agrikolu partikolari jew is-subsettur ikkonċernat mingħajr ebda spiża.

4. Ir-riżultati tal-proġett megħjun jkunu disponibbli fuq l-Internet mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun jew id-data li fiha kull informazzjoni dwar dawn ir-riżultati tingħata lill-membri ta' xi organizzazzjoni partikolari, liema minnhom tiġi l-ewwel. Ir-riżultati se jibqgħu disponibbli fuq l-Internet għal perjodu ta' mill-inqas 5 snin li jibda mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun.

5. L-għajnuna tingħata direttament lill-organizzazzjoni tar-riċerka u tat-tixrid tal-għarfien u ma tridx tinvolvi għotja diretta ta' għajnuna mhux relatata mar-riċerka lil intrapriża li tipproduċi, tipproċessa jew tikkummerċjalizza prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura.

6. L-ispejjeż eliġibbli jkunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 25 (3).

7. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*TAQSIMA 5 —*

***Għajnuna għat-taħriġ***

*Artikolu 31*

**Għajnuniet għat-taħriġ**

1. L-għajnuna għat-taħriġ tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. Ma tingħatax għajnuna fejn it-taħriġ jiżgura li l-kumpaniji jikkonformaw mal-istandards obbligatorji nazzjonali dwar it-taħriġ.

▼B

3. L-ispejjeż eliġibbli huma dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-persunal għal min iħarreġ, għas-sigħat li fihom min iħarreġ qed jipparteċipa fit-taħriġ;

▼M1

(b) l-ispejjeż operatorji tal-ħarrieġ u tal-apprendisti relatati direttament mal-proġett ta' taħriġ bħall- ispejjeż tal-ivvjaġġar, materjal u fornituri relatati direttament mal-proġett, id-deprezzament ta' għodda u ta' tagħmir, sakemm jintużaw esklussivament għall-proġett ta' taħriġ;

▼B

(c) l-ispejjeż ta' servizzi ta' konsulenza marbutin mal-proġett ta' taħriġ;

(d) l-ispejjeż tal-persunal tal-apprendisti u l-ispejjeż ġenerali indiretti (spejjeż amministrattivi, kera, spejjeż ġenerali) għas-sigħat li matulhom l-apprendisti jipparteċipaw fit-taħriġ.

4. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli. Din tista' tiżdied, sa intensità ta' għajnuna massima ta' 70 % tal-ispejjeż eliġibbli, kif ġej:

(a) b'10 punti perċentwali jekk it-taħriġ jingħata lil ħaddiema b'diżabilità jew ħaddiema żvantaġġati;

(b) b'10 punti perċentwali jekk l-għajnuna tingħata lil intrapriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali jekk l-għajnuna tingħata lil intrapriżi żgħar;

5. Meta l-għajnuna tingħata fis-settur tat-trasport marittimu, l-intensità ta' għajnuna tista' tiġi miżjuda għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-apprendisti mhumiex membri attivi tal-ekwipaġġ iżda huma supernumerarji abbord; kif ukoll

(b) it-taħriġ isir abbord vapuri li jidhru fir-reġistri tal-Unjoni.

*TAQSIMA 6 —*

***Għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġati u għall-ħaddiema b'diżabilità***

*Artikolu 32*

**Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji ta' pagi**

1. Skemi ta' għajnuna għar-rekluaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati jkunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jkunu eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-pagi matul perjodu massimu ta' 12-il xahar wara r-reklutaġġ ta' ħaddiem żvantaġġat. Meta l-ħaddiem ikkonċernat ikun ħaddiem żvantaġġat serjament, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-pagi fuq perjodu massimu ta' 24 xahar wara r-reklutaġġ.

▼B

3. Meta r-reklutaġġ ma jirrappreżentax żieda netta fin-numru ta' impjegati fl-intrapriża kkonċernata meta mqabbla mal-medja fuq il-perjodu preċedenti ta' tnax-il xahar, il-pożizzjoni jew pożizzjonijiet ikunu tbattlu wara tluq volontarju, diżabilità, irtirar minħabba l-età, tnaqqis voluntarju tal-ħin tax-xogħol jew tkeċċija legali minħabba mġiba ħażina u mhux għaliex m'hemmx xogħol għall-impjegat.

4. Minbarra fil-każ ta' tkeċċija skont il-liġi għal imġiba ħażina, il-ħaddiem żvantaġġat ikun intitolat għal impjieg kontinwu għal perjodu minimu konsistenti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata, jew ma' ftehimiet kollettivi li jirregolaw kuntratti tal-impjieg.

5. Jekk il-perjodu ta' impjieg ikun ta' inqas minn 12-il xahar, jew, fil-każ ta' ħaddiem żvantaġġat serjament, 24 xahar, l-għajnuna għandha titnaqqas pro rata.

6. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 33*

**Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi**

1. L-għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-pagi għal kull perjodu partikolari li matulu l-ħaddiem b'diżabilità jkun qed jiġi impjegat.

3. Meta r-reklutaġġ ma jirrappreżentax żieda netta fin-numru ta' impjegati fl-intrapriża kkonċernata meta mqabbla mal-medja fuq il-perjodu preċedenti ta' tnax-il xahar, il-pożizzjoni jew pożizzjonijiet ikunu tbattlu wara tluq volontarju, diżabilità, irtirar minħabba l-età, tnaqqis voluntarju tal-ħin tax-xogħol jew tkeċċija legali minħabba mġiba ħażina u mhux għaliex m'hemmx xogħol għall-impjegat.

4. Minbarra fil-każ ta' tkeċċija skont il-liġi għal imġiba ħażina, il-ħaddiem għandu jkun intitolat għal impjieg kontinwu għal perjodu minimu konsistenti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata jew ma' ftehimiet kollettivi li jorbtu lill-intrapriża legalment, u li jirregolaw il-kuntratti tal-impjieg.

5. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 34*

**Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità**

1. L-għajnuna għall-kumpens ta' spejjeż addizzjonali għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

▼B

2. L-ispejjeż eliġibbli jkunu dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż għall-adattament tal-bini;

(b) l-ispejjeż biex jiġi impjegat persunal li jqatta' ħinu jassisti l-ħaddiema b'diżabilità, u t-taħriġ ta' dan il-persunal li jassisti l-ħaddiema b'diżabilità;

(c) l-ispejjeż biex jiġi adattat jew jinxtara tagħmir, jew jinxtara u jiġi vvalidat softwer għall-użu tal-ħaddiema b'diżabilità, li jinkludu faċilitajiet teknoloġiċi adattati jew ta' assistenza, li jkunu oltre dawk li l-benefiċjarju kien ikollu jġarrab kieku kien impjega ħaddiema li ma għandhomx diżabilità;

(d) l-ispejjeż direttament marbuta mat-trasport ta' ħaddiema b'diżabbiltà għall-post tax-xogħol, u għal attivitajiet relatati max-xogħol;

(e) l-ispiża ta' paga għas-sigħat li ħaddiem b'diżabilità juża għar-riabilitazzjoni;

(f) meta l-benefiċjarju jipprovdi impjieg protett, l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew l-immodernizzar tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-intrapriża kkonċernata, u kull spiża ta' amministrazzjoni u ta' trasport li jirriżultaw direttament mill-impjieg tal-ħaddiema b'diżabilità.

3. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 35*

**Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati**

1. Għajnuna għall-kumpens tal- ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż ta':

(a) l-impjieg ta' persunal unikament għall-ħin użat biex tingħata assistenza lil ħaddiema żvantaġġati tul perjodu massimu ta' 12-il xahar wara r-reklutaġġ ta' ħaddiem żvantaġġat jew tul perjodu massimu ta' 24 xahar wara r-reklutaġġ ta' ħaddiem żvantaġġat serjament;

(b) taħriġ għal tali persunal biex jassisti lill-ħaddiema żvantaġġati.

3. L-assistenza pprovduta tikkonsisti f'miżuri biex jappoġġaw l-awtonomija tal-ħaddiem żvantaġġat u l-adattament għall-ambjent tax-xogħol, billi jakkumpanjaw lill-ħaddiem fi proċeduri soċjali u amministrattivi, fl-iffaċilitar tal-komunikazzjoni mal-imprenditur u l-ġestjoni tal-kunflitti.

4. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

▼B

*TAQSIMA 7 —*

***Għajnuna għall-protezzjoni ambjentali***

*Artikolu 36*

**Għajnuna għall-investiment li tippermetti lill-intrapriżi jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali jew jgħollu l-livell tal-protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-UE**

1. L-għajnuna għall-investiment li tgħin lill-intrapriżi biex imorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali jew biex iżidu l-livell tal-protezzjoni ambjentali fin-nuqqas tal-istandards tal-Unjoni tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-investiment jissodisfa waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) jgħin lill-benefiċjarju biex jgħolli l-livell ta' protezzjoni ambjentali li jirriżulta mill-attivitajiet tiegħu billi jmur lil hinn mill-istandards applikabbli tal-Unjoni, irrispettivament mill-preżenza ta' standards nazzjonali obbligatorji li jkunu aktar stretti mill-istandards tal-Unjoni;

(b) jgħin lill-benefiċjarju biex jgħolli l-livell tal-protezzjoni ambjentali li jirriżulta mill-attivitajiet tiegħu fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni.

3. Tista' ma tingħatax għajnuna meta l-investimenti huma mwettqa biex jiżguraw li l-intrapriżi jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li diġà ġew adottati u li għadhom mhumiex fis-seħħ. u li ma jkunux għadhom daħlu fis-seħħ.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-għajnuna tista' tingħata għal

(a) xiri ta' vetturi ġodda tat-trasport għat-triq, għal-linji tal-ferrovija, għall-passaġġ fuq l-ilma intern u għat-trasport marittimu konformi ma' standards tal-UE, diment li tali akkwist iseħħ qabel ma dawn l-istandards jidħlu fis-seħħ u li, ladarba jkunu obbligatorji, ma jkunux japplikaw għal vetturi li nxtraw qabel din id-data.

(b) operazzjonijiet ta' adattament tal-vetturi eżistenti tat-trasport għat-triq, għal-linji tal-ferrovija, il-passaġġ fuq l-ilma intern u għat-trasport marittimu, diment li l-istandards tal-Unjoni ma kinux għadhom fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-vetturi u li, ladarba jkunu obbligatorji, ma japplikawx b'mod retroattiv għal dawn il-vetturi.

5. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż żejda tal-investiment neċessarji biex imorru lil hinn mill-istandards applikabbli tal-Unjoni, jew biex iżidu l-livell tal-protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. Huma jiġu ddeterminati kif ġej:

(a) meta l-ispejjeż għall-investiment fil-protezzjoni ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment fl-ispiża totali għall-investiment bħala investiment separat, din l-ispiża relatata mal-protezzjoni ambjentali tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli;

▼B

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, l-ispejjeż tal-investiment għall-ħarsien ambjentali huma identifikati b'referenza għal livell simili ta' investiment li mhux daqshekk ekoloġiku, li b'mod kredibbli kien kieku jitwettaq mingħajr l-għajnuna. Id-differenza bejn l-ispejjeż taż-żewġ investimenti tidentifika l-ispejjeż relatati mal-protezzjoni ambjentali u tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli.

L-ispejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-kisba tal-livell ogħla ta' ħarsien ambjentali ma jkunux eliġibbli.

6. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-40 % tal-ispejjeż eliġibbli.

7. L-intensità tal-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar.

8. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

▼M4

*Artikolu 36a*

**Għajnuna għall-investiment għal infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi tat-triq b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero**

1. L-għajnuna għat-tnedija ta' infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment ta' fjuwil għall-provvista ta' enerġija lil vetturi tat-triq b'emissjonijiet żero jew emissjonijiet baxxi għall-finijiet tat-trasport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. Dan l-Artikolu għandu jkopri biss l-għajnuna mogħtija għat-tnedija ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil li jipprovdu lill-vetturi bl-elettriku jew bl-idroġenu rinnovabbli għall-finijiet tat-trasport. L-Istat Membru għandu jiżgura li jkun hemm konformità mar-rekwiżit għall-provvista tal-idroġenu rinnovabbli matul il-ħajja ekonomika tal-infrastruttura.

3. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew it-titjib tal-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil. Dawn jistgħu jinkludu l-kostijiet tal-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil innifisha, l-installazzjoni jew it-titjib ta' komponenti elettriċi jew oħrajn, inklużi transformers tal-elettriku li huma meħtieġa għall-konnessjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil mal-grilja jew ma' unità lokali tal-produzzjoni jew tal-ħżin tal-elettriku jew tal-idroġenu, kif ukoll tagħmir tekniku relatat, xogħlijiet tal-inġinerija ċivili, adattamenti tal-art jew tat-toroq, kostijiet tal-installazzjoni u kostijiet għall-kisba ta' permessi relatati. Il-kostijiet tal-produzzjoni lokali jew tal-unitajiet tal-ħażna li jiġġeneraw jew jaħżnu l-elettriku u l-kostijiet tal-unitajiet lokali tal-produzzjoni tal-idroġenu huma esklużi.

▼M4

4. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji u l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

5. L-għajnuna mogħtija lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed ma għandhiex taqbeż l-40 % tal-baġit kumplessiv tal-iskema kkonċernata.

6. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata biss għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew it-titjib tal-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku u li tipprovdi aċċess mhux diskriminatorju lill-utenti, inkluż fir-rigward tat-tariffi, l-awtentikazzjoni u l-metodi ta' pagament u termini u kundizzjonijiet oħra tal-użu.

7. Il-ħtieġa ta' għajnuna biex jiġi inċentivat it-tnedija ta' infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil tal-istess kategorija (pereżempju, għall-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid: enerġija normali jew għolja) għandha tiġi vverifikata permezz ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa *ex ante* jew studju tas-suq indipendenti. B'mod partikolari, għandu jiġi vverifikat li l-ebda infrastruttura bħal din x'aktarx ser tiġi skjerata fuq termini kummerċjali fi żmien tliet snin mill-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna.

8. B'deroga mill-paragrafu 7, il-ħtieġa ta' għajnuna għall-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil tista' tiġi preżunta meta l-vetturi elettriċi tal-batterija (għall-infrastrutturi tal-iċċarġjar mill-ġdid) jew il-vetturi tal-idroġenu (għall-infrastrutturi tar-riforniment tal-fjuwil) jirrappreżentaw rispettivament inqas minn 2 % tal-għadd totali ta' vetturi tal-istess kategorija rreġistrati fl-Istat Membru kkonċernat. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief għandhom jitqiesu bħala parti mill-istess kategorija ta' vetturi.

9. Kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex topera l-infrastruttura appoġġata tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil għandha tiġi assenjata fuq bażi kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja, filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist.

▼B

*Artikolu 37*

**Għajnuna għall-adattament bikri għal standards tal-Unjoni futuri**

1. L-għajnuna li tinkoraġġixxi lill-intrapriżi jikkonformaw ma' standards ġodda tal-Unjoni li jgħollu l-livell ta' protezzjoni ambjentali u li għadhom ma daħlux fis-seħħ tkun kompatibbli mas-suq komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-istandards tal-Unjoni għandhom ikunu ġew adottati u l-investiment għandu jkun ġie implimentat u ffinalizzat mill-anqas sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandard ikkonċernat.

3. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż żejda għall-investiment neċessarji biex imorru lil hinn mill-istandards applikabbli tal-Unjoni. Huma jiġu ddeterminati kif ġej:

▼B

(a) meta l-ispejjeż għall-investiment fil-protezzjoni ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment fl-ispiża totali għall-investiment bħala investiment separat, din l-ispiża relatata mal-protezzjoni ambjentali tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli;

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, l-ispejjeż tal-investiment għall-ħarsien ambjentali huma identifikati b'referenza għal livell simili ta' investiment li mhux daqshekk ekoloġiku, li b'mod kredibbli kien kieku jitwettaq mingħajr l-għajnuna. Id-differenza bejn l-ispejjeż taż-żewġ investimenti tidentifika l-ispejjeż relatati mal-protezzjoni ambjentali u tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli.

L-ispejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-kisba tal-livell ogħla ta' ħarsien ambjentali ma jkunux eliġibbli.

4. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż li ġej:

(a) l-20 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-intrapriżi żgħar, il-15 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-intrapriżi ta' daqs medju u l-10 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-intrapriżi kbar jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni tal-investiment iseħħu aktar minn tliet snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandard il-ġdid tal-Unjoni;

(b) il-15 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-intrapriżi żgħar, l-10 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-intrapriżi ta' daqs medju u l-5 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-intrapriżi kbar jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni tal-investiment iseħħu aktar minn tliet snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandard il-ġdid tal-Unjoni;

5. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

*Artikolu 38*

**Għajnuna għall-investiment għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika**

1. L-għajnuna għall-investiment li tippermetti lill-intrapriżi biex jiksbu effiċjenza enerġetika tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. Għajnuna ma tingħatax skont dan l-Artikolu meta titjib huwa mwettat biex jiżgura li l-intrapriżi jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li diġà ġew adottati, anki jekk għadhom mhumiex fis-seħħ.

▼M4

3. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet addizzjonali tal-investiment meħtieġa biex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija. Dawn għandhom jiġu ddeterminati kif ġej:

(a) fejn il-kostijiet tal-investiment fl-effiċjenza fl-enerġija jistgħu jiġu identifikati fil-kost totali tal-investiment bħala investiment separat, dan il-kost relatat mal-effiċjenza fl-enerġija għandu jikkostitwixxi l-kostijiet eliġibbli;

▼M4

(b) fejn l-investiment ikun relatat mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' (i) bini residenzjali, (ii) bini ddedikat għall-forniment ta' servizzi edukattivi jew soċjali, (iii) bini ddedikat għal attivitajiet relatati mal-amministrazzjoni pubblika jew mal-ġustizzja, il-pulizija jew is-servizzi tat-tifi tan-nar, jew (iv) il-bini msemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) u li fih l-attivitajiet għajr dawk imsemmija f'dawk il-punti jokkupaw inqas minn 35 % tal-erja tal-art interna, il-kostijiet kollha tal-investiment meħtieġa biex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija għandhom jikkostitwixxu l-kostijiet eliġibbli, sakemm it-titjib fl-effiċjenza enerġetika jwassal għal tnaqqis fid-domanda tal-enerġija primarja ta' mill-anqas 20 % fil-każ ta' rinnovazzjoni u ffrankar fl-enerġija primarja ta' mill-anqas 10 % meta mqabbel mal-livell limitu stabbilit għar-rekwiżiti tal-binjiet ta' kważi enerġija żero fil-miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fil-każ ta' binjiet ġodda [1]. Id-domanda inizjali għall-enerġija primarja u t-titjib stmat għandhom jiġu stabbiliti b'referenza għal Ċertifikat tar-Rendiment tal-Enerġija kif definit fl-Artikolu 2(12) tad-Direttiva 2010/31/UE;

(c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kostijiet tal-investiment fl-effiċjenza fl-enerġija għandhom jiġu identifikati b'referenza għal investiment simili u inqas effiċjenti fl-enerġija li kien jitwettaq b'mod kredibbli mingħajr l-għajnuna. Id-differenza bejn il-kostijiet taż-żewġ investimenti tidentifika l-kost relatat mal-effiċjenza enerġetika u tikkostitwixxi l-kostijiet eliġibbli.

Il-kostijiet mhux direttament marbuta mal-kisba ta' livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija ma għandhomx ikunu eliġibbli.

3a. Għall-bini msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b), l-investiment fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini jista' jiġi kkombinat ma' investimenti fi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin jew f'dawn kollha:

(a) impjanti integrati tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post li jiġġeneraw l-elettriku u/jew is-sħana;

(b) tagħmir għall-ħżin tal-enerġija ġġenerata mill-impjant tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post;

(c) it-tagħmir u l-infrastruttura relatata inkorporati fil-bini għall-iċċarġjar mill-ġdid ta' vetturi elettriċi tal-utenti tal-bini;

(d) investimenti għad-diġitalizzazzjoni tal-bini, b'mod partikolari biex jiżdied il-potenzjal ta' intelliġenza tiegħu. L-investimenti eliġibbli jistgħu jinkludu interventi limitati għal wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-*data* u, jekk ikun meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà privata barra l-bini. Il-wajers u l-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà privata huma esklużi.

Fil-każ ta' kwalunkwe xogħol kombinat bħal dan kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (d), il-kost tal-investiment kollu tad-diversi biċċiet ta' tagħmir għandu jikkostitwixxi l-kostijiet eliġibbli.

[1] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

▼M4

L-għajnuna tista' tingħata jew lis-sid(ien) tal-bini jew lill-inkwilin(i), skont min qed jikkummissjona x-xogħlijiet tal-effiċjenza enerġetika.

▼B

4. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-30 % tal-ispejjeż eliġibbli.

5. L-intensità tal-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju.

6. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

▼M4

7. L-għajnuna għall-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tkun marbuta wkoll mal-faċilitazzjoni tal-kuntratti tar-rendiment tal-enerġija suġġetti għall-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-appoġġ jieħu l-forma ta' self jew garanzija lill-fornitur tal-miżuri għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika skont kuntratt għar-rendiment tal-enerġija, jew jikkonsisti fi prodott finanzjarju mmirat biex jiffinanzja mill-ġdid il-fornitur rispettiv (eż. il-fatturament, il-forfaiting);

(b) l-ammont nominali tal-finanzjament pendenti totali pprovdut skont dan il-paragrafu għal kull benefiċjarju ma jaqbiżx EUR 30 miljun;

(c) l-appoġġ jingħata lill-SMEs jew lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;

(d) l-appoġġ huwa pprovdut għall-ikkuntrattar tar-rendiment tal-enerġija skont it-tifsira tal-Artikolu 2, punt (27) tad-Direttiva 2012/27/UE*;

(e) l-ikkuntrattar għar-rendiment tal-enerġija għandu x'jaqsam ma' bini msemmi fil-paragrafu 3, punt (b)

*Artikolu 39*

**Għajnuna għall-investiment għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija fil-bini fil-forma ta' strumenti finanzjarji**

▼B

1. L-għajnuna għall-investiment ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. Eliġibbli għall-għajnuna taħt dan l-Artikolu huma l-proġetti għall-effiċjenza enerġetika relatati mal-bini.

▼M4

2 a. Fejn l-investiment ikun relatat mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' (i) bini residenzjali, (ii) bini ddedikat għall-forniment ta' servizzi edukattivi jew soċjali, iii) bini ddedikat għalattivitajiet relatati mal-amministrazzjoni pubblika jew għal servizzi tal-ġustizzja, tal-pulizija jew tat-tifi tan-nar, jew (iv) bini msemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) u li fih l-attivitajiet għajr dawk imsemmija f'dawk il-punti jokkupaw inqas minn 35 % tal-erja tal-art, il-proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija skont dan l-Artikolu jistgħu jiġu kkombinati wkoll ma' kwalunkwe wieħed mill-investimenti li ġejjin:

(a) impjant integrat tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post li jiġġenera l-elettriku u/jew is-sħana;

(b) tagħmir għall-ħżin tal-enerġija ġġenerata mill-impjant tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post;

(c) it-tagħmir u l-infrastruttura relatata inkorporati fil-bini għall-iċċarġjar mill-ġdid ta' vetturi elettriċi tal-utenti tal-bini;

(d) investimenti għad-diġitalizzazzjoni tal-bini, b'mod partikolari biex jiżdied il-potenzjal ta' intelliġenza tiegħu. L-investimenti eliġibbli jistgħu jinkludu interventi limitati għal wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-*data* u, jekk ikun meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà privata barra l-bini. Il-wajers u l-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà privata huma esklużi.

3. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet globali tal-proġett tal-effiċjenza fl-enerġija, ħlief għall-bini msemmi fil-paragrafu 2a, fejn il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet globali tal-proġett tal-effiċjenza fl-enerġija kif ukoll il-kost tal-investiment tad-diversi biċċiet ta' tagħmir elenkati fil-paragrafu 2a.

4. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' dotazzjoni, ekwità, garanzija jew self lil fond għall-effiċjenza fl-enerġija jew intermedjarju finanzjarju ieħor, li għandu jgħaddiha kemm jista' jkun lill-benefiċjarji finali li jkunu s-sidien jew l-inkwilini tal-bini, fil-forma ta' volumi ogħla ta' finanzjament, rekwiżiti tal-kollateral aktar baxxi, primjums ta' garanzija aktar baxxi jew rati ta' imgħax aktar baxxi.

5. L-għajnuna mogħtija mill-fond għall-effiċjenza fl-enerġija jew minn intermedjarju finanzjarju ieħor lill-proġetti eliġibbli għall-effiċjenza fl-enerġija tista' tieħu l-forma ta' self jew garanziji. Il-valur nominali tas-self jew l-ammont garantit ma għandux jaqbeż EUR 15 miljun għal kull proġett fil-livell tal-benefiċjarji finali, ħlief fil-każ ta' investimenti kombinati msemmija fil-paragrafu 2a, fejn ma għandux jaqbeż EUR 30 miljun. Il-garanzija m'għandhiex taqbeż it-80 % tas-self sottostanti.

▼B

6. Il-ħlas lura mis-sidien tal-bini lill-fond tal-effiċjenza enerġetika jew lill-intermedjarju finanzjarju ieħor ma jkunx inqas mill-valur nominali tas-self.

7. L-għajnuna għall-effiċjenza enerġetika tingrana aktar investiment minn investituri privati li jilħaq mill-inqas it-30 % tal-finanzjament totali li jiġi pprovdut għal proġett ta' effiċjenza enerġetika. Meta l-għajnuna hija pprovduta minn fond għall-effiċjenza enerġetika, l-ingranaġġ tal-investiment privat jista' jsir f'livell ta' fond għall-effiċjenza enerġetika u/jew f'livell ta' proġetti għall-effiċjenza enerġetika, biex jintlaħaq l-aggregat minimu ta' 30 % tal-finanzjament totali pprovdut għal proġett ta' effiċjenza enerġetika.

▼B

8. L-Istati Membri jistgħu jwaqqfu fondi għall-effiċjenza enerġetika u/jew jistgħu jużaw intermedjarji finanzjarji meta jipprovdu għajnuna għall-effiċjenza enerġetika. Il-kundizzjonijiet li ġejjin imbagħad iridu jiġu ssodisfati:

(a) Il-Maniġers intermedjarji finanzjarji, kif ukoll il-maniġers ta' fondi għall-effiċjenza enerġetika jiġu magħżula permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja skont il-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali. B'mod partikolari, ma jkunx hemm diskriminazzjoni abbażi tal-post ta' stabbiliment jew tal-inkorporazzjoni tagħhom f'xi Stat Membru. L-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers ta' fondi għall-effiċjenza enerġetika jistgħu jiġu mitluba biex jissodisfaw kriterji predefiniti oġġettivament iġġustifikati minn-natura tal-investimenti;

(b) L-investituri privati jiġu magħżula permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja u skont il-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, mmirata lejn it-twaqqif ta' arranġamenti xierqa ta' qsim tar-riskji u l-benefiċċji fejn, għal investimenti li mhumiex garanziji, l-qsim asimmetriku tal-profitt jingħata preferenza fuq il-protezzjoni minn ċaqliq 'l isfel, għall-investimenti aktar milli għall-garanziji. Jekk l-investituri privati ma jintgħażlux b'tali sejħa, ir-rata ta' redditu ġust għall-investituri privati tiġi stabbilita minn espert indipendenti magħżul permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja;

(c) Fil-każ ta' qsim asimettriku tat-telf bejn investituri pubbliċi u dawk privati, l-ewwel telf li jsir minn investitur pubbliku jiġi limitat għal 25 % tal-investiment totali;

(d) Fil-każ ta' garanziji, ir-rata ta' garanzija tkun limitata għal 80 % u t-telf totali li jassumi l-Istat Membru jiġi limitat għal 25 % tal-portafoll iggarantit sottostanti. Garanziji li jkopru t-telf mistenni tal-portafoll iggarantit sottostanti biss jistgħu jiġu pprovduti b'xejn. Jekk garanzija tkun tkopri t-telf mhux mistenni, l-intermedjarju finanzjarju jħallas għal dik il-parti tal-garanzija li tkopri t-telf mhux mistenni, primjum ta' garanzija konformi mas-suq;

(e) L-investituri jitħallew jiġu rrappreżentati f'korpi ta' governanza tal-fond għall-effiċjenza enerġetika jew intermedjarju finanzjarju, bħall-bord ta' sorveljanza jew il-kumitat konsultattiv;

(f) Il-fond għall-effiċjenza enerġetika jew l-intermedjarju finanzjarju jiġu stabbiliti skont il-liġijiet applikabbli u l-Istat Membru jipprovdi għal proċess ta' diliġenza dovuta biex jiżgura strateġija ta' investiment kummerċjalment soda għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' għajnuna għall-effiċjenza enerġetika;

9. L-intermedjarji finanzjarji, inklużi fondi għall-effiċjenza enerġetika jiġu ġestiti fuq bażi kummerċjali u jiżguraw deċiżjonijiet finanzjarji xprunati mill-qligħ. Dan huwa l-każ meta l-intermedjarju finanzjarju u, kif jista' jkun il-każ, il-maniġers tal-fond tal-effiċjenza enerġetika jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) huma obbligati bil-liġi jew b'kuntratt biex jaġixxu bid-diliġenza ta' maniġer professjonali ta' rieda tajba u mingħajr kunflitti ta' interess; l-aħjar prattiki u s-sorveljanza regolatorja japplikaw;

(b) ir-rimunerazzjoni tagħhom tikkonforma mal-prattiki tas-suq. Dan ir-rekwiżit jitqies li ntlaħaq meta jintgħażel maniġer permezz ta' sejħa kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, ibbażata fuq kriterji oġġettivi marbuta mal-esperjenza, il-kompetenza u l-kapaċità operatorja u finanzjarja;

(c) huma jirċievu remunerazzjoni marbuta mal-prestazzjoni, jew jaqsmu parti mir-riskji tal-investiment billi jikkoinvestu r-riżorsi tagħhom biex jiġi żgurat li l-interessi tagħhom huma permanentement allinjati mal-interessi tal-investitur pubbliku;

(d) huma jistabbilixxu strateġija ta' investiment, kriterji u l-għażla taż-żmien li pproponew għall-investiment fi proġetti għall-effiċjenza enerġetika, u jistabbilixxu l-vijabilità finanzjarja *ex-ante* u l-impatt mistenni tagħhom fuq l-effiċjenza enerġetika.

(e) strateġija ta' ħruġ ċara u realistika teżisti għall-fondi pubbliċi investiti fil-fond tal-effiċjenza enerġetika jew mogħtija lill-intermedjarju finanzjarju, li tippermetti lis-suq biex jiffinanzja proġetti għall-effiċjenza enerġetika meta s-suq ikun lest li jagħmel dan.

10. Titjib fl-effiċjenza enerġetika mwettaq biex jiżgura li l-benefiċjarju jikkonforma mal-istandards tal-Unjoni li diġà ġew adottati ma jkunx eżentat mir-rekwiżit ta' notifika skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 40*

**Għajnuna għall-investiment għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja**

1. L-għajnuna għall-investiment għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna għall-investiment tingħata biss għall-kapaċitajiet li jkunu għadhom kif ġew installati jew rinnovati.

3. Unità ġdida ta' koġenerazzjoni tipprovdi ffrankar ġenerali tal-enerġija primarja meta kkumparata ma' produzzjoni separata ta' tisħin u elettriku kif previst mid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza enerġetika, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE ([1]). It-titjib ta' unità ta' koġenerazzjoni eżistenti jew il-konverżjoni ta' unità eżistenti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija f'unità ta' koġenerazzjoni jwasslu għall-iffrankar ta' enerġija primarja meta mqabblin mas-sitwazzjoni oriġinali.

([1]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

▼B

4. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż żejda tal-investiment għat-tagħmir meħtieġ għall-istallazzjoni biex tkun tista' topera bħala istallazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, meta kkumparata ma' stallazzjonijiet tal-elettriku u tat-tisħin konvenzjonali tal-istess kapaċità jew l-ispejjeż żejda tal-investiment biex istallazzjoni eżistenti jtejjbu l-effiċjenza tagħha meta din diġà tissodisfa l-limitu ta' effiċjenza għolja.

5. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-45 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-intensità tal-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju.

6. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

*Artikolu 41*

**L-għajnuna għall-investiment għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli**

1. L-għajnuna għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna għall-produzzjoni ta' bijofjuwils għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika biss diment li l-investimenti jintużaw esklussivament għall-produzzjoni ta' bijofjuwils sostenibbli li mhumiex magħmula mill-ikel. Madankollu, għajnuna għall-investiment biex tikkonverti impjanti eżistenti tal-bijofjuwil magħmul mill-ikel f'impjanti avvanzati tal-bijofjuwil tiġi eżentata skont dan l-Artikolu, dejjem jekk il-produzzjoni magħmula mill-ikel titnaqqas proporzjonalment mal-kapaċità l-ġdida.

3. L-għajnuna ma tingħatax lil bijofjuwils li huma soġġetti għal obbligu ta' provvista jew taħlit.

4. Ma tingħatax għajnuna għal istallazzjonijiet idroelettriċi li ma jikkonformawx mad- Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew.

5. L-għajnuna għall-investiment tingħata lil istallazzjonijiet ġodda biss. Ebda għajnuna ma tingħata jew tkun imħallsa wara li l-istallazzjoni tkun bdiet topera u l-għajnuna tkun indipendenti mill-produzzjoni.

6. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż żejda għall-investiment meħtieġa biex tkun promossal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Għandhom jiġu ddeterminati kif ġej:

(a) meta l-ispejjeż għall-investiment fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jkunu jistgħu jiġu identifikati fl-ispiża totali għall-investiment bħala investiment separat, bħal pereżempju "komponent miżjud" li huwa faċilment identifikabbli ma' faċilità pre eżistenti, l-ispejjeż relatati mal-enerġija rinnovabbli jikkostitwixxu l-ispejjeż eliġibbli;

▼B

(b) meta l-ispejjeż għall-investiment fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jistgħu jkunu identifikati permezz ta' referenza għal investiment simili u mhux daqshekk ekoloġiku li b'mod kredibbli kien kieku jitwettaq mingħajr l-għajnuna, din id-differenza bejn l-ispejjeż taż-żewġ investimenti tidentifika l-ispejjeż relatati mal-enerġija rinnovabbli u tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbi;

(c) għal ċerti istallazzjonijiet żgħar fejn investiment mhux daqshekk ekoloġiku ma jistax jiġi stabbilit hekk kif impjanti ta' daqs limitat ma jeżistux, l-ispejjeż totali tal-investiment għall-ksib ta' livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali jikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli.

L-ispejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-kisba tal-livell ogħla ta' ħarsien ambjentali ma jkunux eliġibbli.

7. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx:

(a) il-45 % tal-ispejjeż eliġibbli jekk l-ispejjeż eliġibbli huma kkalkulati abbażi tal-punt (6)(a) jew il-punt (6)(b);

(b) it-30 % tal-ispejjeż eliġibbli jekk l-ispejjeż eliġibbli huma kkalkulati abbażi tal-punt punt (6)(c).

8. L-intensità tal-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju.

9. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

10. Meta għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji, l-għajnuna tista' tilħaq il-100 % tal-kostijiet eliġibbli. Tali proċess ta' offerti jkun mhux diskriminatorju u jipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-intrapriżi kollha interessati. Il-baġit relatat mal-proċess ta' offerti jkun restrizzjoni li torbot fis-sens li mhux il-parteċipanti kollha jistgħu jirċievu għajnuna u l-għajnuna tingħata abbażi tal-offerta inizjali ppreżentata mill-offerent, u b'hekk teskludi negozjati sussegwenti.

*Artikolu 42*

**L-għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli**

1. L-għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti abbażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji li jkunu miftuħin għall-ġeneraturi kollha li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq bażi mhux diskriminatorja.

▼B

3. Il-proċess tal-offerti jista' jkun limitat għal teknoloġiji speċifiċi fejn proċess miftuħ għall-ġeneraturi kollha jwassal għal riżultat subottimali li ma jistax jiġi indirizzat fil-proċess tad-disinn minħabba b'mod partikolari:

(i) il-potenzjal f'terminu itwal ta' żmien ta' teknoloġija partikolari ġdida u innovattiva; jew

(ii) il-ħtieġa li tinkiseb diversifikazzjoni; jew

(iii) limitazzjonijiet tan-netwerk u l-istabilità tal-grilja; jew

(iv) l-ispejjeż tas-sistema (integrazzjoni); jew

(v) il-ħtieġa li jkunu evitati d-distorsjonijiet tas-swieq tal-materja prima mill-appoġġ għall-bijomassa

L-Istati Membri jwettqu valutazzjoni ddettaljata dwar l-applikabbiltà ta' dawn il-kondizzjonijiet u jirrappurtawha lill-Kummissjoni skont il-modalitajiet deskritti fl- Artikolu 11 (a).

4. Għajnuna tingħata lil teknoloġiji ġodda u innovattivi tal-enerġija rinnovabbli fi proċess kompetittiv ta' offerti miftuħa għal mill-inqas waħda mit-tali teknoloġija abbażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji. Tali għajnuna ma tingħatax għal aktar minn 5 % f'total tal-kapaċitajiet ġodda tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-sena.

5. L-għajnuna tingħata bħala primjum b'żieda mal-prezz tas-suq li bih il-ġeneraturi jbigħu l-elettriku tagħhom direttament fis-suq.

6. Il-benefiċjarji tal-għajnuna jkunu soġġetti għal responsabbiltajiet standard ta' bilanċjar. Il-benefiċjarji jistgħu jesternalizzaw ir-responsabbiltajiet ta' bilanċjar għand intrapriżi oħrajn, bħal aggregaturi.

7. L-għajnuna ma tingħatax meta l-prezzijiet ikunu negattivi.

8. Għajnuna tista' tingħata fl-assenza ta' proċess kompetittiv ta' offerti kif deskritt fil-paragrafu 2 għal istallazzjonijiet b'kapaċità installata tal-elettriku ta' inqas minn 1 MW għall-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi kollha rinnovabbli ħlief għall-enerġija mir-riħ, meta għajnuna tista' tingħata fl-assenza ta' proċess kompetittiv ta' offerti kif deskritt fil-paragrafu 2 għal istallazzjonijiet b'kapaċità installata tal-elettriku ta' inqas minn 6 MW jew għal istallazzjonijiet b'inqas minn 6 unitajiet ta' produzzjoni. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9, meta l-għajnuna hija mogħtija fl-assenza ta' proċess kompetittiv ta' offerti, il-kundizzjonijiet skont il-paragrafi 5, 6 u 7 jiġu rrispettati. Barra minn hekk, meta l-għajnuna hija mogħtija fl-assenza ta' proċess kompetittiv ta' offerti, il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 43 tal-paragrafi 5, 6 u 7 jkunu applikabbli.

9. Il-kundizzjonijiet skont paragrafi 5, 6 u 7 ma japplikawx għal għajnuna operatorja mogħtija għall-installazzjonijiet b'kapaċità installata tal-elettriku ta' inqas minn 500 kW għall-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi kollha rinnovabbli ħlief għall-enerġija mir-riħ, meta dawn il-kundizzjonijiet ma japplikawx għall-għajnuna operatorja mogħtija lill-istallazzjonijiet b'kapaċità installata tal-elettriku ta' inqas minn 3 MW jew għal istallazzjonijiet b'inqas minn 3 unitajiet ta' produzzjoni.

▼B

10. Bl-iskop li jiġu kkalkulati l-kapaċitajiet massimi t'hawn fuq, imsemmija f'paragrafi 8 u 9, istallazzjonijiet b'punt ta' konnessjoni komuni ma' grilja tal-elettriku jitqiesu bħala installazzjoni waħda.

11. L-għajnuna tingħata biss sakemm l-impjant li jiġġenera l-elettriku minn sorsi rinnovabbli jkun ġie totalment żvalutat skont il-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati. Kull għajnuna għall-investiment li tkun ġiet riċevuta trid titnaqqas mill-għajnuna operatorja.

*Artikolu 43*

**L-għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'istallazzjonijiet ta' skala żgħira**

1. L-għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'istallazzjonijiet ta' skala żgħira tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna tingħata lill-istallazzjonijiet b'kapaċità installata tal-elettriku ta' inqas minn 500 kW għall-produzzjoni tal-enerġija mis-sorsi kollha rinnovabbli ħlief għall-enerġija mir-riħ, li għaliha għajnuna tingħata lill-istallazzjonijiet b'kapaċità installata ta' inqas minn 3 MW jew b'inqas minn 3 unitajiet ta' produzzjoni u għal bijofjuwils, li għalihom għajnuna tingħata lill-istallazzjonijiet b'kapaċità installata ta' inqas minn 50,000 tunnellata fis-sena. Bl-iskop li jiġu kkalkulati dawn il-kapaċitajiet massimi, istallazzjonijiet ta' skala żgħira b'punt ta' konnessjoni komuni ma' grilja tal-elettriku jitqiesu bħala istallazzjoni waħda.

3. L-għajnuna tingħata biss lill-istallazzjonijiet li jipproduċu bijofjuwils sostenibbli li mhumiex magħmula mill-ikel. Madankollu, l-għanuna operatorja għal impjanti li jipproduċu bijofjuwils magħmula mill-ikel li bdew l-operat tagħhom qabel il-31 ta' Diċembru 2013 u għadhom mhumiex deprezzati għal kollox jiġu eżentati skont dan l-Artikolu iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-2020.

4. L-għajnuna ma tingħatax lil bijofjuwils li huma soġġetti għal obbligu ta' provvista jew taħlit.

5. L-għajnuna għal kull unità ta' enerġija ma taqbiżx id-differenza bejn l-ispejjeż totali llivellati tal-produzzjoni ta' enerġija mis-sorsi rinnovabbli inkwistjoni u l-prezz tas-suq fil-forma tal-enerġija kkonċernata. L-ispejjeż illivellati jkunu aġġornati regolarment u minn tal-inqas kull sena.

6. Ir-rata massima ta' redditu użata għall-kalkolu tal-ispejjeż illivellati ma taqbiżx l-iswap tar-rati rilevanti flimkien ma' primjum ta' 100 punti bażi. L-iswap tar-rati rilevanti jkun l-iswap tar-rati ta' bejn il-valuti li fih tingħata l-għajnuna għal maturità li tirrifletti l-perjodu ta' deprezzament tal-istallazzjonijiet appoġġati.

7. L-għajnuna tingħata biss sakemm l-installazzjoni tkun ġiet totalment żvalutata skont il-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati. Kull għajnuna ta' investiment mogħtija għall-installazzjoni titnaqqas mill-għajnuna operatorja.

▼B

*Artikolu 44*

**Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva 2003/96/KE**

1. L-iskemi ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 għar-ristrutturar tal-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku ([1]) jkunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jkunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. Il-benefiċjarji tat-tnaqqis fit-taxxi jiġu magħżula abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi u jħallsu għall-inqas il-livell minimu rispettiv ta' tassazzjoni kif stabbilit mid-Direttiva 2003/96/KE.

3. Skemi ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi jkunu bbażati fuq tnaqqis ta' rata tat-taxxa ambjentali jew fuq il-ħlas ta' ammont ta' kumpens fiss jew fuq kombinament ta' dawn il-mekkaniżmi.

4. L-għajnuna ma tingħatax lil bijofjuwils li huma soġġetti għal obbligu ta' provvista jew taħlit.

*Artikolu 45*

**Għajnuna għall-investiment għar-rimedjar ta' siti kkontaminati**

1. L-għajnuna għall-investiment għal intrapriżi li jsewwu ħsara ambjentali billi jirranġaw siti kkontaminati tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-investiment jwassal għat-tiswija tal-ħsara ambjentali, inkluża ħsara fil-kwalità tal-ħamrija jew tal-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ.

3. Meta l-persuna legali jew fiżika responsabbli għall-ħsara ambjentali skont il-liġi applikabbli f'kull Stat Membru mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni f'din il-kwistjoni — b'mod partikolari d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà fir-rigward tal-prevenzjoni u r-remedjar tal-ħsara ambjentali ([2]) kif emendata mid-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-ġestjoni tal-iskart minn industriji estrattivi ([3]), id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/ŻEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE,

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.
([3]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1

▼B

2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 ([1]) u d-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar is-sigurtà tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([2]) — tiġi identifikata, dik il-persuna għandha tiffinanzja r-rimedju b'konformità mal-prinċipju the “min iniġġeż iħallas”, u ebda għajnuna mill-Istat ma tingħata. Meta l-persuna responsabbli taħt il-liġi applikabbli ma tkunx ġiet identifikata jew ma tkunx tista' tagħmel tajjeb għall-ispiża, il-persuna responsabbli għar-rimedjar jew għax-xogħol kontra l-kontaminazzjoni tista' tirċievi għajnuna mill-Istat.

4. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż imġarrba għal xogħol ta' rimedjar, mingħajr iż-żieda fil-valur tal-art. L-ispejjeż kollha mġarrba minn intrapriża għar-rimedjar tas-sit tagħha, kemm jekk din l-ispiża tista' tidher bħala assi fissi fil-karta tal-bilanċ tagħha kif ukoll jekk le, jistgħu jiġu kklassifikati bħala investiment eliġibbli fil-każ tar-rimedjar ta' siti kkontaminati.

5. L-evalwazzjonijiet taż-żieda fil-valur tal-art li tirriżulta minn rimedjar, jitwettaq minn espert indipendenti.

6. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 46*

**Għajnuna għall-investiment għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali**

1. L-għajnuna għall-investiment għall-installazzjoni ta' sistema għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-ispejjeż eliġibbli għall-impjant ta' produzzjoni jkunu l-ispejjeż żejda meħtieġ għall-bini, l-espansjoni, ir-rinnovazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-unitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li joperaw bħala sistema għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali kkumparati ma' impjant ta' produzzjoni tradizzjonali. L-investiment ikun parti integrali mis-sistema għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali

3. L-intensità tal-għajnuna għall-impjant ta' produzzjoni ma taqbiżx il-45 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju.

4. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114
([2]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66.

▼B

5. L-ispejjeż eliġibbli għan-netwerk ta' distribuzzjoni jkunu l-ispejjeż tal-investiment.

6. L-ammont ta' għajnuna għan-netwerk ta' distribuzzjoni ma jaqbiżx id-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u l-introjtu operatorju. L-introjtu operatorju jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli *ex-ante* jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

*Artikolu 47*

**Għajnuna għall-investiment għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart**

1. L-għajnuna għall-investiment għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna għall-investiment tkun mogħtija għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart iġġenerat minn intrapriżi oħrajn.

3. Il-materjal irriċiklat jew użat mill-ġdid altrimenti ttrattat jitneħħa, jew jiġi ttrattat b'mod li mhux daqshekk ekoloġiku. Għajnuna għal operazzjonijiet għall-irkupru tal-iskart li mhijiex riċiklaġġ ma tkunx eżentata bħala kategorija skont dan l-Artikolu.

4. L-għajnuna ma teżentax b'mod indirett lil min iniġġes mill-piżijiet li għandhom jinġarru minnu skont il-liġi tal-Unjoni, jew minn piż li għandu jitqies bħala spiża normali azjendali għal min iniġġes.

5. L-investiment ma jillimitax ruħu għal żieda fid-domanda ta' riċiklaġġ tal-materjal mingħajr ma jżid il-ġbir ta' dak il-materjal.

6. L-investiment imur lil hinn mill-ogħla livell.

7. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż żejda tal-investiment meħtieġa biex jitwettaq investiment li jwassal għal attivitajiet ta' riċiklaġġ aħjar jew iktar effiċjenti jew użu mill-ġdid ikkumparati ma' proċess konvenzjonali ta' attivitajiet ta' riċiklaġġ jew użu mill-ġdid bl-istess kapaċità li jkunu mibnija fin-nuqqas tal-għajnuna.

8. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-35 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju.

9. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

10. L-għajnuna għal investimenti marbuta mar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart tal-benefiċjarju stess ma tkunx eżentata mir-rekwiżit ta' notifika skont dan l-Artikolu.

▼B

*Artikolu 48*

**Għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-enerġija**

1. L-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni jew it-titjib ta' infrastrutturi tal-enerġija tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-għajnuna tingħata għall-infrastruttura tal-enerġija li tinsab f'żoni megħjuna.

3. L-infrastruttura tal-enerġija tkun soġġetta għar-regolamentazzjoni sħiħa dwar l-aċċess u t-tariffi skont il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija.

4. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-investiment.

5. L-ammont ta' għajnuna ma jaqbiżx id-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u l-introjtu operatorju tal-investiment. L-introjtu operatorju jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli *ex-ante* jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

6. L-għajnuna għall-investimenti fi proġetti ta' ħżin tal-elettriku u l-gass u l-infrastruttura taż-żejt ma jkunux eżentati mir-rekwiżit ta' notifika skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 49*

**Għajnuna għall-istudji ambjentali**

1. L-għajnuna għall-istudji, inkluż l-awditjar tal-enerġija, direttament marbuta mal-investimenti msemmija f'din it-Taqsima tkun kompatibbi mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-istudji msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

4. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied b'20 punt perċentwali għal studji li jsiru f'isem intrapriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal studji li jsiru f'isem inrtapriżi ta' daqs medju.

5. L-għajnuna ma tingħatax lil intrapriżi kbar għal awditjar tal-enerġija imwettqa skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE, sakemm l-awditjar tal-enerġija jitwettaq flimkien mal-awditjar mandatorju tal-enerġija skont din id-Direttiva.

▼B

*TAQSIMA 8 —*

***Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn ċerti diżastri naturali***

*Artikolu 50*

**L-iskemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali**

1. L-iskemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn terremoti, valangi, uqigħ tal-art, għargħar, trombi tal-arja, uragani, vulkani li jiżbruffaw u nirien f'boskijiet ta' oriġini naturali, ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat u jkunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-għajnuna tingħata skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ta' Stat Membru jkunu rrikonoxxew formalment il-karattru tal-avveniment bħala diżastru naturali; kif ukoll

(b) l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn id-diżastru naturali u d-danni sofferti mill-intrapriża affettwata.

3. Skemi ta' għajnuna relatati ma' diżastru naturali speċifiku jkunu introdotti fi żmien tliet snin wara l-okkorrenza tal-avveniment. L-għajnuna abbażi ta' dawn l-iskemi tingħata fi żmien erba' snin mill-okkorrenza tal-avveniment.

4. L-ispejjeż li rriżultaw mill-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali, kif ivvalutata minn konsulent indipendenti rikonoxxut minn awtorità nazzjonali kompetenti jew minn intrapriża tal-assigurazzjoni jkunu spejjeż eliġibbli. Tali ħsara tista' tinkludi ħsara materjali f'assi bħal pereżempju bini, tagħmir, makkinarju jew stokks u telf ta' dħul minħabba s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-attività għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur minn meta seħħ id-diżastru. Il-kalkolu tal-ħsara tal-materjal tkun ibbażata fuq l-ispiża għat-tiswijiet jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwati qabel id-diżastru. Ma jaqbiżx l-ispiża għat-tiswijiet jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ekwu kkawżat mid-diżastru, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà immedjatament qabel u immedjatament wara li jseħħ id-diżastru. Telf ta' dħul jiġi kkalkulat abbażi ta' dejta finanzjarja tal-intrapriża affettwata (qligħ qabel imgħax u taxxi (EBIT), deprezzament u spejjeż tax-xogħol relatati biss mal-istabbiliment affettwat mid-diżastru naturali) billi tiġi kkumparata d-dejta finanzjarja għas-sitt xhur wara li jkun seħħ id-diżastru mal-medja ta' tliet snin magħżula fost il-ħames snin ta' qabel ma seħħ id-diżastru (billi jiġu esklużi s-sentejn li taw l-aqwa u l-agħar riżultat finanzjarju) u kkalkulati għall-istess perjodu tas-sena ta' sitt xhur. Il-ħsara tiġi kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

5. L-għajnuna u kull ħlas ieħor mogħti biex jikkumpensaw għall-ħsara, inklużi l-ħlasijiet taħt il-poloz tal-assigurazzjoni, ma jaqbżux il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

▼B

*TAQSIMA 9 —*

***Għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda***

*Artikolu 51*

**L-għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda**

1. L-għajnuna għat-trasport bl-ajru u marittimu tal-passiġġieri tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-għajnuna sħiħa tkun għall-benefiċċju tal-konsumaturi finali li għandhom ir-residenza normali tagħhom f'reġjuni mbiegħda.

3. L-għajnuna tingħata għat-trasport tal-passiġġieri fuq rotta li tgħaqqad ajruport jew port f'reġjun imbiegħed ma' ajruport ieħor jew port f'Żona Ekonomika Ewropea.

4. L-għajnuna tingħata mingħajr diskriminazzjoni dwar l-identità tat-trasportatur jew tip ta' servizz u mingħajr limitu dwar il-post eżatt lejn jew mir-reġjun imbiegħed.

5. L-ispejjeż eliġibbli huma l-prezz ta' biljett bir-ritorn minn jew lejn ir-reġjun imbiegħed, inklużi t-taxxi u t-tariffi kollha fatturati mit-trasportatur lill-konsumatur.

6. L-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*TAQSIMA 10 —*

***Għajnuna għall-infrastrutturi tal-broadband***

▼M4

*Artikolu 52*

**Għajnuna għal networks fissi tal-broadband**

1. L-għajnuna għat-tnedija ta’ network tal-broadband fiss għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet kollha għall-kostruzzjoni, il-ġestjoni u l-operat ta’ network fiss tal-broadband. L-ammont massimu ta’ għajnuna għal proġett għandu jiġi stabbilit abbażi ta’ proċess ta’ għażla kompetittiva kif stabbilit fil-paragrafu 6, il-punt (a). Fejn investiment jitwettaq skont il-paragrafu 6, il-punt (b) mingħajr proċess ta’ għażla kompetittiv, l-ammont ta’ għajnuna ma għandux jaqbeż id-differenza bejn il-kostijiet eliġibbli u l-profitt operattiv tal-investiment. Il-profitt operattiv għandu jitnaqqas mill-kostijiet eliġibbli *ex ante* fuq il-bażi ta’ projezzjonijiet raġonevoli u vverifikati *ex-post* permezz ta’ mekkaniżmu ta’ rkupru.

▼M4

3. It-tipi alternattivi ta' investiment li ġejjin huma eliġibbli:

(a) It-tnedija ta' network tal-broadband fiss biex jiġu konnessi l-unitajiet domestiċi u l-muturi soċjoekonomiċi f'żoni fejn ma jkunx hemm network li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 30 Mbps download (veloċitajiet limitu) preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli li jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess orizzont ta' żmien bħat-tnedija tan-network issussidjat, li m'għandux ikun iqsar minn sentejn. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika skont il-paragrafu 4. Żoni b'mill-anqas network wieħed preżenti jew ippjanat b'mod kredibbli li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 30 Mbps download għandhom jiġu esklużi. In-network megħjun għandu jiżgura mill-inqas l-irduppjar tal-veloċitajiet tad-download u tal-upload meta mqabbel man-networks preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli u għandu jkun kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli mill-inqas veloċitajiet tad-download ta' 30 Mbps (veloċitajiet mira).

(b) It-tnedija ta' network tal-broadband fiss biex jiġu konnessi l-unitajiet domestiċi u l-muturi soċjoekonomiċi f'żoni fejn ma jkunx hemm network li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 100 Mbps download (veloċitajiet limitu) preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli li jiġu implimentati fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess orizzont ta' żmien bħat-tnedija tan-network issussidjat, li m'għandux tkun iqsar minn sentejn. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika skont il-paragrafu 4. Żoni b'network wieħed preżenti jew ippjanat b'mod kredibbli li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 100 Mbps download għandhom jiġu esklużi. In-network megħjun għandu jiżgura mill-inqas l-irduppjar tal-veloċitajiet tad-download u tal-upload meta mqabbel man-networks preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli u għandu jkun kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli mill-inqas veloċitajiet tad-download ta' 300 Mbps u veloċitajiet tal-upload ta' 100 Mbps (veloċitajiet mira).

(c) It-tnedija ta' network tal-broadband fiss biex jiġu konnessi biss il-muturi soċjoekonomiċi f'żoni fejn ikun hemm network wieħed biss li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet tad-download ta' mill-inqas 100 Mbps iżda ta' anqas minn 300 Mbps (veloċitajiet limitu) preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli li jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess orizzont ta' żmien bħat-tnedija tan-network issussidjat, li m'għandux ikun iqsar minn sentejn. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika skont il-paragrafu 4. Żoni b'network ta' mill-inqas wieħed preżenti jew ippjanat b'mod kredibbli li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 300 Mbps download għandhom jiġu esklużi. Żoni b'mill-inqas żewġ networks preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli veloċitajiet tad-download ta' mill-inqas 100 Mbps għandhom jiġu esklużi wkoll. In-network megħjun għandu jiżgura mill-inqas l-irduppjar tal-veloċitajiet tad-download u tal-upload meta mqabbel man-networks preżenti jew li huma ippjanati b'mod kredibbli u għandu jkun kapaċi jipprovdi mill-inqas veloċitajiet tad-download ta' 1 Gbps (veloċitajiet mira) b'mod affidabbli..

4. L-immappjar u l-konsultazzjoni pubblika msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

▼M4

(a) L-immappjar għandu jidentifika ż-żoni ġeografiċi fil-mira previsti li jkunu koperti taħt l-intervent pubbliku u għandu jqis in-networks pubbliċi u privati kollha preżenti li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli l-veloċitajiet limitu identifikati fil-paragrafu 3 skont it-tip ta' investiment. L-immappjar għandu jitwettaq: (i) għal networks purament fissi, fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi u (ii) għan-networks fissi bl-aċċess bla fili, fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi jew abbażi tal-grilji massimi ta' 100x100 metru. Għall-punti (i) u (ii) l-immappjar għandu dejjem jiġi vverifikat permezz ta' konsultazzjoni pubblika;

(b) Il-konsultazzjoni pubblika għandha titwettaq mill-awtorità pubblika kompetenti permezz tal-pubblikazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura ppjanata u l-lista taż-żoni ġeografiċi fil-mira identifikati fl-eżerċizzju tal-immappjar f'konformità mal-punt (a) fuq sit web xieraq (inkluż fil-livell nazzjonali). Il-konsultazzjoni pubblika għandha tistieden lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-miżura u jressqu informazzjoni sostanzjata skont il-punt (a) rigward in-networks tagħhom li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli l-veloċitajiet limitu stabbiliti fil-paragrafu 3 fiż-żona fil-mira li huma preżenti jew li huma ppjanati b'mod kredibbli li se jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata. Jekk l-awtorità awtorizzanti tieħu perjodu ta' żmien iqsar jew itwal minn tliet snin għat-tnedija tal-infrastruttura sussidjata, l-istess perjodu ta' żmien, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, irid jintuża wkoll biex jiġi vvalutat jekk in-networks imsemmija fis-sentenza preċedenti humiex ippjanati b'mod kredibbli li jiġu mnedija. Il-konsultazzjoni pubblika għandha ddum mill-inqas 30 jum.

5. Il-proġett megħjun għandu jġib titjib sinifikanti (qabża sostanzjali) meta mqabbel man-networks preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli li jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess perjodu ta' żmien bħat-tnedija tan-network sussidjat, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, f'konformità mal-paragrafu 4. Issir qabża sostanzjali 'l quddiem jekk, bħala riżultat tal-intervent sussidjat, isir investiment sinifikanti ġdid fin-network tal-broadband u n-network sussidjat iġib miegħu kapaċitajiet sinifikanti ġodda fis-suq f'termini ta' disponibbiltà u kapaċità tas-servizz tal-aċċess tal-Internet bil-broadband, veloċitajiet u kompetizzjoni mqabbla man-networks attwali jew li huma ippjanati b'mod kredibbli. Il-proġett għandu jinkludi investimenti sostanzjali f'infrastruttura passiva li jmorru lil hinn mill-investimenti marġinali relatati sempliċement mat-titjib tal-elementi attivi tan-network.

6. L-għajnuna għandha tingħata kif ġej:

(a) l-għajnuna għandha tiġi allokata lill-fornituri tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi abbażi ta' proċedura tal-għażla kompetittiva miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja f'konformità mal-prinċipji tar-regoli tal-akkwist pubbliku u li tirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku, abbażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Għall-finijiet tal-proċedura tal-għażla kompetittiva, l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha tistabbilixxi minn qabel kriterji tal-għoti kwalitattivi oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji li għandhom jintiżnu kontra l-ammont ta' għajnuna mitluba. F'kundizzjonijiet ta' kwalità simili l-offerent bl-inqas ammont ta' għajnuna mitluba għandu jingħata l-għajnuna.

▼M4

(b) meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċedura ta' għażla kompetittiva lil awtorità pubblika biex timplimenta u timmaniġġa, direttament jew permezz ta' entità interna, network fiss tal-broadband, l-awtorità pubblika jew l-entità interna, skont il-każ, għandha tipprovdi biss servizzi bl-ingrossa bl-użu tan-network issussidjat. L-awtorità pubblika għandha tiżgura s-separazzjoni tal-kontijiet bejn il-fondi użati għall-operat tan-network u fondi oħra għad-dispożizzjoni tagħha. Kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni jew topera n-network għandha tiġi allokata permezz ta' proċedura tal-għażla kompetittiva miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja, f'konformità mal-prinċipji tar-regoli tal-akkwist pubbliku u f'rispett għall-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku, abbażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

7. It-tħaddim tan-network issussidjat għandu joffri l-akbar aċċess bl-ingrossa attiv u passiv possibbli, skont l-Artikolu 2, il-punt (139) b'kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji, inkluża s-separazzjoni fiżika. Proġett jista' joffri separazzjoni virtwali minflok separazzjoni fiżika jekk il-prodott tal-aċċess virtwali jiġi ddikjarat bħala ekwivalenti għas-separazzjoni fiżika mill-awtorità regolatorja nazzjonali. L-aċċess attiv bl-ingrossa għandu jingħata għal mill-inqas seba' snin u l-aċċess bl-ingrossa għall-infrastruttura fiżika inklużi kanali jew arbli m'għandux ikun limitat fiż-żmien. L-istess kondizzjonijiet ta' aċċess għandhom japplikaw għan-network issussidjat kollu kemm hu, inkluż fuq il-partijiet tan-network fejn intużaw infrastrutturi eżistenti. L-obbligi ta' aċċess għandhom jiġu infurzati irrispettivament minn kwalunkwe bidla fis-sjieda, fil-ġestjoni jew fl-operat tan-network sussidjat. Fil-każ ta' għajnuna għall-bini tal-kanali, il-kanali għandhom ikunu kbar biżżejjed biex jipprovdu għal mill-anqas tliet networks u topoloġiji differenti tan-networks.

8. Il-prezz tal-aċċess bl-ingrossa għandu jkun ibbażat fuq wieħed mill-punti ta' referenza li ġejjin: (i) il-medja tal-prezzijiet bl-ingrossa ppubblikati li jipprevalu f'żoni oħra komparabbli u aktar kompetittivi tal-Istat Membru jew tal-Unjoni; jew (ii) fin-nuqqas ta' tali prezzijiet ippubblikati, il-prezzijiet regolati diġà stabbiliti jew approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali għas-swieq u s-servizzi kkonċernati; jew (iii) fin-nuqqas ta' tali prezzijiet ippubblikati jew regolati, l-ipprezzar għandu jikkonforma mal-orjentazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija meħtieġa skont il-qafas regolatorju settorjali. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtorità regolatorja nazzjonali skont il-qafas regolatorju, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tiġi kkonsultata dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess, inkluż dwar il-prezzijiet, u dwar tilwim relatat mal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

9. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru jekk l-ammont ta' għajnuna mogħtija lill-proġett jaqbeż EUR 10 miljun.

*Artikolu 52a*

**Għajnuna għan-networks mobbli 4G u 5G**

1. L-għajnuna għall-introduzzjoni tan-network mobbli 4G u 5G għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

▼M4

2. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet kollha għall-kostruzzjoni, il-ġestjoni u l-operat ta' network mobbli passiv. L-ammont massimu ta' għajnuna għal proġett għandu jiġi stabbilit abbażi ta' proċess ta' għażla kompetittiva kif stabbilit fil-paragrafu 7, il-punt (a). Fejn investiment jitwettaq skont il-paragrafu 7, il-punt (b) mingħajr proċess ta' għażla kompetittiv, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż id-differenza bejn il-kostijiet eliġibbli u l-profitt operattiv tal-investiment. Il-profitt operattiv għandu jitnaqqas mill-kostijiet eliġibbli *ex ante* fuq il-bażi ta' projezzjonijiet raġonevoli u vverifikati *ex-post* permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

3. L-investiment tal-5G għandu jkun f'żoni fejn in-networks mobbli ma jkunux ġew imnedija jew fejn ikunu disponibbli biss networks mobbli li jkunu kapaċi jappoġġaw servizzi mobbli sa 3G u fejn ma jkunx hemm networks mobbli 4G u 5G preżenti jew mhumiex ippjanati b'mod kredibbli biex ikunu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess perjodu ta' żmien bħat-tnedija tan-network sussidjat. li m'għandux ikun iqsar minn sentejn, li għandu jiġi vverifikat permezz ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika f'konformità mal-paragrafu 4. L-investiment 4G għandu jkun f'żoni fejn ma jkunux ġew imnedija n-networks ċellulari jew fejn ikunu disponibbli biss networks mobbli li jkunu kapaċi jappoġġaw servizzi mobbli sa 2G u fejn ma jkunx hemm networks mobbli 3G, 4G jew 5G preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli biex jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess perjodu ta' żmien bħat-tnedija tan-network sussidjat, li m'għandux ikun iqsar minn sentejn. Dan għandu jiġi vverifikat permezz tal-immappjar u l-konsultazzjoni pubblika f'konformità mal-paragrafu 4.

4. L-immappjar u l-konsultazzjoni pubblika msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-immappjar għandu jidentifika b'mod ċar iż-żoni ġeografiċi fil-mira previsti li jkunu koperti taħt l-intervent pubbliku u għandu jqis in-networks mobbli kollha preżenti, skont it-tip ta' investiment. L-immappjar għandu jsir abbażi tal-grilji massimi ta' 100x100 metru. L-immappjar għandu dejjem jiġi vverifikat permezz ta' konsultazzjoni pubblika.

(b) il-konsultazzjoni pubblika għandha titwettaq mill-awtorità pubblika kompetenti permezz tal-pubblikazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura ppjanata u l-lista taż-żoni ġeografiċi fil-mira identifikati fl-eżerċizzju tal-immappjar f'konformità mal-punt (a) fuq sit web xieraq (inkluż fil-livell nazzjonali). Il-konsultazzjoni pubblika għandha tistieden lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-miżura u jressqu informazzjoni sostanzjata skont il-punt (a) rigward in-networks mobbli tagħhom fiż-żona fil-mira li huma preżenti jew li huma ppjanat b'mod kredibbli li se jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata. Jekk l-awtorità awtorizzanti tieħu perjodu ta' żmien iqsar jew itwal minn tliet snin għat-tnedija tal-infrastruttura sussidjata, l-istess perjodu ta' żmien, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, irid jintuża wkoll biex jiġi vvalutat jekk in-networks imsemmija fis-sentenza preċedenti huwiex ippjanat b'mod kredibbli li jiġu mnedija. Il-konsultazzjoni pubblika għandha ddum mill-inqas 30 jum.

▼M4

5. L-infrastruttura megħjuna ma għandhiex titqies biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' kopertura tal-operaturi tan-networks mobbli li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-użu tal-ispettru 4G u 5G.

6. Il-proġett appoġġat għandu jġib titjib sinifikanti (qabża sostanzjali) meta mqabbel man-networks mobbli preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli li jiġu implimentati fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess perjodu ta' żmien bħall-implimentazzjoni tan-network sussidjat, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, f'konformità mal-paragrafu 4. Isseħħ qabża 'l quddiem jekk, bħala riżultat tal-intervent sussidjat, isir investiment sinifikanti ġdid fin-network mobbli u n-network sussidjat iġib miegħu kapaċitajiet sinifikanti ġodda fis-suq f'termini ta' disponibbiltà, kapaċità, veloċitajiet u kompetizzjoni tas-servizz mobbli meta mqabbel man-networks attwali jew ippjanati b'mod kredibbli. Il-proġett irid jinkludi investimenti sostanzjali f'infrastruttura passiva li jmorru lil hinn mill-investimenti marġinali relatati sempliċement mat-titjib tal-elementi attivi tan-network.

7. L-għajnuna għandha tingħata kif ġej:

(a) l-għajnuna għandha tiġi allokata lill-fornituri ta' networks u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi abbażi ta' proċess ta' għażla kompetittiv miftuħ, trasparenti u nondiskriminatorju konformi mal-prinċipji tar-regoli tal-akkwist pubbliku u li jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku, abbażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Għall-finijiet tal-proċedura tal-għażla kompetittiva, l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha tistabbilixxi minn qabel kriterji tal-għoti kwalitattivi oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji li għandhom jintiżnu kontra l-ammont ta' għajnuna mitlub. F'kundizzjonijiet ta' kwalità simili l-offerent bl-inqas ammont ta' għajnuna mitluba għandu jingħata l-għajnuna.

(b) meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċedura ta' għażla kompetittiva lil awtorità pubblika biex timplimenta u timmaniġġa, direttament jew permezz ta' entità interna, network mobbli passiv, l-awtorità pubblika jew l-entità interna, skont il-każ, għandha tipprovdi biss servizzi bl-ingrossa bl-użu tan-network issussidjat. L-awtorità pubblika għandha tiżgura s-separazzjoni tal-kontijiet bejn il-fondi użati għall-operat tan-network u fondi oħra għad-dispożizzjoni tal-awtorità pubblika. Kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni jew topera n-network għandha tiġi allokata permezz ta' proċess ta' għażla kompetittiv miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, konformi mal-prinċipji tar-regoli tal-akkwist pubbliku u li jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku, abbażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

8. It-tħaddim tan-network issussidjat għandu joffri l-akbar aċċess bl-ingrossa attiv u passiv possibbli, skont il-punt (139) tal-Artikolu 2, b'kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji. L-aċċess attiv bl-ingrossa għandu jingħata għal mill-inqas seba' snin u l-aċċess bl-ingrossa għall-infrastruttura fiżika inklużi kanali jew arbli m'għandux ikun limitat fiż-żmien. L-istess kondizzjonijiet ta' aċċess għandhom japplikaw fuq in-network issussidjat kollu kemm hu, inkluż fuq il-partijiet ta' tali network fejn intużaw infrastrutturi eżistenti. L-obbligi ta' aċċess għandhom jiġu infurzati irrispettivament minn

▼M4

kwalunkwe bidla fis-sjieda, fil-ġestjoni jew fl-operat tan-network sussidjat. Fil-każ ta' għajnuna għall-kostruzzjoni tal-kanali, il-kanali għandhom ikunu kbar biżżejjed biex jipprovdu tal-anqas għall-operaturi tan-networks mobbli eżistenti kollha.

9. Il-prezz tal-aċċess bl-ingrossa għandu jkun ibbażat fuq wieħed mill-punti ta' referenza li ġejjin: (i) il-medja tal-prezzijiet bl-ingrossa ppubblikati li jipprevalu f'żoni oħra komparabbli u aktar kompetittivi tal-Istat Membru jew tal-Unjoni; jew (ii) fin-nuqqas ta' tali prezzijiet ippubblikati, il-prezzijiet regolati diġà stabbiliti jew approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali għas-swieq u s-servizzi kkonċernati; jew (iii) fin-nuqqas ta' tali prezzijiet ippubblikati jew regolati, l-ipprezzar għandu jikkonforma mal-orjentazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija obbligatorja skont il-qafas regolatorju settorjali. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtorità regolatorja nazzjonali skont il-qafas regolatorju, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tiġi kkonsultata dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess, inkluż dwar il-prezzijiet, u dwar tilwim relatat mal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

10. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru jekk l-ammont ta' għajnuna mogħtija għall-proġett jaqbeż EUR 10 miljun.

11. L-użu tal-4G jew tan-network 5G iffinanzjati pubblikament biex jipprovdu servizzi tal-aċċess fiss bla fili għandu jkun permess biss kif ġej:

(a) F'żoni fejn ma jkunx hemm network li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 30 Mbps għad-download, preżenti jew li huwa ppjanat b'mod kredibbli li jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess orizzont ta' żmien bħat-tnedija tan-network issussidjat, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) l-eżerċizzju ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika jqis ukoll in-networks tal-broadband fissi preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli kif stabbliliti skont l-Artikolu 52(4); (ii) is-soluzzjoni appoġġata tal-aċċess fiss bla fili tal-4G jew tal-5G tkun kapaċi tipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet tad-download ta' mill-inqas 30 Mbps u mill-inqas irduppjar tal-veloċità tad-download u tal-upload meta mqabbla man-networks fissi preżenti jew li huma ippjanati b'mod kredibbli f'dawk iż-żoni;

(b) F'żoni fejn ma jkunx hemm network li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 100 Mbps għad-download preżenti jew li huwa ppjanat b'mod kredibbli li jiġu mnedija fi żmien tliet snin mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna ppjanata jew fl-istess orizzont ta' żmien bħat-tnedija tan-network issussidjat, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) l-eżerċizzju ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika jqis ukoll in-networks tal-broadband fissi preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli stabbiliti skont l-Artikolu 52(4); (ii) is-soluzzjoni appoġġata tal-aċċess fiss bla fili tal-4G jew tal-5G tkun kapaċi tipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet tad-download ta' mill-inqas 300 Mbps u tal-upload ta' 100 Mbps u mill-inqas irduppjar tal-veloċità tad-download u tal-upload meta mqabbla man-networks fissi preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli f'dawk iż-żoni;

▼M4

*Artikolu 52b*

**Għajnuna għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali trans-Ewropea**

1. L-għajnuna għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali trans-Ewropea ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 jew mogħtija tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont dak ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. Il-proġetti għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali kumulattivi kollha ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-paragrafu 3. Barra minn hekk, għandhom jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji ta' proġetti eliġibbli stabbiliti fil-paragrafu 4 u għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi kollha ta' kompatibbiltà għall-kategorija rilevanti stabbilita f'dak il-paragrafu. Huma biss il-proġetti li jirreferu biss għall-elementi u l-entitajiet speċifikati taħt kull kategorija rilevanti fil-paragrafu 4 li għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-kundizzjonijiet ġenerali kumulattivi ta' kompatibbiltà għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-benefiċjarju jrid jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' mill-inqas 25 % tal-kostijiet eliġibbli permezz tar-riżorsi tiegħu stess jew permezz ta' finanzjament estern li ma jkun fih l-ebda appoġġ finanzjarju pubbliku. Meta l-kontribuzzjoni ta' 25 % tal-benefiċjarju tiġi pprovduta permezz ta' finanzjament estern permezz ta' pjattaforma ta' investiment li tgħaqqad sorsi differenti ta' finanzjament, il-kundizzjoni li l-finanzjament estern ma jrid ikun fih l-ebda appoġġ finanzjarju pubbliku stabbilit fis-sentenza preċedenti hija sostitwita bir-rekwiżit ta' preżenza fil-pjattaforma ta' mill-inqas 30 % ta' investiment privat.

(b) huma biss l-ispejjeż eliġibbli għall-investiment skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 għat-tnedija tal-infrastruttura li huma eliġibbli għall-għajnuna.

(c) il-proġett irid jintgħażel f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1153 b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(i) minn intermedjarju finanzjarju indipendenti maħtur mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' linji gwida ta' investiment maqbula b'mod komuni;

(ii) mill-Kummissjoni permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti bbażat fuq kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji;

(iii) minn esperti indipendenti maħtura mill-Kummissjoni.

(d) il-proġett irid jippermetti kapaċitajiet ta' konnettività li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti relatati ma' kwalunkwe obbligu legali eżistenti, bħal dawk marbuta ma' dritt tal-użu ta' spettru.

(e) il-proġett irid jiżgura aċċess miftuħ bl-ingrossa minn partijiet terzi inkluż is-separazzjoni taħt kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji f'konformità mal-Artikolu 52(7) u (8) jew l-Artikolu 52a(8) u (9) kif xieraq.

▼**M4**

4. Il-kategoriji tal-proġetti eliġibbli u l-kundizzjonijiet kumulattivi speċifiċi ta' kompatibbiltà applikabbli għalihom għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) investimenti fit-tnedija ta' sezzjoni transfruntiera ta' kuritur 5G tul kuritur tat-trasport identifikat fil-linji gwida tan-network trans-Ewropew tat-trasport kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (kurituri TEN-T) li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi speċifiċi li ġejjin:

(i) il-proġett jikkonsisti f'sezzjoni transfruntiera ta' kuritur 5G li jaqsam il-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew aktar, jew jaqsam il-fruntiera ta' mill-inqas Stat Membru wieħed u mill-inqas pajjiż wieħed taż-Żona Ekonomika Ewropea;

(ii) is-sezzjonijiet transfruntiera totali tal-kurituri 5G li jinsabu fi Stat Membru ma għandhomx jirrappreżentaw aktar minn 15 % tat-tul totali tal-kurituri 5G tul in-network ewlieni trans-Ewropew tat-trasport f'dak l-Istat Membru li mhumiex koperti minn kwalunkwe obbligu legali eżistenti, bħal dawk marbuta ma' dritt għall-użu tal-ispettru. Eċċezzjonalment, jekk Stat Membru jappoġġa it-tnedija ta' kurituri 5G transfruntiera tul in-network komprensiv tat-trasport trans-Ewropew tiegħu, is-sezzjonijiet transfruntiera totali tal-kurituri 5G li jinsabu f'dak l-Istat Membru ma għandhomx jirrappreżentaw aktar minn 15 % tat-tul totali tal-kurituri 5G tul in-network komprensiv trans-Ewropew tat-trasport f'dak l-Istat Membru li mhumiex koperti minn kwalunkwe obbligu legali eżistenti, bħal dawk marbuta ma' dritt għall-użu tal-ispettru;

(iii) il-proġett jiżgura investiment ġdid sinifikanti fin-network mobbli 5G adatt għal servizzi ta' mobbiltà konnessi u awtomatizzati li jmorru lil hinn mill-investimenti marġinali relatati sempliċiment mat-titjib tal-elementi attivi tan-network;

(iv) il-proġett jappoġġa t-tnedija ta' infrastruttura passiva ġdida biss jekk l-infrastruttura passiva eżistenti ma tkunx tista' terġa' tintuża.

(b) investimenti fit-tnedija ta' sezzjoni transfruntiera ta' network ewlieni pan-Ewropew tat-terabits li jappoġġa l-għanijiet tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew billi jiġu interkonnessi ċerti faċilitajiet tal-computing, faċilitajiet tas-supercomputing u infrastrutturi tad-*data* li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi speċifiċi li ġejjin:

(i) il-proġett għandu jniedi jew jakkwista assi ta' konnettività, inklużi d-Drittijiet tal-Użu Indevjabbli, il-fibra skura jew it-tagħmir, għall-bini ta' sezzjoni transfruntiera ta' network ewlieni pan-Ewropew li jappoġġa l-interkonnessjoni ma' konnettività minn tarf sa tarf mingħajr restrizzjonijiet ta' minimu ta' 1 Tbps, ta' mill-inqas żewġ faċilitajiet tal-informatika, faċilitajiet tas-supercomputing jew infrastrutturi tad-*data* li: (1) huma entitajiet ospitanti tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew stabbilita skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 [1], jew

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1).

▼M4

huma infrastrutturi tar-riċerka u infrastrutturi oħra tal-computing u tad-*data* li jappoġġaw inizjattivi ewlenin u missjonijiet tar-riċerka stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew; u (2) jinsabu f'mill-inqas żewġ Stati Membri jew mill-inqas Stat Membru wieħed u mill-inqas membru wieħed taż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

(ii) il-proġett jiżgura investiment ġdid sinifikanti fin-network ewlieni li jmur lil hinn minn investimenti marġinali, bħal investimenti relatati ma' sempliċi titjib jew liċenzjar tas-software.

(iii) l-akkwist ta' assi tal-konnettività jitwettaq permezz ta' akkwist pubbliku; u

(iv) il-proġett jappoġġa t-tnedija ta' infrastruttura passiva ġdida biss jekk l-infrastruttura passiva eżistenti ma tkunx tista' terġa' tintuża.

(c) investimenti fit-tnedija ta' sezzjoni transfruntiera ta' network ewlieni li jgħaqqad flimkien l-infrastrutturi tal-cloud ta' ċerti muturi soċjoekonomiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi speċifiċi li ġejjin:

(i) il-proġett jgħaqqad l-infrastrutturi tal-cloud ta' muturi soċjoekonomiċi li huma amministrazzjonijiet pubbliċi jew entitajiet pubbliċi jew privati inkarigati bit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ġenerali jew ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat;

(ii) il-proġett jikkonsisti f'sezzjoni transkonfinali ta' tnedija ta' networks ewlenija transfruntieri ġodda jew titjib sinifikanti ta' dawk eżistenti li (1) jaqsmu l-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew aktar jew (2) jaqsmu l-fruntiera bejn mill-inqas Stat Membru wieħed u mill-inqas pajjiż wieħed taż-Żona Ekonomika Ewropea;

(iii) il-proġett ikopri mill-inqas żewġ muturi soċjoekonomiċi eliġibbli taħt il-punt (i), kull wieħed jopera fi Stat Membru differenti jew fi Stat Membru wieħed u pajjiż wieħed taż-Żona Ekonomika Ewropea;

(iv) il-proġett jiżgura investiment ġdid sinifikanti fin-network ewlieni li jmur lil hinn minn investimenti marġinali, bħal investimenti relatati ma' sempliċi titjib jew liċenzjar tas-software. Il-proġett għandu jkun kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet simetriċi ta' download u upload ta' mill-inqas multipli ta' 10 Gbps;

(v) il-proġett jappoġġa t-tnedija ta' infrastruttura passiva ġdida biss jekk l-infrastruttura passiva eżistenti ma tkunx tista' terġa' tintuża.

---

[1] ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

▼M4

(d) Investimenti fit-tnedija ta' network ta' kejbil taħt il-baħar li jissodisfa l-kondizzjonijiet kumulattivi speċifiċi li ġejjin:

(i) il-proġett jikkonsisti f'sezzjoni transkonfinali ta' network ta' kejbil taħt il-baħar li (1) jaqsam il-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew aktar, jew (2) jaqsam il-fruntiera ta' mill-anqas Stat Membru wieħed u mill-anqas pajjiż wieħed taż-Żona Ekonomika Ewropea. Alternattivament, l-entità li tirċievi l-għajnuna għandha tiżgura biss il-forniment ta' servizzi bl-ingrossa u l-infrastruttura appoġġata għandha ttejjeb il-konnettività tar-reġjuni ultraperiferiċi Ewropej, tat-territorji *extra*-Ewropej, jew ta' reġjuni ta' gżejjer, anki fi ħdan Stat Membru wieħed;

(ii) Il-proġett ma jridx ikun jikkonċerna rotot moqdija diġà minn tal-inqas żewġ infrastrutturi ewlenija attwali jew li huma ippjanati b'mod kredibbli;

(iii) Il-proġett jiżgura investiment ġdid sinifikanti fin-network tal-kejbil taħt il-baħar, billi jvara kejbil ġdid taħt il-baħar jew konnessjoni ma' kejbil eżistenti taħt il-baħar, u jindirizza kwistjonijiet ta' sensji u jmur lil hinn minn investimenti marġinali. Il-proġett għandu jkun kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli veloċitajiet simetriċi ta' download u upload ta' mill-inqas 1 Gbps;

(iv) Il-proġett jappoġġa t-tnedija ta' infrastruttura passiva ġdida biss jekk l-infrastruttura passiva eżistenti ma tkunx tista' terġa' tintuża.

*Artikolu 52c*

**Vawċers ta' Konnettività**

1. L-għajnuna fil-forma ta' skema ta' vawċers għall-konnettività għall-konsumaturi sabiex jiġu ffaċilitati s-servizzi tat-telexogħol, tal-edukazzjoni online, tat-taħriġ jew għall-SMEs għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. It-tul ta' żmien tal-iskema ta' vawċers ma għandux jaqbeż l-24-il xahar.

3. Il-kategoriji li ġejjin ta' skemi ta' vawċers għandhom ikunu eliġibbli:

(a) skemi ta' vawċers disponibbli għall-konsumaturi għall-abbonament għal servizz ġdid ta' aċċess għall-Internet bil-broadband jew għall-aġġornament tal-abbonament attwali għal servizz li jipprovdi veloċitajiet ta' mill-inqas 30 Mbps għad-download, dment li l-fornituri kollha ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 30 Mbps għad-download ikunu eliġibbli taħt l-iskema ta' vawċers, filwaqt li l-vawċers ma għandhomx jingħataw għal bdil lejn fornituri li jipprovdu l-istess veloċitajiet jew għal titjib ta' abbonament eżistenti ta' mill-inqas 30 Mbps għad-download;

▼M4

(b) skemi ta' vawċers disponibbli għall-SMEs għall-abbonament għal servizz ġdid ta' aċċess għall-Internet bil-broadband jew għall-aġġornament tal-abbonament attwali għal servizz li jipprovdi veloċitajiet ta' mill-inqas 100 Mbps għad-download, dment li l-fornituri kollha li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 100 Mbps għad-download ikunu eliġibbli taħt l-iskema ta' vawċers, filwaqt li l-vawċers ma għandhomx jingħataw għal bdil lejn fornituri li jipprovdu l-istess veloċitajiet jew titjib ta' abbonament eżistenti ta' mill-inqas 100 Mbs għad-download.

4. Il-vawċers għandhom ikopru sa 50 % tal-kostijiet totali tal-istabbiliment u t-tariffa ta' kull xahar għall-abbonament għal servizz ta' aċċess għall-Internet bil-broadband bil-veloċitajiet speċifikati fil-paragrafu 3, kemm jekk fuq bażi awtonoma kif ukoll jekk bħala parti minn pakkett ta' servizzi, li jinkludu mill-inqas it-tagħmir terminali meħtieġ (modem/router) għall-aċċess għall-Internet bil-veloċità speċifikata fil-paragrafu 3. Il-vawċer għandu jitħallas mill-awtoritajiet pubbliċi direttament lill-utenti finali jew direttament lill-fornitur tas-servizzi magħżul mill-utenti finali, f'liema każ l-ammont tal-vawċer għandu jitnaqqas mill-fattura tal-utenti finali.

5. Il-vawċers għandhom ikunu disponibbli għall-konsumaturi jew l-SMEs biss f'żoni fejn hemm mill-inqas network eżistenti wieħed li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli l-veloċitajiet speċifikati fil-paragrafu 3, li għandhom jiġu vverifikati permezz ta' mmappjar u konsultazzjoni pubblika. L-eżerċizzju ta' mmappjar u l-konsultazzjoni pubblika għandu jidentifika ż-żoni ġeografiċi fil-mira koperti minn mill-inqas network wieħed li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli l-veloċità speċifikata fil-paragrafu 3 għat-tul tal-iskema ta' vawċers, il-fornituri eliġibbli preżenti fiż-żona u jiġbor informazzjoni biex jiġi kkalkulat is-sehem mis-suq tagħhom. L-immappjar għandu jitwettaq (i) għan-networks fissi bbażati fuq il-wajers fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi u (ii) għal networks fissi b'aċċess bla fili jew għan-networks mobbli fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini li jkun għadda minnu jew abbażi ta' grilji ta' massimu ta' 100x100 metru. L-immappjar għandu dejjem jiġi vverifikat permezz ta' konsultazzjoni pubblika. Il-konsultazzjoni pubblika għandha titwettaq mill-awtorità pubblika kompetenti permezz tal-pubblikazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura ppjanata u l-lista taż-żoni ġeografiċi fil-mira identifikati fl-eżerċizzju tal-immappjar fuq sit web xieraq, inkluż fil-livell nazzjonali. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tistieden lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar l-abbozz tal-miżura u biex jissottomettu informazzjoni sostanzjata rigward in-networks eżistenti tagħhom li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli l-veloċità speċifikata fil-paragrafu 3. Il-konsultazzjoni pubblika għandha ddum mill-inqas 30 jum.

6. L-iskema ta' vawċers għandha tikkonforma mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, fis-sens li l-vawċers jistgħu jintużaw għal abbonamenti għal servizzi ta' kwalunkwe operatur li kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli l-veloċitajiet speċifikati fil-paragrafu 3 fuq network eżistenti tal-broadband, irrispettivament mit-teknoloġiji użati. Sabiex tiġi ffaċilitata l-għażla tal-konsumaturi jew l-SMEs, il-lista ta' fornituri eliġibbli għal kull żona ġeografika fil-mira għandha tiġi ppubblikata onlajn u kull fornitur interessat għandu jkun jista' japplika biex jiġi inkluż fuq il-bażi ta' kriterji miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji.

▼M4

7. Sabiex ikun eliġibbli, f’każijiet fejn il-fornitur tas-servizz tal-aċċess għall-Internet bil-broadband ikun integrat vertikalment u jkollu sehem mis-suq tal-konsumaturi ta’ aktar minn 25 %, dan għandu joffri fis-suq tal-aċċess bl-ingrossa korrispondenti lil kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika mill-inqas prodott wieħed tal-aċċess bl-ingrossa li jkun jista’ jiżgura li min ifittex aċċess ikun jista’ jipprovdi servizz bl-imnut b’mod affidabbli bil-veloċità speċifikata fil-paragrafu 3, b’kundizzjonijiet miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji. Il-prezz tal-aċċess bl-ingrossa għandu jkun stabbilit fuq wieħed mill-punti ta’ riferiment li ġejjin: (i) il-medja tal-prezzijiet bl-ingrossa ppubblikati li jipprevalu f’żoni oħra komparabbli u aktar kompetittivi tal-Istat Membru jew tal-Unjoni; jew (ii) fin-nuqqas ta’ tali prezzijiet ippubblikati, il-prezzijiet regolati diġà stabbiliti jew approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali għas-swieq u s-servizzi kkonċernati; jew (iii) fin-nuqqas ta’ tali prezzijiet ippubblikati jew regolati, l-ipprezzar għandu jikkonforma mal-orjentazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija obbligatorja skont il-qafas regolatorju settorjali. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtorità regolatorja nazzjonali skont il-qafas regolatorju, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tiġi kkonsultata dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess, inkluż dwar il-prezzijiet, u dwar tilwim relatat mal-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu.

▼B

*TAQSIMA 11 —*

***Għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju***

*Artikolu 53*

**L-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju**

1. L-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-għajnuna tingħata għall-finijiet u l-attivitajiet kulturali li ġejjin:

▼M1

(a) mużewijiet, arkivji, libreriji, ċentri jew spażji artistiċi u kulturali, teatri, ċinemas, teatri tal-opra, swali tal-kunċerti, organizzazzjonijiet oħra ta' spettaklu, istituzzjonijiet tal-patrimonju tal-films u infrastrutturi artistiċi u kulturali, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet oħrajn simili;

▼B

(b) patrimonju tanġibbli inklużi b'mod partikolari l-forom kollha tal-patrimonju kulturali mobbli jew immobbli u siti arkeoloġiċi, monumenti, siti u bini storiku; il-patrimonju naturali marbut mal-patrimonju kulturali jew, jekk rikonoxxut formalment bħala patrimonju kulturali jew naturali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ta' Stat Membru;

(c) il-patrimonju intanġibbli fil-forom kollha tiegħu, inklużi d-drawwiet folkloristiċi u l-artiġjanat;

(d) l-arti u avvenimenti kulturali u spettakli, festivals, wirjiet u attivitajiet kulturali oħra simili;

▼B

(e) attivitajiet kulturali u artistiċi edukattivi kif ukoll il-promozzjoni tal-għarfien tal-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali permezz ta' programmi edukattivi u ta' għarfien pubbliku akbar, inkluż bl-użu ta' teknoloġiji ġodda;

(f) il-kitba, l-editjar, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' mużika u letteratura, inklużi traduzzjonijiet.

3. L-għajnuna tista' tieħu l-forma ta':

(a) għajnuna għall-investiment, inkluża l-għajnuna għall-kostruzzjoni jew it-titjib tal-infrastruttura tal-kultura;

(b) l-għajnuna operatorja.

4. Għall-għajnuna għall-investiment, l-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-investiment f'assi intanġibbli u tanġibbli, inklużi:

(a) l-ispejjeż għall-kostruzzjoni, l-aġġornament, l-akkwist, il-konservazzjoni jew it-titjib tal-infrastruttura, jekk mill-inqas 80 % tal-ħin jew tal-kapaċità tal-ispazju, ikun qed jintuża fis-sena għal finijiet kulturali;

(b) l-ispejjeż għall-akkwist, inkluż il-kiri, it-trasferiment ta' pussess jew rilokazzjoni fiżika tal-patrimonju kulturali;

(c) l-ispejjeż għall-ħarsien, il-preservazzjoni, ir-restawr u r-riabilitazzjoni ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, inklużi l-ispejjeż żejda għall-ħażna f'kundizzjonijiet xierqa, l-għodod speċjali, il-materjal u l-ispejjeż għad-dokumentazzjoni, ir-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u l-pubblikazzjoni;

(d) l-ispejjeż biex titjieb l-aċċessibbiltà tal-wirt kulturali għall-pubbliku, inklużi l-ispejjeż għad-diġitalizzazzjoni u teknoloġiji ġodda oħra, l-ispejjeż biex titjieb l-aċċessibiltà għal persuni bi bżonnijiet speċjali (b'mod partikolari, ir-rampi u l-liftijiet għal persuni b'diżabbiltà, tagħrif bil-braille u espożizzjonijiet interattivi f'mużewijiet) u għall-promozzjoni tad-diversità kulturali f'dak li għandu x'jaqsam ma' preżentazzjonijiet, programmi u viżitaturi;

(e) l-ispejjeż għal proġetti u attivitajiet kulturali, il-kooperazzjoni u l-programmi ta' skambju u għotjiet inklużi l-ispejjeż għal proċeduri tal-għażla, l-ispejjeż għall-promozzjoni u l-ispejjeż magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett.

5. Għall-għajnuna operatorja, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-istituzzjoni kulturali jew tas-sit ta' patrimonju marbuta ma' attivitajiet kontinwi jew perjodiċi inklużi wirjiet, spettakli u avvenimenti u attivitajiet kulturali simili li jseħħu matul il-kors normali tan-negozju;

(b) l-ispejjeż ta' attivitajiet kulturali u artistiċi edukattivi kif ukoll il-promozzjoni tal-għarfien tal-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali permezz ta' programmi edukattivi u ta' għarfien pubbliku akbar, inkluż bl-użu ta' teknoloġiji ġodda;

▼B

(c) l-ispejjeż għat-titjib tal-aċċess pubbliku għall-istituzzjoni kulturali jew siti u attivitajiet ta' patrimonju inklużi l-ispejjeż tad-diġitizzazzjoni u tal-użu ta' tekonoloġiji ġodda kif ukoll spejjeż għat-titjib tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità;

(d) l-ispejjeż operatorji li għandhom x'jaqsmu direttament ma' proġett jew attività kulturali, bħall-kiri u l-kiri fit-tul ta' proprjeta' immobbli jew postijiet kulturali, l-spejjeż tal-ivvjaġġar, il-materjal u l-fornimenti direttament relatati ma' proġett jew attività kulturali, strutturi arkitettoniċi għal wirjiet u għall-palk, self, kiri, kiri fit-tul u d-deprezzament tal-għodda, is-softwer u t-tagħmir, spejjeż oħra relatati mal-aċċess għal kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur u mid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, spejjeż għall-promozzjoni u l-ispejjeż imġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett jew attività; l-ispejjeż ta' deprezzament u l-ispejjeż tal-finanzjament huma eliġibbli biss jekk ma jkunux ġew koperti mill-għajuna għall-investiment;

(e) l-ispejjeż għal persunal li jaħdem fl-istituzzjoni kulturali jew is-sit ta' wirt kulturali jew għal xi proġett;

(f) l-ispejjeż għal servizzi ta' konsulenza u appoġġ ipprovduti minn konsulenti esterni u fornituri tas-servizz, imġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett.

6. Għal għajnuna għall-investiment, l-ammont tal-għajnuna m'għandux jaqbeż id-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u profitt operattiv tal-investiment,il-profitt operattiv għandu jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli ex ante, fuq il-bażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' restituzzjoni. L-operatur tal-infrastruttura jitħalla jżomm profitt raġonevoli matul il-perjodu rilevanti.

7. Għal għajnuna operatorja, l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex ikopri t-telf operatorju u profitt raġonevoli matul il-perjodu rilevanti. Dan jiġi żgurat *ex-ante*, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

▼M1

8. Għal għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 2 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 6 u 7.

▼B

9. ►M1 Għall-attivitajiet definiti fil-paragrafu 2(f), l-ammont massimu ta' għajnuna m'għandhuxikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u d-dħul skontat tal-proġett u lanqas minn 70 % tal-ispejjeż eleġibbli. ◄ Id-dħul nett jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli *ex-ante* jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż għall-pubblikazzjoni ta' mużika u litteratura, inklużi t-tariffi tal-awturi (spejjeż ta' drittijiet tal-awtur), it-tariffi tat-tradutturi, it-tariffi tat-edituri, spejjeż oħra editorjali (il-qari tal-provi, korrezzjonijiet u r-reviżjoni), l-ispejjeż tal-format u ta' qabel il-pubblikazzjoni jew l-ispejjeż ta' pubblikazzjoni elettronika.

10. L-għajnuna lill-istampa u lir-rivisti, kemm jekk dawn jiġu ppubblikati bil-miktub kif ukoll elettronikament, ma tkunx eliġibbli skont dan l-Artikolu.

▼B

*Artikolu 54*

**Skemi ta' għajnuna għal xogħlijiet awdjoviżivi**

1. L-iskemi ta' għajnuna li jsostnu l-kitba tal-iskript, l-iżvilupp, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi jkunu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jkunu eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-għajnuna tappoġġa prodott kulturali. Biex jiġu evitati żbalji evidenti fil-kwalifikazzjoni ta' prodott bħala kulturali, kull Stat Membru jistabbilixxi proċessi effettivi, bħall-għażla ta' proposti minn persuna jew aktar, inkarigati mill-għażla jew il-verifika skont lista predeterminata ta' kriterji kulturali.

3. L-għajnuna tista' tieħu l-forma ta':

(a) għajnuna għall-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

(b) għajnuna għall-preproduzzjoni; kif ukoll

(c) għajnuna għad-distribuzzjoni.

4. Meta l-Istati Membri jissoġġettaw l-għajnuna għal obbligi ta' nfiq territorjali, l-iskemi ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi jistgħu jew:

(a) jeħtieġu li sa 160 % tal-għajnuna mogħtija għall-produzzjoni ta' ċertu xogħol awdjoviżiv tintefaq fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jagħti l-għajnuna; jew

(b) jikkalkulaw l-għajnuna mogħtija għall-produzzjoni ta' ċertu xogħol awdjoviżiv bħala perċentwali tan-nefqa fuq l-attivitajiet tal-produzzjoni fl-Istat Membru li jagħti l-għotja, ġeneralment fil-każ ta' skemi ta' għajnuna taħt forma ta' inċentivi fiskali.

▼M1

Fiż-żewġ każijiet, in-nefqa massima soġġetta għall-obbligi ta' -nefqa territorjali fl-ebda każ ma għandha tkun iktar minn 80 % tal-baġit globali tal-produzzjoni.

Sabiex il-proġetti jkunu eliġibbli għall-għajnuna, Stat Membru jista' jitlob ukoll livell minimu ta' attività ta' produzzjoni fit-territorju kkonċernat, iżda dak il-livell ma għandux ikun iktar minn 50 % tal-baġit kumplessiv tal-produzzjoni.

▼B

5. L-ispejjeż eliġibbli huma dawn li ġejjin:

(a) għall-għajnuna għall-produzzjoni: l-ispejjeż totali għall-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi inklużi l-ispejjeż biex titjieb l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità.

(b) għall-għajnuna għall-preproduzzjoni: l-ispejjeż għall-kitba tal-iskript u l-iżvilupp tax-xogħlijiet awdjoviżivi.

(c) għall-għajnuna għad-distribuzzjoni: l-ispejjeż għad-distribuzzjoni u l-promozzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi.

▼B

6. L-intensità tal-għajnuna għall-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

7. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied kif ġej:

(a) sa 60 % tal-ispejjeż eliġibbli għal produzzjonijiet transfruntieri ffinanzjati minn aktar minn Stat Membru wieħed u li jinvolvu produtturi minn aktar minn Stat Membru wieħed;

(b) sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli għal xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli u koproduzzjonijiet li jinvolvu pajjiżi mil-Lista tal-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp (DAC) tal-OECD.

8. L-intensità tal-għajnuna għall-preproduzzjoni ma taqbiżx il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli. Jekk l-iskript jew il-proġett finali jwassal għal xogħol awdjoviżiv bħal film, l-ispejjeż tal-preproduzzjoni jiġu inkorporati f'baġit globali ġenerali u jittieħed kont tagħhom meta tiġi kkalkulata l-intensità tal-għajnuna. L-intensità tal-għajnuna għad-distribuzzjoni tkun l-istess bħall-intensità tal-għajnuna għall-produzzjoni.

9. L-għajnuna ma tkunx riżervata għal attivitajiet speċifiċi tal-produzzjoni jew partijiet individwali fil-katina tal-valur tal-produzzjoni. L-għajnuna għall-infrastrutturi ta' studjows tal-films mhumiex se jkunu eliġibbli skont dan l-Artikolu.

10. L-għajnuna ma tkunx riżervata esklussivament għaċ-ċittadini, u l-benefiċjarji mhumiex meħtieġa li jkollhom l-istatus ta' intrapriża stabbilita skont il-liġi kummerċjali nazzjonali.

*TAQSIMA 12 —*

***Għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali***

*Artikolu 55*

**L-għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali**

1. L-għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dejjem jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I.

2. L-infrastrutturi tal-isport ma jintużawx esklussivament minn utent sportiv professjonali wieħed. L-użu tal-infrastruttura tal-isport minn utenti oħrajn sportivi professjonali jew mhux professjonali annwalment jammonta għal mill-inqas 20 % tal-kapaċità tal-ħin. Jekk l-infrastruttura tintuża minn diversi utenti fl-istess ħin, jiġu kkalkulati l-partijiet tal-ħin korrispondenti mill-kapaċità tal-użu.

3. L-infrastruttura rikreattiva multifunzjonali tikkonsisti f'faċilitajiet rikreattivi b'karattru multifunzjonali li joffri, b'mod partikolari, servizzi kulturali u ta' rikreazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' parks għad-divertiment u faċilitajiet tal-lukandi.

4. L-aċċess għall-infrastrutturi tal-isport jew għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali jkun miftuħ għal diversi utenti u jingħata fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja. L-intrapriżi li jkunu ffinanzjaw mill-inqas 30 % tal-ispejjeż tal-investiment tal-infrastruttura jistgħu jingħataw aċċess preferenzjali b'kundizzjonijiet aktar favorevoli, dejjem jekk dawn il-kundizzjonijiet jkunu disponibbli pubblikament.

▼B

5. Jekk l-infrastruttura sportiva tintuża minn klabbijiet sportivi professjonali, l-Istati Membri jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-prezzijiet għall-użu tagħha jkunu disponibbli pubblikament.

6. Kull konċessjoni jew inkarigu ieħor, lil parti terza biex tibni, ittejjeb u/jew topera l-infrastruttura tal-isport jew l-infrastruttura ta' rikreazzjoni multifunzjonali, jiġu assenjati fuq bażi miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, filwaqt li jittieħed kont tar-regoli applikabbli dwar l-akkwist.

7. L-għajnuna tista' tieħu l-forma ta':

(a) għajnuna għall-investiment, inkluża l-għajnuna għall-kostruzzjoni jew it-titjib tal-infrastrutturi tal-isport jew tal-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali;

(b) għajnuna operatorja għall-infrastruttura tal-isport;

8. Għall-għajnuna għall-investiment tal-infrastrutturi tal-isport jew tal-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali, l-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-investiment f'assi intanġibbli u tanġibbli.

9. Għall-għajnuna operatorja għall-infrastruttura tal-isport l-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż eliġibbli tad-dispożizzjoni ta' servizzi mill-infrastruttura. Dawn l-ispejjeż operatorji jinkludu spejjeż bħal spejjeż ta' persunal, materjali, kuntratti ta' servizz, komunikazzjoni, enerġija, manutenzjoni, kera, amministrazzjoni, eċċ., iżda jeskludu spejjeż ta' deprezzament u tal-iffinanzjar jekk dawn ġew inklużi fl-ispejjeż li ġew koperti mill-għajnuna għall-investiment.

10. Għall-għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi tal-isport jew għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali, l-ammont ta' għajnuna ma jaqbiżx id-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u l-introjtu operatorju tal-investiment. L-introjtu operatorju jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli *ex-ante*, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

11. Għall-għajnuna operatorja għall-infrastrutturi tal-isport, l-ammont ta' għajnuna ma jaqbiżx it-telf operatorju tul il-perjodu rilevanti. Dan jiġi żgurat *ex-ante*, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

▼M1

12. Għal għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 2 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 10 u 11.

▼B

*TAQSIMA 13 —*

***Għajnuna għall-infrastrutturi lokali***

*Artikolu 56*

**L-għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi ta' riċerka**

1. Il-finanzjament għall-bini jew it-titjib ta' infrastrutturi lokali li jikkonċerna infrastruttura li tikkontribwixxi f'livell lokali għat-titjib tal-ambjent kummerċjali u tal-konsumatur u fl-immodernizzar u l-iżvilupp tal-bażi industrijali tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u f'Kapitolu I jiġu ssodisfati.

▼B

2. Dan l-Artikolu ma japplikax għal għajnuna għall-infrastrutturi li hija koperta minn taqsimiet oħrjan ta' Kapitlu III ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni ta' Taqsima 1 — Għajnuna reġjonali. Dan l-Artikolu ma japplikax ukoll għal infrastruttura tal-ajruporti u għal infrastruttura tal-portijiet.

3. L-infrastruttura tkun disponibbli għal utenti interessati fuq bażi miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja. Il-prezz mitlub għall-użu jew għall-bejgħ tal-infrastruttura jkun jikkorrispondi għall-prezz tas-suq.

4. Kull konċessjoni jew inkarigu ieħor, lil parti terza biex topera l-infrastruttura jiġu assenjati fuq bażi miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, filwaqt li jittieħed kont tar-regoli applikabbli dwar l-akkwist.

5. L-ispejjeż eliġibbli jkunu l-ispejjeż tal-investiment f'assi intanġibbli u tanġibbli.

6. L-ammont ta' għajnuna ma jaqbiżx id-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u l-introjtu operatorju tal-investiment. L-introjtu operatorju jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli *ex-ante*, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

7. Infrastrutturi dedikati ma jkunux eżentati skont dan l-Artikolu.

▼M1

*TAQSIMA 14 —*

***Għajnuna għal ajruporti reġjonali***

*Artikolu 56a*

**Għajnuna għal ajruporti reġjonali**

1. L-għajnuna għall-investiment għal ajruport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 14 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna operatorja għal ajruport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3, 4, 10 u 15 sa 18 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

3. L-ajruport għandu jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha. Fil-każ ta' limitazzjoni fiżika tal-kapaċità, l-allokazzjoni ssir fuq il-bażi ta' kriterji pertinenti, objettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

4. L-għajnuna ma tingħatax għal rilokazzjoni tal-ajruporti eżistenti jew il-ħolqien ta' ajruport tal-passiġġieri ġdid, inkluża l-konverżjoni ta' mitjar eżistenti f'ajruport tal-passiġġieri.

5. L-investiment ikkonċernat ma għandux ikun iktar minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi akkomodat it-traffiku mistenni fuq terminu medju, fuq il-bażi ta' previżjonijiet tat-traffiku raġonevoli.

▼M1

6. L-għajnuna għall-investiment ma għandhiex tingħata lil ajruport li jinsab 100 kilometru 'l bogħod jew 60 minuta ta' vvjaġġar bil-karozza, bix-xarabank, ferrovija jew ferrovija ta' velocità għolja minn ajruport eżistenti minn liema jitħaddmu servizzi tal-ajru skedati, fis-sens tal-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

7. Il-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal ajruporti li l-medja annwali tagħhom ta' traffiku ta' passiġġieri mhix iktar minn 200 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija jekk l-għajnuna għall-investiment mhix mistennija li żżid il-medja tat-traffiku annwali tal-passiġġieri tal-ajruport għal iktar minn 200 000 passiġġier fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna. Għajnuna għall-investiment mogħtija lil ajruporti bħal dawn għandha tkun konformi mal-paragrafu 11 jew mal-paragrafi 13 u 14.

8. Il-paragrafu 6 m'għandux japplika fejn l-għajnuna għall-investiment tingħata lil ajruport li jinsab fid-distanza ta' 100 kilometru minn ajruporti eżistenti fejn huma operati servizzi tal-ajru skedati, fis-sens tal-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, sakemm ir-rotta bejn kull wieħed minn dawk l-ajruporti eżistenti l-oħrajn u l-ajruport li jirċievi l-għajnuna neċessarjament tinvolvi mill-inqas total ta' 90 minuta ta' vjaġġar permezz ta' trasport marittimu jew trasport bl-ajru.

9. L-għajnuna għall-investiment ma tingħatax lil ajruporti li l-mejda tagħhom ta' traffiku tal-passiġġieri annwali hija iktar minn tliet miljun passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija. L-għajnuna għall-investiment ma għandhiex tkun mistennija li żżid il-medja tat-traffiku annwali tal-ajruport biex dik il-medja tkun iktar minn tliet miljun passiġġier fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna.

10. Din l-għajnuna m'għandhiex tingħata lil ajruporti li l-medja annwali tagħhom ta' traffiku ta' merkanzija tkun iktar minn 200 000 tunnellata ta' merkanzija matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija. M'għandhux ikun mistenni li l-għajnuna tirriżulta f'żieda fil-mejda tat-traffiku annwali ta' merkanzija tal-ajruport biex dik il-medja tkun iktar minn 200 000 tunnellata fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna.

11. L-ammont ta' għajnuna għall-investiment ma għandux ikun iktar miid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment. Il-qligħ operatorju għandhu jitnaqqas mill-ispejjeż eleġibbli *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

12. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż relatati mal-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruport, inklużi l-ispejjeż tal-ippjanar.

13. L-ammont tal-għajnuna għall-investiment ma għandhux ikun iktar minn:

(a) 50 % tal-ispejjeż eleġibbli għal ajruporti b'medja annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' miljun sa tliet miljun passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija;

(b) 75 % tal-ispejjeż eleġibbli għal ajruporti b' medja ta' traffiku annwali ta' passiġġieri li ma jkunx iktar minn miljun passiġġier matul l-aħħar sentejn finanzjarji qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija.

14. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-paragrafu 13 jistgħu jiżdiedu b'20 punt perċentwali fil-każ ta' ajruporti li jinsabu f'reġjuni remoti.

▼M1

15. L-għajnuna operatorja m'għandhiex tingħata lil ajruporti b' medja annwali ta' traffiku ta' passiġġieri li tkun iktar minn 200 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji li jippreċedu s-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija.

16. L-ammont tal-għajnuna operatorja m'għandhiex ktun iktar minn dak li huwa meħtieġ biex jitkopra t-telf operatorju u profitt raġonevoli matul il-perjodu rilevanti. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' pagamenti perjodiċi fissi *ex ante*, li m'għandhomx jiżdiedu matul il-perjodu li għalih tingħata l-għajnuna, jew fil-forma ta' ammonti definiti ex post abbażi tat-telf operatorju osservat.

17. L-għajnuna operatorja ma għandhiex titħallas fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja li matulha t-traffiku tal-passiġġieri annwali tal-ajruport ikun iktar minn 200 000 passiġġier.

18. L-għoti ta' għajnuna operatorja ma għandux ikun marbut mal-kundizzjoni li jkun hemm konklużjoni ta' arranġamenti ma' linji tal-ajru speċifiċi relatati ma' miżati tal-ajruport, il-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni jew ma' aspetti finanzjarji oħra tal-operazzjonijiet tal-linji tal-ajru fl-ajruport ikkonċernat.

*TAQSIMA 15 —*

***Għajnuna għal portijiet***

*Artikolu 56b*

**Għajnuna għal portijiet marittimi**

1. L-għajnuna għal portijiet marittimi għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-ippjanar, ta':

(a) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' portijiet marittimi;

(b) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' aċċess;

(c) tħammil.

3. L-ispejjeż marbuta ma' attivitajiet mhux relatati mat-trasport, inklużi faċilitajiet ta' produzzjoni industrijali attivi f'port, uffiċċji jew ħwienet, kif ukoll għas-superstrutturi tal-port m'għandhomx ikunu spejjeż eleġibbli.

4. L-ammont ta' għajnuna ma għandux ikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment jew tat-tħammil. Il-qligħ operatorju għandhu jitnaqqas mill-ispejjeż eleġibbli *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

5. L-intensità tal-għajnuna għal kull investiment li hemm referenza għalih fil-punt (a) tal-paragrafu 2 ma għandhiex tkun iktar minn:

(a) 100 % tal-ispejjeż eleġibbli fejn l-ispejjeż eleġibbli totali tal-proġett ikunu mhux iktar minn EUR 20 miljun;

▼M1

(b) 80 % tal-ispejjeż eleġibbli fejn l-ispejjeż eleġibbli totali tal-proġett ikunu iktar minn EUR 20 miljun u mhux iktar minn EUR 50 miljun;

(c) 60 % tal-ispejjeż eleġibbli fejn l-ispejjeż eleġibbli totali tal-proġett ikunu iktar minn EUR 50 miljun u mhux iktar mill-ammont stabbilit fil-punt (ee) tal-Artikolu 4(1).

L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex tkun iktar minn 100 % tal-ispejjeż eleġibbli stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u fil-punt (c) tal-paragrafu 2 sal-ammont stabbilit fil-punt (ee) tal-Artikolu 4(1).

6. L-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat.

7. Kull konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni, ittejjeb topera jew tikri l-infrastruttura ta' port megħjun għandha tingħata fuq bażi kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u bla kundizzjonijiet.

8. L-infrastruttura tal-portijiet megħjuna għandha tkun disponibbli għal utenti interessati fuq bażi ugwali u mhux diskriminatorja b'termini tas-suq.

9. Għal għajnuna li ma tkunx iktar minn EUR 5 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6.

*Artikolu 56c*

**Għajnuna għal portijiet interni**

1. L-għajnuna għal portijiet interni għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-ippjanar, ta':

(a) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' portijiet marittimi;

(b) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' aċċess;

(c) tħammil.

3. L-ispejjeż marbuta ma' attivitajiet li mhux relatati mat-trasport, inklużi faċilitajiet ta' produzzjoni industrijali attivi f'port, uffiċċji jew ħwienet, kif ukoll għas-superstrutturi tal-port m'għandhomx ikunu spejjeż eleġibbli.

4. L-ammont ta' għajnuna ma għandux ikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment jew tat-tħammil. Il-qligħ operatorju jitnaqqas mill-ispejjeż eleġibbli *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

▼M1

5. L-intensità massima tal-għajnuna ma għandhiex tkun iktar minn 100 % tal-ispejjeż eleġibbli stabbiliti fil-punt (ff) tal-Artikolu 4(1).

6. Kull konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni, ittejjeb, topera jew tikri l-infrastruttura ta' port megħjun għandha tingħata fuq bażi kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u bla kundizzjonijiet.

7. L-infrastruttura tal-portijiet megħjuna għandha tkun disponibbli għal utenti interessati fuq bażi ugwali u mhux diskriminatorja b'termini tas-suq.

8. Għal għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 2 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 4 u 5.

*TAQSIMA 16*

***Ghajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU***

*Artikolu 56d*

**Kamp ta’ applikazzjoni u kundizzjonijiet komuni**

1. Din it-Taqsima għandha tapplika għall-għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU li jipprovdu għajnuna lill-imsieħba inkarigati mill-implimentazzjoni, lill-intermedjarji finanzjarji jew lill-benefiċjarji finali.

2. L-għajnuna għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I, f’dan l-Artikolu, u, jew fl-Artikolu 56e jew fl-Artikolu 56f, ikunu sodisfatti.

3. L-għajnuna għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet applikabbli kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/523 u l-Linji Gwida dwar l-Investiment tal-InvestEU stabbiliti fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 ([1]).

4. Il-limiti massimi stabbiliti fl-Artikoli 56e u 56f għandhom japplikaw għall-finanzjament totali pendenti, safejn dak il-finanzjament ipprovdut taħt kwalunkwe prodott finanzjarju appoġġat mill-Fond InvestEU, ikun fih l-għajnuna. Il-limiti massimi għandhom japplikaw:

(a) għal kull proġett fil-każ ta’ għajnuna koperta mill-Artikolu 56e(2) u (4), l-Artikolu 56e(5), il-punt (a)(i), l-Artikolu 56e(6) u (7), l-Artikolu 56e(8), il-punti (a) u (b) u l-Artikolu 56e(9;

([1]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14 ta’April 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU (ĠU L 234,2.7.2021, p. 18).

▼M4

(b) għal kull benefiċjarju finali fil-każ ta' għajnuna koperta mill-Artikolu 56e(5), il-punti (a)(ii) u (iii), l-Artikolu 56e(8), il-punt (d), l-Artikolu 56e(10) u l-Artikolu 56f.

5. L-għajnuna ma għandhiex tingħata fil-forma ta' rifinanzjament ta' jew garanziji fuq portafolji eżistenti ta' intermedjarji finanzjarji.

*Artikolu 56e*

**Il-kundizzjonijiet għall-għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU**

1. L-għajnuna lill-benefiċjarju finali taħt prodott finanzjarju appoġġat mill-Fond InvestEU għandha:

(a) tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'wieħed mill-paragrafi 2 sa 9; u

(b) fejn il-finanzjament jiġi pprovdut fil-forma ta' self lill-benefiċjarju finali, ikollu rata ta' imgħax li tikkorrispondi mill-inqas mar-rata bażi tar-rata ta' referenza applikabbli fil-ħin tal-għoti tas-self.

2. Għajnuna għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali trans-Ewropea ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 jew mogħtija tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont dak ir-Regolament għandha tingħata biss lil proġetti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha ta' kompatibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 52b. L-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 150 miljun.

3. Għajnuna għal investimenti f'networks fissi tal-broadband biex jiġu konnessi biss ċerti muturi soċjoekonomiċi eliġibbli għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna għandha tingħata biss lil proġetti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 52 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fil-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu;

(b) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 150 miljun;

(c) il-proġett jgħaqqad biss muturi soċjoekonomiċi li huma amministrazzjonijiet pubbliċi jew entitajiet pubbliċi jew privati inkarigati bit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ġenerali jew ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat. Il-proġetti li jinkludu elementi jew entitajiet minbarra dawk speċifikati taħt dan il-punt huma esklużi;

(d) b'deroga mill-Artikolu 52(4), il-falliment tas-suq identifikat irid jiġi vverifikat jew permezz ta' mmappjar xieraq disponibbli jew, meta dan l-immappjar ma jkunx disponibbli, permezz ta' konsultazzjoni pubblika, kif stabbilit kif ġej:

▼M4

(i) l-immappjar jista' jitqies xieraq jekk ma jkunx eqdem minn 18-il xahar u jinkludi n-networks kollha li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli veloċitajiet ta' millinqas 100 Mbps għad-download iżda inqas minn 300 Mbps għad-download (veloċitajiet ta' limitu) li jgħaddu mill-bini ta' mutur soċjoekonomiku eliġibbli identifikat fil-punt (c). Dan l-immappjar għandu jitwettaq mill-awtorità pubblika kompetenti, għandu jqis in-networks kollha li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli l-veloċitajiet ta' limitu preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli fit-tliet snin li ġejjin jew fl-istess orizzont ta' żmien bħall-intervent appoġġat ippjanat, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, u għandu jitwettaq (i) għal networks purament fissi fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi; u (ii) għan-networks fissi bl-aċċess bla fili, fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi jew abbażi ta' grilji ta' massimu ta' 100x100 metru;

(ii) il-konsultazzjoni pubblika trid titwettaq mill-awtorità pubblika kompetenti permezz tal-pubblikazzjoni fuq sit web xieraq li tistieden lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar l-abbozz tal-miżura u jressqu informazzjoni sostanzjata dwar networks li kapaċi jipprovdu b'mod affidabbli veloċitajiet ta' mill-inqas 100 Mbps għad-download iżda inqas minn 300 Mbps għad-download (veloċitajiet ta' limitu) preżenti jew li huma ippjanati b'mod kredibbli fit-tliet snin li ġejjin jew fl-istess orizzont ta' żmien bħall-intervent appoġġat ippjanat, li ma jistax ikun iqsar minn sentejn, li jgħaddi mill-bini ta' mutur soċjoekonomiku eliġibbli kif imsemmi fil-punt (c), abbażi tal-informazzjoni: (i) għal networks purament fissi, fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi; u (ii) għan-networks fissi b'aċċess bla fili, fil-livell tal-indirizzi abbażi tal-bini mgħoddi jew abbażi ta' grilji ta' massimu ta' 100x100 metru. Il-konsultazzjoni pubblika għandha ddum mill-inqas 30 jum.

4. L-għajnuna għall-produzzjoni tal-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna għandha tingħata biss għall-investimenti f'infrastruttura tal-enerġija li tuża l-gass u l-elettriku li mhux eżentata mill-aċċess ta' partijiet terzi, ir-regolamentazzjoni tat-tariffi u s-separazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija għall-kategoriji ta' proġetti li ġejjin:

(i) fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass, il-proġetti inklużi fil-lista prevalenti tal-Unjoni ta' Proġetti ta' Interess Komuni fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(ii) fir-rigward tal-infrastruttura tal-elettriku:

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

▼M4

(1) grilji intelliġenti, inklużi investimenti fl-iżvilupp, l-intelliġenza u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku;

(2) proġetti oħra:

— li jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013; jew

— li huma inklużi fil-lista prevalenti tal-Unjoni ta' Proġetti ta' Interess Komuni fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 347/2013;

(3) proġetti oħra, bl-esklużjoni tal-ħżin tal-elettriku, f'żoni assistiti;

(iii) proġetti għall-ħżin tal-elettriku, ibbażati fuq teknoloġija ġdida u innovattiva, irrispettivament mil-livell ta' vultaġġ tal-konnessjoni man-network;

(b) l-għajnuna għall-investiment għall-ġenerazzjoni ta' enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-għajnuna għandha tingħata biss għall-impjanti ġodda magħżula fuq bażi kompetittiva, trasparenti, oġġettiva u mhux diskriminatorja;

(ii) l-għajnuna tista' tingħata wkoll lil impjanti ġodda flimkien ma' tagħmir għall-ħżin jew elettrolizzaturi tal-idroġenu, sakemm kemm it-tagħmir tal-ħżin tal-elettriku jew tal-idroġenu u l-elettrolizzaturi tal-idroġenu jkunu jużaw biss l-enerġija ġġenerata mill-impjant(i) tal-enerġija rinnovabbli;

(iii) l-għajnuna ma għandhiex tingħata għal impjanti tal-idroenerġija li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE;

(iv) fil-każ ta' impjanti li jipproduċu bijokarburanti, l-għajnuna għandha tingħata biss għal impjanti li jipproduċu bijokarburanti sostenibbli għajr bijokarburanti bbażati fuq l-ikel.

(c) L-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett imsemmi fil-punt (a) taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 150 miljun. L-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett imsemmi fil-punt (b) taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 75 miljun.

5. L-għajnuna għall-infrastruttura u l-attivitajiet tal-wirt soċjali, edukattiv, kulturali u naturali għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż:

(i) EUR 100 miljun għal kull proġett għal investimenti fl-infrastruttura użata għall-forniment ta' servizzi soċjali u għall-edukazzjoni; EUR 150 miljun għal kull proġett għal skopijiet u attivitajiet kulturali u ta' konservazzjoni tal-patrimonju stabbiliti fl-Artikolu 53(2), inkluż il-wirt naturali;

▼M4

(ii) EUR 30 miljun għal attivitajiet relatati mas-servizzi soċjali;

(iii) EUR 75 miljun għal attivitajiet relatati mal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju; u

(iv) EUR 5 miljun għall-edukazzjoni u t-taħriġ.

(b) l-għajnuna ma għandhiex tingħata għal taħriġ li għandu l-għan li jikkonforma mar-rekwiżiti obbligatorji nazzjonali tat-taħriġ.

6. L-għajnuna għat-trasport u għall-infrastrutturi tat-trasport għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna għall-infrastruttura, ħlief għall-portijiet, għandha tingħata biss għall-proġetti li ġejjin:

(i) proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ħlief għal proġetti li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-port jew tal-ajruport;

(ii) konnessjonijiet man-nodi urbani tan-network trans-Ewropew tat-trasport;

(iii) materjal fuq ir-roti għall-forniment biss ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju mhux koperti minn kuntratt ta' servizz pubbliku skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], sakemm il-benefiċjarju jkun membru ġdid;

(iv) it-trasport urban;

(v) infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil li tissupplixxi lill-vetturi bl-elettriku jew bl-idroġenu rinnovabbli.

(b) l-għajnuna għall-proġetti tal-infrastruttura tal-port għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-għajnuna tista' tingħata biss għal investimenti fl-infrastruttura tal-aċċess u fl-infrastruttura tal-port li jsiru disponibbli għall-utenti interessati fuq bażi ugwali u mhux diskriminatorja skont it-termini tas-suq;

(ii) kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni, ittejjeb, topera jew tikri infrastruttura tal-port megħjuna għandha tiġi assenjata fuq bażi kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u mingħajr kundizzjonijiet;

(iii) l-għajnuna ma għandhiex tingħata għal investimenti fis-sovrastrutturi tal-port.

(c) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut taħt il-punt (a) jew (b) lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 150 miljun.

7. L-għajnuna għall-infrastrutturi l-oħra għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna għandha tingħata biss għall-proġetti li ġejjin:

(i) investiment fil-provvista tal-ilma u l-infrastruttura tal-ilma mormi għall-pubbliku ġenerali;

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

▼M4

(ii) investiment fir-riċiklaġġ u t-tħejjija tal-iskart għall-użu mill-ġdid skont l-Artikolu 47(1) sa (6), sakemm ikun immirat għall-ġestjoni tal-iskart iġġenerat minn impriżi oħra;

(iii) investiment fl-infrastruttura tar-riċerka;

(iv) investiment fil-kostruzzjoni jew it-titjib ta' faċilitajiet ta' ragruppament tal-innovazzjoni;

(b) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 100 miljun.

8. L-għajnuna għall-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-ħarsien tal-klima, għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna għandha tingħata biss għall-proġetti li ġejjin:

(i) investimenti li jippermettu lill-impriżi jirrimedjaw jew jipprevjenu ħsara lill-ambjent fiżiku (inkluż it-tibdil fil-klima) jew lir-riżorsi naturali mill-attivitajiet proprji ta' benefiċjarju, sakemm l-investiment imur lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali jew iżid il-livell ta' protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni jew jikkostitwixxi adattament bikri għall-istandards futuri tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali;

(ii) miżuri li jtejbu l-effiċjenza fl-enerġija ta' impriża, sakemm ma jsirx it-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija biex jiġi żgurat li l-impriża tikkonforma mal-istandards tal-Unjoni diġà adottati, anke jekk dawn ikunu għadhom mhumiex fis-seħħ;

(iii) rimedjar ta' siti kkontaminati, sakemm l-ebda persuna ġuridika jew fiżika responsabbli għall-ħsara ambjentali skont il-liġi applikabbli ma tkun identifikata skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" kif imsemmi fl-Artikolu 45(3);

(iv) studji ambjentali;

(v) it-titjib u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi fejn dik l-attività tikkontribwixxi għall-protezzjoni, il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità u għall-kisba tal-kundizzjoni tajba tal-ekosistemi, jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi li diġà huma f'kundizzjoni tajba.

(b) mingħajr preġudizzju għall-punt (a), fejn il-miżura ta' għajnuna tirrigwarda t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija ta' (1) bini residenzjali, (2) bini ddedikat għall-provvista ta' edukazzjoni jew għal attivitajiet relatati ma' servizzi soċjali jew għal servizzi tal-ġustizzja, il-pulizija jew it-tifi tan-nar, (3) bini ddedikat għal attivitajiet relatati mal-amministrazzjoni pubblika, jew (4) bini msemmi f'(1), (2) jew (3) u li fih attivitajiet minbarra dawk imsemmija f'(1), (2) jew (3) jokkupaw inqas minn 35 % tal-erja interna tal-art, l-għajnuna tista' tingħata wkoll għal miżuri li jtejbu simultanjament l-effiċjenza fl-enerġija ta' dawk il-binjiet u jintegraw kwalunkwe wieħed mill-investimenti li ġejjin jew l-investimenti kollha li ġejjin:

▼M4

(i) impjanti integrati li jiġġeneraw enerġija rinnovabbli fuq il-post tal-bini kkonċernat mill-miżura ta' għajnuna għall-effiċjenza enerġetika. L-installazzjoni integrata tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post għandha x'taqsam mal-produzzjoni tal-elettriku u/jew tas-sħana. Tista' tiġi kkombinata ma' tagħmir għall-ħżin tal-enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq il-post;

(ii) installazzjonijiet ta' ħżin fuq il-post;

(iii) it-tagħmir u l-infrastruttura relatata inkorporati fil-bini għall-iċċarġjar mill-ġdid ta' vetturi elettriċi tal-utenti tal-bini;

(iv) investimenti għad-diġitalizzazzjoni tal-bini, b'mod partikolari biex jiżdied il-potenzjal ta' intelliġenza tiegħu. L-investimenti għad-diġitalizzazzjoni tal-bini jistgħu jinkludu interventi limitati għal wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-*data* u, jekk ikun meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà privata barra l-bini. Il-wajers u l-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà privata huma esklużi.

Il-benefiċjarju finali tal-għajnuna jista' jkun jew sid(ien) tal-bini jew inkwilin(i), skont min jikseb il-finanzjament għall-proġett;

(c) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett imsemmi fil-punt (a) taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 50 miljun;

(d) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut għal kull proġett imsemmi fil-punt (b) taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 50 miljun għal kull benefiċjarju finali u bini;

(e) l-għajnuna għall-miżuri li jtejbu l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini msemmija fil-punt (b) tista' tkun marbuta wkoll mal-faċilitazzjoni tal-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-appoġġ jieħu l-forma ta' self jew garanzija lill-fornitur tal-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika skont kuntratt tar-rendiment tal-enerġija, jew jikkonsisti fi prodott finanzjarju mmirat biex jiffinanzja mill-ġdid il-fornitur rispettiv (eż. il-fatturament, il-forfaiting);

(ii) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma jaqbiżx EUR 30 miljun;

(iii) l-appoġġ jingħata lill-SMEs jew lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;

(iv) l-appoġġ huwa pprovdut għall-ikkuntrattar tar-rendiment tal-enerġija skont it-tifsira tal-Artikolu 2(27) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(v) l-ikkuntrattar għar-rendiment tal-enerġija għandu x'jaqsam ma' bini msemmi fil-paragrafu 8, punt (b).

▼M4

9. L-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna tista' tingħata għal:

(i) riċerka fundamentali;

(ii) riċerka industrijali;

(iii) żvilupp sperimentali;

(iv) l-innovazzjoni fil-proċess jew l-innovazzjoni organizzattiva għall-SMEs;

(v) servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni għall-SMEs;

(vi) diġitalizzazzjoni għall-SMEs;

(b) għal proġetti li jaqgħu taħt il-punt (a) (i), (ii) u (iii), l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 75 miljun. Għal proġetti li jaqgħu taħt il-punti (a), (iv), (v) u (vi), l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kwalunkwe benefiċjarju finali għal kull proġett taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma għandux jaqbeż EUR 30 miljun.

10. L-SMEs jew, fejn applikabbli, il-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja jistgħu, minbarra l-kategoriji ta' għajnuna previsti fil-paragrafi 2 sa 9, jirċievu wkoll għajnuna fil-forma ta' finanzjament appoġġat mill-Fond InvestEU sakemm waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata:

(a) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut għal kull benefiċjarju finali taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma jaqbiżx EUR 15 miljun u huwa pprovdut lil:

(i) SMEs mhux elenkati li għadhom ma kinux qed joperaw f'xi suq jew li ilhom joperaw għal inqas minn 7 snin wara l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom;

(ii) SMEs mhux elenkati li jidħlu fi prodott jew f'suq ġeografiku ġdid, fejn l-investiment inizjali għad-dħul fi prodott jew f'suq ġeografiku ġdid irid ikun ogħla minn 50 % tal-fatturat annwali medju fil-5 snin preċedenti;

(iii) SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li huma intrapriżi innovattivi kif definit fl-Artikolu 2, punt (80);

(b) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut għal kull benefiċjarju finali taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma jaqbiżx EUR 15-il miljun u jingħata lil SMEs jew kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li l-attivitajiet prinċipali tagħhom jinsabu f'żoni assistiti sakemm il-finanzjament ma jintużax għar-rilokazzjoni tal-attivitajiet kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (61a);

(c) l-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut għal kull benefiċjarju finali taħt l-appoġġ tal-Fond InvestEU ma jaqbiżx EUR 2 miljun u jingħata lill-SMEs jew lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

▼M4

*Artikolu 56f*

**Il-kundizzjonijiet għall-għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji intermedjati mmexxija kummerċjalment sostnuti mill-Fond InvestEU**

1. Il-finanzjament lill-benefiċjarji finali għandu jiġi pprovdut minn intermedjarji finanzjarji kummerċjali li għandhom jintgħażlu b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji oġġettivi.

2. L-intermedjarju finanzjarju kummerċjali li jipprovdi finanzjament lill-benefiċjarju finali għandu jżomm skopertura minima għar-riskju ta' 20 % ta' kull tranżazzjoni ta' finanzjament.

3. L-ammont nominali tal-finanzjament totali pprovdut lil kull benefiċjarju finali permezz tal-intermedjarju finanzjarju kummerċjali ma għandux jaqbeż is-EUR 7,5 miljun.

▼B

*KAPITOLU IV*

***DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***

*Artikolu 57*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 jitħassar.

*Artikolu 58*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

▼M1

1. Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament, fejn l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9.

▼B

2. Kwalunkwe għajnuna li mhijiex eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat bis-saħħa ta' dan ir-regolament jew ta' oħrajn adottati skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 994/98 li qabel kienu fis-seħħ, tiġi vvalutata mill-Kummissjoni skont l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

3. Kull għajnuna mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2015 bis-saħħa ta' kull regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament 994/98 li kien fis-seħħ fil-mument tal-għotja tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat bl-esklużjoni tal-għajnuna reġjonali. Skemi ta' għajnuna ta' kapital ta' riskju favur SMEs stabbiliti qabel l-1 ta' Lulju 2014 u eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat skont ir-Regolament Nru 800/2008, jibqgħu eżentati u kompatibbli mas-suq intern sat-terminazzjoni tal-ftehim ta' finanzjament, sakemm l-impenn tal-finanzjament pubbliku fil-fond sostnut ta' investiment tal-ekwità privata, abbażi ta' tali ftehim, sar qabel l-1 ta' Jannar 2015 u l-kundizzjonijiet l-oħrajn għall-eżenzjoni jibqgħu ssodisfati.

▼M4

3a. Kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija bejn l-1 ta’ Lulju 2014 u t-2 ta’ Awwissu 2021 skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament kif applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-għajnuna għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija qabel l-1 ta’ Lulju 2014 skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9, kif applikabbli qabel jew wara l-10 ta’ Lulju 2017, jew qabel jew wara t-3 ta’ Awwissu 2021, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

▼B

4. Fi tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, kull skema ta' għajnuna eżentata minn dan ir-Regolament għandha tibqa' eżentata għal perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna reġjonali. L-eżenzjoni ta' skemi ta' għajnuna reġjonali tiskadi fid-data ta' skadenza tal-pjanijiet approvati għall-għajnuna reġjonali. L-eżenzjoni tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju skont l-Artikolu 21(2)(a) tiskadi fit-tmiem tal-perjodu previst fil-ftehim ta' finanzjament, sakemm l-impenn tal-finanzjament pubbliku għall-fond sostnut ta' investiment tal-ekwità privata sar abbażi ta' dan il-ftehim f'sitt (6) xhur minn tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, u l-kundizzjonijiet kollha l-oħra għal eżenzjoni jibqgħu ssodisfati.

▼M1

5. Jekk dan ir-Regolament jiġi emendat, kwalunkwe skema ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament kif applikabbli fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din l-iskema għandha tibqa' eżentata għal perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur.

▼B

*Artikolu 59*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-1 ta' Lulju 2014.

▼M2

Għandu japplika sal-31 ta’ Diċembru 2023.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

## ID-DEFINIZZJONI TA' SME

*Artikolu 1*

### Intrapriża

Intrapriża hija kkunsidrata bħala kull entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha. Din tinkludi, b'mod partikolari, persuni li jaħdmu għal rashom u negozji tal-familja involuti fi snajja' jew attivitajiet oħra, u sħubiji jew assoċjazzjonijiet involuti regolarment f'attività ekonomika.

*Artikolu 2*

### L-għadd ta' persunal u l-limiti stabbiliti finanzjarji li jiddeterminaw il-kategoriji tal-intrapriżi

1. Il-kategorija ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji ("SMEs") hija magħmula minn intrapriżi li jħaddmu anqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 miljun, u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbiżx it-EUR 43 miljun.

2. Fil-kategorija tal-IŻM, intrapriża żgħira hija definita bħala intrapriża li tħaddem anqas minn 50 persuna u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun.

3. Fil-kategorija tal-IŻM, mikrointrapriża hija definita bħala intrapriża li tħaddem anqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 2 miljun.

*Artikolu 3*

### It-tipi ta' intrapriża meqjusa fil-kalkolu tan-numru ta' impjegati u tal-ammonti finanzjarji

1. "Intrapriża awtonoma" hija kull intrapriża li mhix ikklassifikata bħala intrapriża msieħba skont it-tifsira tal-paragrafu 2 jew bħala intrapriża assoċjata skont it-tifsira tal-paragrafu 3.

2. "Intrapriżi msieħba" huma l-intrapriżi kollha mhux ikklassifikati bħala intrapriżi assoċjati skont it-tifsira tal-paragrafu 3 u li bejniethom hemm ir-relazzjoni li ġejja: intrapriża (intrapriża upstream) tkun id-detentriċi, waħedha jew flimkien ma' intrapriża assoċjata oħra jew aktar, skont it-tifsira tal-paragrafu 3, ta' 25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot ta' intrapriża oħra (intrapriża downstream).

Madankollu, intrapriża tista' tiġi kklassifikata bħala awtonoma, jiġifieri ma għandha ebda intrapriżi msieħba, anke jekk dan il-limitu ta' 25 % jintlaħaq jew jinqabeż mill-investituri segwenti, diment li dawk l-investituri ma jkunux assoċjati, skont it-tifsira tal-paragrafu 3, individwalment jew b'mod konġunt mal-intrapriża inkwistjoni:

(a) korporazzjonijiet ta' investiment pubbliku, kumpaniji b'kapital ta' riskju, individwi jew gruppi ta' individwi b'attività regolari ta' investiment kapitali ta' riskju li jinvestu kapital ekwu f'negozji mhux ikkwotati (investitur informali), jekk kemm-il darba l-investiment totali ta' dawk l-investituri informali fl-istess intrapriża jkun anqas minn EUR 1 250 000;

(b) universitajiet u ċentri ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ;

(c) investituri istituzzjonali, li jinkludu l-fondi għall-iżvilupp reġjonali;

▼B

(d) awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u anqas minn 5 000 abitant.

3. "Intrapriżi assoċjati" huma intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

(a) intrapriża li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

(b) intrapriża li jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi maġġoranza mill-membri tal-korp amministrattiv, tal-ġestjoni jew dak ta' sorveljanza ta' intrapriża oħra;

(c) intrapriża li għandha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni tal-memorandum jew tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

(d) intrapriża, li tkun azzjonista f'intrapriża oħra jew membru tagħha, li waħedha tikkontrolla, skont ftehim ma' azzjonisti oħra f'dik l-intrapriża jew membri tagħha, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Hemm preżunzjoni li l-ebda influwenza dominanti ma teżisti jekk l-investituri elenkati fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ma jinvolvux ruħhom direttament jew indirettament fil-ġestjoni tal-intrapriża kkonċernata, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom bħala azzjonisti.

Intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet deskritti fl-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, jew kull wieħed mill-investituri msemmija fil-paragrafu 2, huma meqjusa wkoll bħala assoċjati.

Intrapriżi li għandhom waħda jew aktar minn dawn ir-relazzjonijiet permezz ta' persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jaġixxu flimkien huma wkoll meqjusa bħala intrapriżi assoċjati jekk ikunu involuti fl-attività tagħhom jew f'parti mill-attività tagħhom fl-istess suq rilevanti jew fi swieq qrib.

"Suq qrib" huwa meqjus bħala suq għal prodotti jew servizzi li qegħdin direttament upstream jew downstream mas-suq rilevanti.

4. Barra mill-każijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, impriża ma tistax tkun ikkunsidrata bħala IŻM jekk 25 % jew aktar mill-kapital jew id-drittijiet tal-vot tagħha huma direttament jew indirettament kontrollati, konġuntivament jew individwalment, minn korp pubbliku jew aktar.

5. L-intrapriżi jistgħu jiddikjaraw l-i*status* tagħhom bħala intrapriża awtonoma, intrapriża msieħba jew intrapriża assoċjata, inkluża d-dejta fir-rigward tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2. Id-dikjarazzjoni tista' ssir anki jekk il-kapital ikun mifrux b'tali mod li mhux possibbli li jiġi stabbilit eżattament f'idejn min jinsab, f'liema każ l-intrapriża tista' tiddikjara b'*bona fide* li tista' leġittimament tippreżumi li mhijiex il-proprjetà b'25 % jew aktar ta' intrapriża waħda, jew b'mod konġunt minn intrapriżi assoċjati ma' xulxin. Dawn id-dikjarazzjonijiet isiru mingħajr ħsara għall-kontrolli u l-investigazzjonijiet li hemm stipulati fir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

**Dejta użata għall-għadd ta' persunal u l-ammonti finanzjarji u perjodu ta' referenza**

1. Id-dejta li għandha tiġi applikata fil-kalkolu tal-għadd tal-persunal u l-ammonti finanzjarji hija dik li tirrigwarda l-aħħar perjodu kontabilistiku approvat u kkalkolat fuq bażi annwali. Din tiġi kkunsidrata mid-data tal-għeluq tal-kontijiet. L-ammont magħżul għall-fatturat huwa kkalkolat bl-esklużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u taxxi indiretti oħrajn.

▼B

2. Meta, fid-data tal-għeluq tal-kontijiet, intrapriża ssib li, fuq bażi annwali, tkun qabżet jew niżlet taħt il-limitu tal-għadd ta' persunal jew il-livell limitu ta' flus imsemmi fl-Artikolu 2, dan ma jfissirx li se titlef jew se takkwista l-i*status* ta' intrapriża ta' daqs medju, żgħira jew mikro, jekk kemm-il darba dawn il-limiti stabbiliti ma jinqabżux għal żewġ perjodi konsekuttivi tal-perjodu kontabilistiku.

3. Fil-każ ta' intrapriżi li jkunu għadhom kif twaqqfu li l-kontijiet tagħhom ikunu għadhom ma ġewx approvati, id-dejta li għandha tiġi applikata hija dik meħuda minn stima magħmula in *bona fide* li tkun saret matul is-sena finanzjarja.

*Artikolu 5*

**L-għadd ta' persunal**

L-għadd jikkorrispondi mal-għadd ta' unitajiet ta' xogħol annwali (AWU), jiġifieri l-għadd ta' persuni li ħadmu full-time fl-intrapriża inkwistjoni jew f'isimha matul is-sena ta' referenza sħiħa li tkun qed titqies. Ix-xogħol ta' persuni li ma ħadmux is-sena kollha, ix-xogħol ta' dawk li ħadmu part-time, mingħajr ma jitqies kemm damu jaħdmu, u x-xogħol ta' persunal staġjonali jingħaddu bħala frazzjonijiet tal-AWU. Il-persunal jikkonsisti f':

(a) impjegati;

(b) persuni li jaħdmu għall-intrapriża li taqa' taħtha u li jitqiesu bħala impjegati tagħha skont il-liġi nazzjonali;

(c) sidien-ġestjonarji;

(d) msieħba li jkunu involuti f'attività regolari fl-intrapriża u li jibbenefikaw minn vantaġġi finanzjarji mill-intrapriża.

Apprendisti jew studenti involuti f'taħriġ vokazzjonali b'kuntratt ta' apprendistat jew ta' taħriġ vokazzjonali mhumiex inklużi bħala parti mill-persunal. Il-perjodu ta' liv tal-maternità jew tal-ġenituri ma jingħaddx.

*Artikolu 6*

**Kif tiġi stabbilita d-dejta ta' intrapriża**

1. Fil-każ ta' intrapriża awtonoma, id-dejta, inkluż l-għadd tal-persunal, tiġi determinata esklussivament fuq il-bażi tal-kontabbiltà ta' dik l-intrapriża.

2. Id-dejta, inkluż l-għadd ta' impjegati, ta' intrapriża li għandha intrapriżi msieħba jew assoċjati, tiġi determinata abbażi tal-kontabbiltà u dejta oħra tal-intrapriża jew, fejn jeżistu, il-kontabbiltà konsolidata tal-intrapriża, jew il-kontijiet konsolidati li fihom l-intrapriża tkun inkluża permezz ta' konsolidazzjoni.

Mad-dejta li saret referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu tiżdied id-dejta ta' kull intrapriża msieħba mal-intrapriża inkwistjoni li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha. L-aggregazzjoni tkun proporzjonali għall-imgħax perċentwali fil-kapital jew fid-drittijiet ta' vot (liema minnhom ikun l-ikbar). Fil-każ ta' parteċipazzjonijiet inkroċjati, japplika l-ogħla perċentwali.

Mad-dejta li saret referenza għaliha fl-ewwel u t-tieni subparagrafu tiżdied 100 % tad-dejta ta' kull intrapriża li tkun marbuta direttament jew indirettament mal-intrapriża inkwistjoni, meta d-dejta ma tkunx diġà ġiet inkluża permezz ta' konsolidazzjoni fil-kontijiet.

▼B

3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2, id-dejta tal-intrapriżi msieħba mal-intrapriża inkwistjoni tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-dejta l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' dawn tiżdied 100 % tad-dejta tal-intrapriżi li jkunu assoċjati ma' dawn l-intrapriżi msieħba, dejjem jekk id-dejta tal-kontijiet tagħhom ma tkunx diġà ġiet inkluża permezz ta' konsolidazzjoni.

Biex jiġi applikat l-istess paragrafu 2, id-dejta tal-intrapriżi li huma assoċjati mal-intrapriża inkwistjoni tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-dejta l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' din tiżdied, pro rata, id-dejta ta' kull intrapriża msieħba possibbli ta' din l-intrapriża assoċjata, li tkun qiegħda immedjatament upstream jew downstream minnha, sakemm ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet konsolidati b'perċentwali li mill-inqas ikun proporzjonali għall-perċentwali identifikat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

4. Meta fil-kontijiet konsolidati ma tidher l-ebda dejta dwar il-persunal għal xi impriża, il-figuri tal-persunal jiġu kkalkulati permezz ta' aggregazzjoni proporzjonali tad-dejta mill-intrapriżi msieħba tagħha u billi tiġi miżjuda d-dejta mill-intrapriżi li għaliha l-intrapriża inkwistjoni tiġi assoċjata.

▼B

*ANNESS II*

**INFORMAZZJONI DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT EŻENTATA SKONT IL-KUNDIZZJONIJIET TA' DAN IR-REGOLAMENT**

PARTI I

**li għandha tiġi pprovduta permezz tal-applikazzjoni tal-IT stabbilita tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11**

| | | |
|---|---|---|
| Ir-referenza tal-għajnuna | *(għandha timtela mill-Kummissjoni )* | |
| L-Istat Membru | …… | |
| Numru ta' referenza tal-Istat Membru | …… | |
| Reġjun | L-isem tar-Reġjun(i) (NUTS ([1]))<br>……<br>…… | Status tal-għajnuna Reġjonali ([2])<br>……<br>…… |
| L-awtorità li tagħti l-għajnuna | Isem | …… |
| | Indirizz postali<br>Indirizz tal-internet | ……<br>…… |
| Titolu tal-miżura ta' għajnuna | …… | |
| Il-bażi ġuridika nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | ……<br>……<br>…… | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | …… | |
| Tip ta' miżura | ☐ Skema | |
| | ☐ Għajnuna *ad hoc* | Isem il-benefiċjarju u l-grupp ([3]) li għalih jappartjeni<br>…… |
| Emenda ta' skema ta' għajnuna eżistenti jew għajnuna *ad hoc* | | Referenza tal-għajnuna tal-Kummissjon |
| | ☐ Tiġdid | …… |
| | ☐ Modifika | …… |
| Tul ta' żmien ([4]) | ☐ Skema | jj/xx/ssss **sa** jj/xx/ssss |
| Data tal-għotja ([5]) | ☐ Għajnuna *ad hoc* | jj/xx/ssss |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | ☐ Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| | ☐ Limitat għal ċerti setturi: Jekk jogħġbok speċifika skont il-livell tal-grupp tan-NACE ([6]) | ……<br>……<br>…… |

▼B

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' benefiċjarju** | ☐ **SME** | | |
| | ☐ **Intrapriżi kbar** | | |
| **Il-baġit** | **Ammont annwali totali tal-baġit ippjanat skont l-iskema** ([7]) | **Munita nazzjonali** ............ **(ammonti sħaħ)** ........................................ | |
| | **Ammont globali tal-għajnuna ad hoc mogħtija lill-intrapriża**([8]) | **Munita nazzjonali** ............ **(ammonti sħaħ)** ........................................ | |
| | ☐ **Għall-garanzijis** ([9]) | **Munita nazzjonali** ............ **(ammonti sħaħ)** ........................................ | |
| **L-istrument tal-għajnuna** | ☐ **Għotja/Sussidju fuq ir-rata tal-imgħax** | | |
| | ☐ **Self/Avvanzi li jitħallsu lura** | | |
| | ☐ **Garanzija (fejn xieraq b'referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni** ([10])**)** | | |
| | ☐ **Vantaġġ fiskali jew eżenzjoni mit-taxxa** | | |
| | ☐ **L-għoti ta' kapital ta' riskju** | | |
| | ☐ **Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)**<br>........................................<br>**Indika f'liema kategorija wiesgħa hawn taħt toqgħod l-iktar f'termini tal-effett/funzjoni tagħha:**<br>☐ **Għotja**<br>☐ **Self**<br>☐ **Garanzija**<br>☐ **Vantaġġ fiskali**<br>☐ **għoti ta' kapital ta' riskju** | | |
| ☐ **Jekk kofinanzjat minn fond(i) tal-UE** | **Isem il-fond(i) tal-UE:**<br>........................................<br>........................................ | **Ammont ta' fondi (skont il-fond tal-UE)**<br>..............................<br>.............................. | **Munita nazzjonali ...................... (ammonti sħaħ)**<br>..............................<br>.............................. |

([1]) NUTS - Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun huwa speċifikat fil-livell 2.

([2]) L-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE (status "A"), l-Artikolu 107(3)(ċ) tat-TFUE (status "C"), żoni mhux megħjuna jiġifieri żoni mhux eliġibbli għall-għajnuna reġjonali (status "N").

([3]) Intrapriża għall-finijiet tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament hija kull entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li bih tiġi ffinanzjata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-entitajiet li huma kkontrollati (fuq bażi legali jew fuq bażi de facto) mill-istess entità għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

([4]) Perjodu li matulu l-awtorità tal-għotja tista' timpenja ruħha sabiex tagħti l-għajnuna.

([5]) Iddeterminata b'mod konformi mal-Artikolu 2, punt 27 tar-Regolament

([6]) NACE Rev 2 - Klassifikazzjoni statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea. Tipikament, is-settur jiġi speċifikat fil-livell tal-grupp.

([7]) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna: Indika l-ammont globali annwali tal-baġit ippjanat skont l-iskema jew it-telf ta' taxxa stmat fis-sena għall-istrumenti kollha ta' għajnuna inklużi fl-iskema.

([8]) Fil-każ ta' għotja ta' għajnuna ad hoc: Indika l-ammont globali ta' għajnuna/telf ta' taxxa.

([9]) Għall-garanziji, indika l-ammont (massimu) ta' self garantit.

([10]) Fejn xieraq, referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ekwivalenti gross tal-għotja, skont l-Artikolu 5(2)(ċ) tar-Regolament.

▼M4

PARTI II

**trid tiġi pprovduta permezz tas-sistema ta' notifika elettronika stabbilita tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11**

Jekk jogħġbok indika skont liema dispożizzjoni tal-GBER hija implimentata l-miżura tal-għajnuna.

| Objettiv primarju - Objettivi Ġenerali (elenka) | Objettivi (elenka) | L-intensità massima tal-għajnuna f'% jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ) | SMEs - bonuses f'% |
|---|---|---|---|
| Għajnuna reġjonali - għajnuna għall-investiment (1) (Art. 14) | ☐ Skema | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna *ad hoc* | …% | …% |
| Għajnuna reġjonali - għajnuna operatorja (Art. 15) | ☐ F'żoni skarsament popolati (Art. 15(2)) | …% | …% |
| | ☐ F'żoni popolati skarsament ħafn (Art. 15(3)) | …% | …% |
| | ☐ Fir-reġjuni ultraperiferiċi (Art. 15(4)(b)) | …% | …% |
| ☐ Għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali (Art. 16) | | …. munita nazzjonali | …% |
| Għajnuna għall-SMEs (Art. 17 - 19b) | ☐ Għajnuna għall-investiment għall-SMEs (Art. 17) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għal konsulenza favur l-SMEs (Art. 18) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna lill-SMEs għall-parteċipazzjoni fil-fieri (Art. 19) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw -f'iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (community-led local development, CLLD) jew tal-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola (European Innovation Partnership, EIP) (Art. 19a) | …% | …% |
| | ☐ Ammonti limitati ta' għajnuna lill-SMEs li jibbenefikaw minn żvilupp lokali mmexxi mill- komunità ("CLLD") jew mill-proġett tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività agrikola u s-sostenibbiltà (EIP) (Art 19b) (2) | …munita nazzjonali | …% |
| Għajnuna għal Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Art. 20 - 20a) | ☐ Għajnuna għall-kostijiet mġarrba minn intrapriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Art. 20) | …% | …% |
| | ☐ Ammonti limitati ta' għajnuna lill-impriżi għall-parteċipazzjoni fi proġetti tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Art. 20a) (3) | …munita nazzjonali | …% |

▼M4

| Objettiv primarju - Objettivi Ġenerali (elenka) | Objettivi (elenka) | | L-intensità massima tal-għajnuna f'% jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ) | SMEs - bonuses f'% |
|---|---|---|---|---|
| Għajnuna għall-SMEs - aċċess tal-SMEs għal finanzjament (Art. 21 - 22) | ☐ Għajnuna għal finanzjament ta' riskju (Art. 21) | | …munita nazzjonali | …% |
| | ☐ Għajnuna tal-bidu ta' negozju (Art. 22) | | …munita nazzjonali | …% |
| ☐ Għajnuna għall-SMEs - Għajnuna lill-pjattaformi tal-kummerċ alternattivi speċjalizzati fl-SMEs (Art. 23) | | | …%; f'każ li l-miżura tal-għajnuna tieħu l-forma ta' għajnuna għall-bidu ta' negozju: …munita nazzjonali | …% |
| ☐ Għajnuna għall-SMEs - Għajnuna għall-ispejjeż tat-tfittix (Art. 24) | | | …% | …% |
| Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (Art. 25 - 30) | Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u żvilupp- (Art. 25) | ☐ Riċerka fundamentali (Art. 25(2)(a)) | …% | …% |
| | | ☐ Riċerka industrijali (Art. 25(2) b)) | …% | …% |
| | | ☐ Żvilupp sperimentali (Art. 25(2)(c)) | …% | …% |
| | | ☐ Studji tal-vijabbiltà (Art. 25(2)(d)) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għal proġetti mogħtija tikketta ta' kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza (Art. 25a) | | …munita nazzjonali | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-azzjonijiet Maria Skłodowska-Curie u azzjonijiet ta' Prova tal-Kunċett tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (Art. 25b) | | …munita nazzjonali | …% |
| | ☐ Għajnuna involuta fi proġetti kofinanzjati tar-riċerka u l-iżvilupp (Art. 25c) | | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għal Azzjonijiet għall-Ħolqien ta' Timijiet (Art. 25d) | | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi ta' riċerka (Art. 26) | | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għar-ragruppamenti ta' innovazzjoni (Art. 27) | | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-innovazzjoni lill-SMEs (Art. 28) | | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni (Art. 29) | | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (Art. 30) | | …% | …% |
| ☐ Għajnuna għat-taħriġ (Art. 31) | | | …% | …% |

▼M4

| Objettiv primarju - Objettivi Ġenerali (elenka) | Objettivi (elenka) | L-intensità massima tal-għajnuna f'% jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ) | SMEs - bonuses f'% |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u għall-ħaddiema b'diżabilità (Art. 32 - 35) | ☐ Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji ta' pagi (Art. 32) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi (Art. 33) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità (Art. 34) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati (Art. 35) | …% | …% |
| Għajnuna għall-Protezzjoni Ambjentali (l-Art. 36 - 49) | ☐ Għajnuna għall-investiment li tippermetti lill-intrapriżi jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali jew jgħollu l-livell tal-protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-UE (Art. 36) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għal infrastruttura ta' ċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi tat-triq b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero (Art. 36a) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-adattament bikri għall-istandards tal-Unjoni futuri (Art. 37) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika (Art. 38) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija fil-bini fil-forma ta' strumenti finanzjarji (Art. 39) | …munita nazzjonali | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja (Art. 40) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (Art. 41) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (Art. 42) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'istallazzjonijiet ta' skala żgħira (Art. 43) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE (Art. 44 ta' dan ir-Regolament) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għar-rimedjar ta' siti kkontaminati (Art. 45) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali (Art. 46) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart (Art. 47) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-enerġija (Art. 48) | …% | …% |
| | ☐ Għajnuna għall-istudji ambjentali (Art. 49) | …% | …% |

▼M4

<table>
<tr><th>Objettiv primarju - Objettivi Ġenerali (elenka)</th><th colspan="2">Objettivi (elenka)</th><th>L-intensità massima tal-għajnuna f'%<br>jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ)</th><th>SMEs - bonuses f'%</th></tr>
<tr><td rowspan="3">☐ L-iskemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali (Art. 50)</td><td colspan="2">L-intensità massima tal-għajnuna</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="2">Tip ta' diżastru naturali</td><td colspan="2">☐ terremot<br>☐ valanga<br>☐ uqigħ tal-art<br>☐ għargħar<br>☐ tromba tal-arja<br>☐ uragan<br>☐ eruzzjoni vulkanika<br>☐ nirien fil-foresti</td></tr>
<tr><td colspan="2">Id-data ta' meta seħħ id-diżastru naturali</td><td colspan="2">jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda (Art. 51)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għal networks fissi tal-broadband (Art. 52)</td><td>…munita nazzjonali</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għan-networks mobbli 4G u 5G (Art. 52a)</td><td>…munita nazzjonali</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali trans-Ewropea (Art. 52b)</td><td>…munita nazzjonali</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Vawċers tal-konnettività (Art. 52c)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju (Art. 53)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3" rowspan="2">☐ Skemi ta' għajnuna għal xogħlijiet awdjoviżivi (Art. 54)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għall-infrastruttura tal-isport u għall-infrastruttura ta' rikreazzjoni multifunzjonali (Art. 55)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi lokali (Art. 56)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għal ajruporti reġjonali (Art. 56a)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għal portijiet marittimi (Art. 56b)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għal portijiet interni (Art. 56c)</td><td>…%</td><td>…%</td></tr>
<tr><td rowspan="3">Għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji appoġġati mill-Fond InvestEU (Art. 56d - 56f)</td><td rowspan="3">Art. 56e</td><td>☐ Għajnuna għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali trans-Ewropea ffinanzjati skont ir-[Regolament (UE) 2021/1153 jew li jkunu ngħataw tikketta ta' kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont dak ir-Regolament; (Art. 56e(2))</td><td>…munita nazzjonali</td><td>…%</td></tr>
<tr><td>☐ Għajnuna għal investimenti f'networks tal-broadband fissi biex jiġu konnessi biss ċerti muturi soċjoekonomiċi eliġibbli (Art. 56e (3))</td><td>…munita nazzjonali</td><td>…%</td></tr>
<tr><td>☐ Għajnuna għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija (Art. 56e (4))</td><td>…munita nazzjonali</td><td>…%</td></tr>
</table>

▼**M4**

| Objettiv primarju - Objettivi Ġenerali (elenka) | Objettivi (elenka) | | L-intensità massima tal-għajnuna f'% jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ) | SMEs - bonuses f'% |
|---|---|---|---|---|
| | | ☐ Għajnuna għall-infrastruttura u l-attivitajiet soċjali, edukattivi, kulturali u tal-wirt naturali (Art. 56e (5)) | …munita nazzjonali | …% |
| | | ☐ Għajnuna għat-trasport u għall-infrastrutturi tat-trasport (Art. 56e (6)) | …munita nazzjonali | …% |
| | | ☐ Għajnuna għal infrastrutturi oħra (Art. 56e(7) | …munita nazzjonali | …% |
| | | ☐ Għajnuna għall-protezzjoni ambjentali, inkluża l-protezzjoni tal-klima (Art. 56e (8)) | …munita nazzjonali | …% |
| | | ☐ Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni (Art. 56e (9)) | …munita nazzjonali | …% |
| | | ☐ Għajnuna fil-forma ta' finanzjament appoġġat mill-Fond InvestEU pprovduta lill-SMEs jew lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (Art. 56e(10)) | …munita nazzjonali | …% |
| | ☐ Għajnuna involuta fi prodotti finanzjarji intermedjati mmexxija kummerċjalment appoġġati mill-Fond InvestEU (Art. 56f) | | …munita nazzjonali | …% |

([1]) Fil-każ ta' għajnuna reġjonali *ad hoc* li tissupplimenta għajnuna mogħtija skont skema/i ta' għajnuna, jekk jogħġbok indika kemm l-intensità tal-għajnuna mogħtija bl-iskema kif ukoll l-intensità tal-għajnuna *ad hoc*.

([2]) Skont l-Artikolu 11(1), ir-rappurtar dwar l-għajnuna mogħtija skont l-Artikolu 19b mhuwiex obbligatorju. Ir-rappurtar dwar għajnuna bħal din huwa, għalhekk, sempliċiment fakultattiv.

([3]) Skont l-Artikolu 11(1), ir-rappurtar dwar l-għajnuna mogħtija skont l-Artikolu 20a mhuwiex obbligatorju. Ir-rappurtar dwar għajnuna bħal din huwa, għalhekk, sempliċiment fakultattiv.

▼B

*ANNESS III*

**Dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 9(1)**

L-Istati Membri jorganizzaw il-websajts li jinftiehmu tagħhom dwar l-għajnuna mill-Istat, li fuqhom l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(1) trid tiġi ppubblikata, b'tali mod li jippermettu aċċess faċli għall-informazzjoni. L-informazzjoni tiġi ppubblikata f'format ta' spreadsheet tad-dejta, li jippermetti li d-dejta tiġi mfittxa, estratta u ppubblikata faċilment fuq l-Internet, pereżempju f'format CSV jew XML. L-aċċess għall-websajt jingħata lil kull parti interessata mingħajr restrizzjonijiet. Ma hi meħtieġa ebda reġistrazzjoni tal-utent minn qabel biex jingħata aċċess għall-websajt.

L-informazzjoni li ġejja dwar għotjiet individwali kif stabbilita fl-Artikolu 9(1)(c) tiġi ppubblikata:

— L-isem tal-benefiċjarju

— L-identifikatur tal-benefiċjarju

— It-tip ta' intrapriża (IŻM/kbira) fiż-żmien tal-għotja

— Ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju, fil-livell NUTS II ([1])

— Is-settur ta' attività fil-livell tal-grupp NACE ([2])

— Element tal-għajnuna, mogħti bħala ammont sħiħ fil-munita nazzjonali ([3])

— Strument tal-għajnuna ([4]) (Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax, Self/Ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu lura/Għotja rimborsabbli, Garanzija, Vantaġġ fiskali jew eżenzjoni mit-taxxa, Finanzjament tar-Riskju, Oħrajn (speċifika))

— Data tal-għotja

— Għan tal-għajnuna

— L-awtorità tal-għotja

— Għal skemi skont l-Artikoli 16 u 21, l-isem tal-entità inkarigata, u l-ismijiet tal-intermedjarji finanzjarji magħżula;

— Referenza għall-miżura ta' għajnuna ([5]).

---

([1]) NUTS — Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun huwa speċifikat fil-Livell 2.

([2]) ►M1 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1). ◄

([3]) ►M1 ►C2 L-ekwivalenti tal-għotja gross, jew għal miżuri skont l-Artikoli 16, 21, 22 jew 39 ta’ dan ir-Regolament, l-ammont ta’ investiment. ◄ ◄ Għall-għajnuna operatorja, l-ammont annwali ta' għajnuna għal kull benefiċjarju tista' tiġi pprovduta. Għal skemi fiskali u għal skemi skont l-Artikoli 16 (Għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali) u 21 (Għajnuna ta' finanzjament ta' riskju), dan l-ammont jista' jiġi pprovdut permezz tal-firxa stabbilita fl-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament.

([4]) Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' bosta strumenti ta' għajnuna, l-ammont tal-għajnuna jiġi pprovdut minn strument.

([5]) Kif provdut mill-Kummissjoni bil-proċedura elettronika msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.